[3] Id-Direttiva 2009/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-issimplifikar tat-termini u l-kundizzjonijiet tat-trasferimenti ta' prodotti relatati mad-difiża fil-Komunità (ĠU L 146, 10.6.2009, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2009/43/oj).

Or. en

Emenda 19
Pierre-Romain Thionnet, Virginie Joron

Proposta għal direttiva
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) It-trasferimenti ta' prodotti relatati mad-difiża fl-Unjoni huma soġġetti għal awtorizzazzjoni minn qabel permezz ta' liċenzji ġenerali, globali jew individwali ta' trasferiment mogħtija jew ippubblikati mill-Istat Membru li mit-territorju tiegħu, il-fornitur ikun jixtieq jittrasferixxi prodotti relatati mad-difiża. L-Istati Membri jistgħu jeżentaw it-trasferimenti ta' prodotti relatati mad-difiża mill-obbligu ta' awtorizzazzjoni minn qabel fil-każijiet speċifiċi elenkati fid-Direttiva 2009/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3]. Fid-dawl tal-iżviluppi fis-sitwazzjoni tas-sigurtà u l-introduzzjoni ta' programmi industrijali tad-difiża tal-Unjoni, li għandhom l-għan b'mod partikolari li jsaħħu l-kooperazzjoni transfruntiera fl-Unjoni, jixraq li tiġi estiża l-lista ta' każijiet li fihom l-Istati Membri jistgħu jeżentaw it-trasferimenti minn awtorizzazzjoni minn qabel. B'mod partikolari, jenħtieġ li tingħata tali possibbiltà fir-rigward tat-trasferimenti neċessarji għall-implimentazzjoni tal-proġetti ffinanzjati mill-programmi industrijali tad-difiża tal-Unjoni, it-trasferimenti fil-qafas ta' sħubijiet industrijali transfruntieri strutturati, it-trasferimenti ***lill-istituzzjonijiet u*** lill-korpi tal-Unjoni u lill-Aġenzija Ewropea għad-Difiża, it-trasferimenti fil-każ ta' emerġenza li tirriżulta minn kriżi u t-trasferimenti marbuta mal-assistenza militari u tad-difiża li jirriżultaw minn azzjonijiet tal-Unjoni skont l-Artikolu 28 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. .	(3) It-trasferimenti ta' prodotti relatati mad-difiża fl-Unjoni huma soġġetti għal awtorizzazzjoni minn qabel permezz ta' liċenzji ġenerali, globali jew individwali ta' trasferiment mogħtija jew ippubblikati mill-Istat Membru li mit-territorju tiegħu, il-fornitur ikun jixtieq jittrasferixxi prodotti relatati mad-difiża. L-Istati Membri jistgħu jeżentaw it-trasferimenti ta' prodotti relatati mad-difiża mill-obbligu ta' awtorizzazzjoni minn qabel fil-każijiet speċifiċi elenkati fid-Direttiva 2009/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3]. Fid-dawl tal-iżviluppi fis-sitwazzjoni tas-sigurtà u l-introduzzjoni ta' programmi industrijali tad-difiża tal-Unjoni, li għandhom l-għan b'mod partikolari li jsaħħu l-kooperazzjoni transfruntiera fl-Unjoni, jixraq li tiġi estiża l-lista ta' każijiet li fihom l-Istati Membri jistgħu jeżentaw it-trasferimenti minn awtorizzazzjoni minn qabel. B'mod partikolari, jenħtieġ li tingħata tali possibbiltà fir-rigward tat-trasferimenti neċessarji għall-implimentazzjoni tal-proġetti ffinanzjati mill-programmi industrijali tad-difiża tal-Unjoni, it-trasferimenti fil-qafas ta' sħubijiet industrijali transfruntieri strutturati, it-trasferimenti lill-korpi tal-Unjoni u lill-Aġenzija Ewropea għad-Difiża, it-trasferimenti fil-każ ta' emerġenza li tirriżulta minn kriżi u t-trasferimenti marbuta mal-assistenza militari u tad-difiża li jirriżultaw minn azzjonijiet tal-Unjoni skont l-Artikolu 28 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. .
[3] Id-Direttiva 2009/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-issimplifikar tat-termini u l-kundizzjonijiet tat-trasferimenti ta' prodotti relatati mad-difiża fil-Komunità (ĠU L	[3] Id-Direttiva 2009/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-issimplifikar tat-termini u l-kundizzjonijiet tat-trasferimenti ta' prodotti relatati mad-difiża fil-Komunità (ĠU L

146, 10.6.2009, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2009/43/oj).	146, 10.6.2009, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2009/43/oj).

Or. en

Emenda 20
Pierre-Romain Thionnet, Virginie Joron

Proposta għal direttiva
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Sistema ta' trasferiment li tiffunzjona tajjeb bejn l-Istati Membri hija prerekwiżit għal suq tad-difiża fil-livell tal-Unjoni kollha. Ix-xenarju tas-sigurtà li qed jevolvi malajr jirrikjedi flessibbiltà addizzjonali li tippermetti lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jirreaġixxu b'mod immirat u aġli. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea biex tiddefinixxi ċerti elementi mhux essenzjali tal-qafas ta' trasferiment. Tali atti delegati jistgħu jiddefinixxu approċċ armonizzat għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 4(8), bħad-definizzjoni ta' komponenti "sensittivi" jew bl-introduzzjoni ta' regola de minimis. Barra minn hekk, jixraq li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa, jew fuq talba ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva proprja, li żżid każijiet ġodda li fihom l-Istati Membri jkunu jistgħu jintroduċu eżenzjonijiet mill-obbligu ta' awtorizzazzjoni minn qabel, u b'hekk jippermettu żieda fil-flessibbiltà u fil-potenzjal ta' trasferimenti intra-Unjoni simplifikati u aċċellerati ta' prodotti relatati mad-difiża.	***imħassar***

Or. en

Emenda 21
Stefano Cavedagna

Proposta għal direttiva
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Sistema ta' trasferiment li tiffunzjona tajjeb bejn l-Istati Membri hija prerekwiżit għal suq tad-difiża fil-livell tal-Unjoni kollha. Ix-xenarju tas-sigurtà li qed jevolvi malajr jirrikjedi flessibbiltà addizzjonali li tippermetti lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jirreaġixxu b'mod immirat u aġli. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea biex tiddefinixxi ċerti elementi mhux essenzjali tal-qafas ta' trasferiment. Tali atti delegati jistgħu jiddefinixxu approċċ armonizzat għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 4(8), bħad-definizzjoni ta' komponenti "sensittivi" jew bl-introduzzjoni ta' regola de minimis. Barra minn hekk, jixraq li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa, jew fuq talba ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva proprja, li żżid każijiet ġodda li fihom l-Istati Membri jkunu jistgħu jintroduċu eżenzjonijiet mill-obbligu ta' awtorizzazzjoni minn qabel, u b'hekk jippermettu żieda fil-flessibbiltà u fil-potenzjal ta' trasferimenti intra-Unjoni simplifikati u aċċellerati ta' prodotti relatati mad-difiża.	***imħassar***

Or. en

Emenda 22
Anna-Maja Henriksson, Pekka Toveri

Proposta għal direttiva
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Sistema ta' trasferiment li tiffunzjona tajjeb bejn l-Istati Membri hija prerekwiżit għal suq tad-difiża fil-livell tal-Unjoni kollha. Ix-xenarju tas-sigurtà li qed jevolvi malajr jirrikjedi flessibbiltà addizzjonali li tippermetti lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jirreaġixxu b'mod immirat u aġli. ***Għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea biex tiddefinixxi ċerti elementi mhux essenzjali tal-qafas ta' trasferiment. Tali atti delegati jistgħu jiddefinixxu*** approċċ armonizzat għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 4(8), bħad-definizzjoni ta' komponenti "sensittivi" jew bl-introduzzjoni ta' regola de minimis. ***Barra minn hekk, jixraq li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa, jew fuq talba ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva proprja, li żżid każijiet ġodda li fihom l-Istati Membri jkunu jistgħu jintroduċu eżenzjonijiet mill-obbligu ta' awtorizzazzjoni minn qabel, u b'hekk jippermettu żieda fil-flessibbiltà u fil-potenzjal ta' trasferimenti intra-Unjoni simplifikati u aċċellerati ta' prodotti relatati mad-difiża***.	(4) Sistema ta' trasferiment li tiffunzjona tajjeb bejn l-Istati Membri hija prerekwiżit għal suq tad-difiża fil-livell tal-Unjoni kollha. Ix-xenarju tas-sigurtà li qed jevolvi malajr jirrikjedi flessibbiltà addizzjonali li tippermetti lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jirreaġixxu b'mod immirat u aġli***, filwaqt li jirrispettaw il-kompetenzi nazzjonali tal-Istati Membri fir-rigward tad-difiża***. ***Għal dak il-għan,*** approċċ armonizzat ***jista' jiġi ddefinit*** għall-implimentazzjoni tal-Artikolu ***4(5) u l-Artikolu*** 4(8), ***bħad-definizzjoni ta' kundizzjonijiet armonizzati għall-Istati Membri biex jiddeterminaw liema tip ta' liċenzja ta' trasferiment jenħtieġ li tiġi applikata għal prodotti speċifiċi relatati mad-difiża jew kategoriji ta' prodotti relatati mad-difiża,*** bħad-definizzjoni ta' komponenti "sensittivi" jew bl-introduzzjoni ta' regola de minimis. ***Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 4, il-paragrafi 5 u 8 tad-Direttiva 2009/43/KE, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Dawn is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*.*** ***Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2011/182/oj)***.
	Or. en

Emenda 23

Pierfrancesco Maran, Yannis Maniatis, Raphaël Glucksmann, Costas Mavrides, Brando Benifei, José Cepeda

Proposta għal direttiva
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Sistema ta' trasferiment li tiffunzjona tajjeb bejn l-Istati Membri hija prerekwiżit għal suq tad-difiża fil-livell tal-Unjoni kollha. Ix-xenarju tas-sigurtà li qed jevolvi malajr jirrikjedi flessibbiltà addizzjonali li tippermetti lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jirreaġixxu b'mod immirat u aġli. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea biex tiddefinixxi ċerti elementi mhux essenzjali tal-qafas ta' trasferiment. Tali atti delegati ***jistgħu*** jiddefinixxu approċċ armonizzat għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 4(8), bħad-definizzjoni ta' komponenti "sensittivi" jew bl-introduzzjoni ta' regola de minimis. Barra minn hekk, jixraq li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa, jew fuq talba ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva proprja, li żżid każijiet ġodda li fihom l-Istati Membri jkunu jistgħu jintroduċu eżenzjonijiet mill-obbligu ta' awtorizzazzjoni minn qabel, u b'hekk jippermettu żieda fil-flessibbiltà u fil-potenzjal ta' trasferimenti intra-Unjoni simplifikati u aċċellerati ta' prodotti relatati mad-difiża.	(4) Sistema ta' trasferiment li tiffunzjona tajjeb bejn l-Istati Membri hija prerekwiżit għal suq tad-difiża fil-livell tal-Unjoni kollha. Ix-xenarju tas-sigurtà li qed jevolvi malajr jirrikjedi flessibbiltà addizzjonali li tippermetti lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jirreaġixxu b'mod immirat u aġli. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea biex tiddefinixxi ċerti elementi mhux essenzjali tal-qafas ta' trasferiment. Tali atti delegati ***jenħtieġ li*** jiddefinixxu approċċ armonizzat għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 4(8), bħad-definizzjoni ta' komponenti "sensittivi" jew bl-introduzzjoni ta' regola de minimis. Barra minn hekk, jixraq li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa, jew fuq talba ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva proprja, li żżid każijiet ġodda li fihom l-Istati Membri jkunu jistgħu jintroduċu eżenzjonijiet mill-obbligu ta' awtorizzazzjoni minn qabel, u b'hekk jippermettu żieda fil-flessibbiltà u fil-potenzjal ta' trasferimenti intra-Unjoni simplifikati u aċċellerati ta' prodotti relatati mad-difiża.

Or. en

Emenda 24
Klara Dostalova

Proposta għal direttiva
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(4) Sistema ta’ trasferiment li tiffunzjona tajjeb bejn l-Istati Membri hija prerekwiżit għal suq tad-difiża fil-livell tal-Unjoni kollha. Ix-xenarju tas-sigurtà li qed jevolvi malajr jirrikjedi flessibbiltà addizzjonali li tippermetti lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jirreaġixxu b’mod immirat u aġli. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti ***delegati*** f’konformità mal-Artikolu ***290*** tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea biex tiddefinixxi ċerti elementi mhux essenzjali tal-qafas ta’ trasferiment. Tali atti ***delegati*** jistgħu jiddefinixxu approċċ armonizzat għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 4(8), bħad-definizzjoni ta’ komponenti “sensittivi” jew bl-introduzzjoni ta’ regola de minimis. Barra minn hekk, jixraq li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa, jew fuq talba ta’ Stat Membru jew fuq inizjattiva proprja, li żżid każijiet ġodda li fihom l-Istati Membri jkunu jistgħu jintroduċu eżenzjonijiet mill-obbligu ta’ awtorizzazzjoni minn qabel, u b’hekk jippermettu żieda fil-flessibbiltà u fil-potenzjal ta’ trasferimenti intra-Unjoni simplifikati u aċċellerati ta’ prodotti relatati mad-difiża.	(4) Sistema ta’ trasferiment li tiffunzjona tajjeb bejn l-Istati Membri hija prerekwiżit għal suq tad-difiża fil-livell tal-Unjoni kollha. Ix-xenarju tas-sigurtà li qed jevolvi malajr jirrikjedi flessibbiltà addizzjonali li tippermetti lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jirreaġixxu b’mod immirat u aġli. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti ***ta’ implimentazzjoni*** f’konformità mal-Artikolu ***291(2)*** tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea biex tiddefinixxi ċerti elementi mhux essenzjali tal-qafas ta’ trasferiment. Tali atti ***ta’ implimentazzjoni*** jistgħu jiddefinixxu approċċ armonizzat għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 4(8), bħad-definizzjoni ta’ komponenti “sensittivi” jew bl-introduzzjoni ta’ regola de minimis. Barra minn hekk, jixraq li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa, jew fuq talba ta’ Stat Membru jew fuq inizjattiva proprja, li żżid każijiet ġodda li fihom l-Istati Membri jkunu jistgħu jintroduċu eżenzjonijiet mill-obbligu ta’ awtorizzazzjoni minn qabel, u b’hekk jippermettu żieda fil-flessibbiltà u fil-potenzjal ta’ trasferimenti intra-Unjoni simplifikati u aċċellerati ta’ prodotti relatati mad-difiża.

Or. en

Emenda 25
Jaroslava Pokorná Jermanová

Proposta għal direttiva
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Sistema ta’ trasferiment li tiffunzjona tajjeb bejn l-Istati Membri hija prerekwiżit għal suq tad-difiża fil-livell tal-Unjoni kollha. Ix-xenarju tas-sigurtà li qed jevolvi malajr jirrikjedi flessibbiltà addizzjonali li tippermetti lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jirreaġixxu b’mod	(4) Sistema ta’ trasferiment li tiffunzjona tajjeb bejn l-Istati Membri hija prerekwiżit għal suq tad-difiża fil-livell tal-Unjoni kollha. Ix-xenarju tas-sigurtà li qed jevolvi malajr jirrikjedi flessibbiltà addizzjonali li tippermetti lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jirreaġixxu b’mod

immirat u aġli. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea biex tiddefinixxi ċerti elementi mhux essenzjali tal-qafas ta' trasferiment. Tali atti delegati jistgħu jiddefinixxu approċċ armonizzat għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 4(8), bħad-definizzjoni ta' komponenti "sensittivi" jew bl-introduzzjoni ta' regola de minimis. Barra minn hekk, jixraq li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa, ***jew*** fuq talba ta' Stat Membru ***jew fuq inizjattiva proprja***, li żżid każijiet ġodda li fihom l-Istati Membri jkunu jistgħu jintroduċu eżenzjonijiet mill-obbligu ta' awtorizzazzjoni minn qabel, u b'hekk jippermettu żieda fil-flessibbiltà u fil-potenzjal ta' trasferimenti intra-Unjoni simplifikati u aċċellerati ta' prodotti relatati mad-difiża.	immirat u aġli. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea biex tiddefinixxi ċerti elementi mhux essenzjali tal-qafas ta' trasferiment. Tali atti delegati jistgħu jiddefinixxu approċċ armonizzat għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 4(8), bħad-definizzjoni ta' komponenti "sensittivi" jew bl-introduzzjoni ta' regola de minimis. Barra minn hekk, jixraq li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa, fuq talba ta' Stat Membru, li żżid każijiet ġodda li fihom l-Istati Membri jkunu jistgħu jintroduċu eżenzjonijiet mill-obbligu ta' awtorizzazzjoni minn qabel, u b'hekk jippermettu żieda fil-flessibbiltà u fil-potenzjal ta' trasferimenti intra-Unjoni simplifikati u aċċellerati ta' prodotti relatati mad-difiża.
	Or. en

Emenda 26
Hannah Neumann, Reinier Van Lanschot
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Sistema ta' trasferiment li tiffunzjona tajjeb bejn l-Istati Membri hija prerekwiżit għal suq tad-difiża fil-livell tal-Unjoni kollha. Ix-xenarju tas-sigurtà li qed jevolvi malajr jirrikjedi flessibbiltà addizzjonali li tippermetti lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jirreaġixxu b'mod immirat u aġli. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni ***tingħata s-setgħa li*** tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea biex tiddefinixxi ċerti elementi mhux essenzjali tal-qafas ta' trasferiment. Tali atti delegati ***jistgħu*** jiddefinixxu	(4) Sistema ta' trasferiment li tiffunzjona tajjeb bejn l-Istati Membri***, akkumpanjata minn qafas robust għal kontrolli restrittivi tal-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi,*** hija prerekwiżit għal suq tad-difiża fil-livell tal-Unjoni kollha. Ix-xenarju tas-sigurtà li qed jevolvi malajr jirrikjedi flessibbiltà addizzjonali li tippermetti lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jirreaġixxu b'mod immirat u aġli. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea biex

approċċ armonizzat għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 4(8), bħad-definizzjoni ta' komponenti "sensittivi" jew bl-introduzzjoni ta' regola de minimis. Barra minn hekk, jixraq li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa***, jew fuq talba ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva proprja,*** li żżid każijiet ġodda li fihom l-Istati Membri ***jkunu jistgħu*** jintroduċu eżenzjonijiet mill-obbligu ta' awtorizzazzjoni minn qabel, u b'hekk jippermettu ***żieda fil-flessibbiltà u fil-potenzjal ta'*** trasferimenti intra-Unjoni simplifikati u aċċellerati ta' prodotti relatati mad-difiża.	tiddefinixxi ċerti elementi mhux essenzjali tal-qafas ta' trasferiment. Tali atti delegati ***jenħtieġ li*** jiddefinixxu approċċ armonizzat għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 4(8), bħad-definizzjoni ta' komponenti "sensittivi" jew bl-introduzzjoni ta' regola de minimis. Barra minn hekk, jixraq li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li żżid każijiet ġodda li fihom l-Istati Membri ***jridu*** jintroduċu eżenzjonijiet mill-obbligu ta' awtorizzazzjoni minn qabel, u b'hekk jippermettu trasferimenti intra-Unjoni simplifikati u aċċellerati ta' prodotti relatati mad-difiża.

Or. en

Emenda 27
Kamila Gasiuk-Pihowicz

Proposta għal direttiva
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Sistema ta' trasferiment li tiffunzjona tajjeb bejn l-Istati Membri hija prerekwiżit għal suq tad-difiża fil-livell tal-Unjoni kollha. Ix-xenarju tas-sigurtà li qed jevolvi malajr jirrikjedi flessibbiltà addizzjonali li tippermetti lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jirreaġixxu b'mod immirat u aġli. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea biex tiddefinixxi ċerti elementi mhux essenzjali tal-qafas ta' trasferiment. Tali atti delegati jistgħu jiddefinixxu approċċ armonizzat għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 4(8), bħad-definizzjoni ta' komponenti "sensittivi" jew bl-introduzzjoni ta' regola de minimis. Barra minn hekk, jixraq li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa, jew fuq talba ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva proprja, li żżid każijiet ġodda li fihom l-Istati Membri	(4) Sistema ta' trasferiment li tiffunzjona tajjeb bejn l-Istati Membri hija prerekwiżit għal suq tad-difiża fil-livell tal-Unjoni kollha***, li trawwem il-kooperazzjoni transfruntiera bejn l-entitajiet ekonomiċi li joperaw fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża, ittejjeb it-trasferiment tal-għarfien bejn l-entitajiet mill-Unjoni kollha, theġġeġ l-innovazzjoni u tapprofondixxi s-Suq Uniku***. Ix-xenarju tas-sigurtà li qed jevolvi malajr jirrikjedi flessibbiltà addizzjonali li tippermetti lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jirreaġixxu b'mod immirat u aġli. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea biex tiddefinixxi ċerti elementi mhux essenzjali tal-qafas ta' trasferiment. Tali atti delegati jistgħu jiddefinixxu approċċ armonizzat għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 4(8), bħad-definizzjoni ta'

jkunu jistgħu jintroduċu eżenzjonijiet mill-obbligu ta’ awtorizzazzjoni minn qabel, u b’hekk jippermettu żieda fil-flessibbiltà u fil-potenzjal ta’ trasferimenti intra-Unjoni simplifikati u aċċellerati ta’ prodotti relatati mad-difiża.

komponenti “sensittivi” jew bl-introduzzjoni ta’ regola de minimis. Barra minn hekk, jixraq li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa, jew fuq talba ta’ Stat Membru jew fuq inizjattiva proprja, li żżid każijiet ġodda li fihom l-Istati Membri jkunu jistgħu jintroduċu eżenzjonijiet mill-obbligu ta’ awtorizzazzjoni minn qabel, u b’hekk jippermettu żieda fil-flessibbiltà u fil-potenzjal ta’ trasferimenti intra-Unjoni simplifikati u aċċellerati ta’ prodotti relatati mad-difiża.

Or. en

Emenda 28
Hannah Neumann, Reinier Van Lanschot
f’isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) Meta jitqies li jenħtieġ li l-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea tinkludi miżuri speċifiċi li għandhom l-għan li jagħtu ħajja ġdida lir-raggruppamenti f’reġjuni li jispeċjalizzaw fl-industrija tad-difiża, it-teknoloġiji doppji jew industriji relatati bħas-semikondutturi u l-manifattura tal-elettronika, filwaqt li ssaħħaħ ukoll il-ktajjen tal-provvista kritiċi għall-materjali tad-difiża biex jiġu żgurati r-reżiljenza u s-sostenibbiltà u jiġi estiżi l-benefiċċji ta’ tali kooperazzjoni għal Stati Membri oħra; meta titqies ukoll il-ħtieġa ta’ kooperazzjoni msaħħa tal-UE dwar il-produzzjoni billi l-kumpaniji Ewropej jiġu mħeġġa jżidu l-kooperazzjoni bejniethom permezz ta’ sħubijiet industrijali transfruntieri u b’hekk jissaħħaħ ir-rwol tas-sottokuntratturi Ewropej fil-proċessi ta’ produzzjoni; meta jitqies li r-raggruppamenti u s-sħubijiet industrijali t-tnejn għandhom rwol kruċjali fit-tishiħ

	tal-kompetittività, l-innovazzjoni u r-reżiljenza tal-industrija tad-difiża tal-Unjoni billi jrawmu l-kooperazzjoni bejn il-fruntieri nazzjonali, jenħtieġ li jiġu ffaċilitati t-trasferimenti ta' prodotti relatati mad-difiża f'tali raggruppamenti jew sħubijiet. Sabiex tiġi ffaċilitata l-effiċjenza operazzjonali tagħhom u tiġi żgurata l-flessibbiltà fil-ktajjen tal-provvista, huwa xieraq li l-Istati Membri jingħataw is-setgħa li jeżentaw it-trasferimenti f'raggruppamenti reġjonali tal-EDTIB u sħubijiet industrijali transfruntieri mill-obbligu ta' awtorizzazzjoni minn qabel.

Or. en

Emenda 29
Pierre-Romain Thionnet, Virginie Joron

Proposta għal direttiva
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Barra minn hekk, għall-istess raġunijiet bħal dawk stabbiliti fil-premessa 4, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiġi ddelegata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea biex tiddefinixxi l-kundizzjonijiet armonizzati għall-Istati Membri biex jiddeterminaw liema tip ta' liċenzja ta' trasferiment jenħtieġ li tiġi applikata għal prodotti speċifiċi relatati mad-difiża jew għal kategoriji ta' prodotti relatati mad-difiża.	***imħassar***

Or. en

Emenda 30
Stefano Cavedagna

Proposta għal direttiva
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Barra minn hekk, għall-istess raġunijiet bħal dawk stabbiliti fil-premessa 4, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiġi ddelegata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea biex tiddefinixxi l-kundizzjonijiet armonizzati għall-Istati Membri biex jiddeterminaw liema tip ta' liċenzja ta' trasferiment jenħtieġ li tiġi applikata għal prodotti speċifiċi relatati mad-difiża jew għal kategoriji ta' prodotti relatati mad-difiża.	***imħassar***

Or. en

Emenda 31
Anna-Maja Henriksson, Pekka Toveri

Proposta għal direttiva
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Barra minn hekk, għall-istess raġunijiet bħal dawk stabbiliti fil-premessa 4, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiġi ddelegata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea biex tiddefinixxi l-kundizzjonijiet armonizzati għall-Istati Membri biex jiddeterminaw liema tip ta' liċenzja ta' trasferiment jenħtieġ li tiġi applikata għal prodotti speċifiċi relatati mad-difiża jew għal kategoriji ta' prodotti relatati mad-difiża.	***imħassar***

Or. en

Emenda 32
Jaroslava Pokorná Jermanová

Proposta għal direttiva
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Barra minn hekk, għall-istess raġunijiet bħal dawk stabbiliti fil-premessa 4, ***jenħtieġ li l-Kummissjoni tiġi ddelegata s-setgħa*** li ***tadotta atti f'konformità mal-Artikolu*** 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ***biex tiddefinixxi l-kundizzjonijiet armonizzati għall-Istati Membri biex jiddeterminaw liema tip ta' liċenzja ta' trasferiment jenħtieġ li tiġi applikata għal prodotti speċifiċi relatati mad-difiża jew għal kategoriji ta' prodotti relatati mad-difiża***.	(5) Barra minn hekk, għall-istess raġunijiet bħal dawk stabbiliti fil-premessa 4, ***is-setgħa*** li ***jiġu ddefiniti l-kundizzjonijiet li taħthom jiġu applikati l-liċenzji ta' trasferiment għal prodotti speċifiċi relatati mad-difiża jew kategoriji ta' tali prodotti għandha tkun primarjament tal-Istati Membri, b'rispett sħiħ tas-sigurtà nazzjonali u l-kompetenzi ta' kontroll tal-esportazzjoni tagħhom. Il-Kummissjoni tista', f'konsultazzjoni mal-Istati Membri, tipprovdi gwida mhux vinkolanti jew tiffaċilita l-koordinazzjoni meta jkun neċessarju biex tiżgura l-konsistenza, iżda jenħtieġ li ma tadottax atti delegati li jiddeterminaw kundizzjonijiet armonizzati skont l-Artikolu*** 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Or. en

Emenda 33
Pierfrancesco Maran, Yannis Maniatis, Raphaël Glucksmann, Costas Mavrides, Brando Benifei, José Cepeda

Proposta għal direttiva
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Sabiex jitrawwem l-użu taċ-ċertifikazzjoni mir-riċevituri u biex jiġu ffaċilitati l-kollaborazzjoni transfruntiera u l-ftuħ tal-ktajjen tal-provvista fl-Unjoni, jixraq li tiġi estiża l-liċenzja ġenerali ta' trasferiment għat-trasferimenti lil riċevituri ċċertifikati sabiex tkopri wkoll it-trasferimenti minn entitajiet iċċertifikati.	(7) Sabiex jitrawwem l-użu taċ-ċertifikazzjoni mir-riċevituri u biex jiġu ffaċilitati l-kollaborazzjoni transfruntiera u l-ftuħ tal-ktajjen tal-provvista fl-Unjoni, jixraq li tiġi estiża l-liċenzja ġenerali ta' trasferiment għat-trasferimenti lil riċevituri ċċertifikati sabiex tkopri wkoll it-trasferimenti minn entitajiet iċċertifikati.

Dawn l-impriżi wrew kapaċità qawwija li jikkonformaw mar-regoli dwar it-trasferiment u l-kontroll tal-esportazzjoni u appoġġaw ukoll kostijiet importanti biex jiksbu ċ-ċertifikazzjoni. Jenħtieġ li jitħallew jibbenefikaw minn possibbiltajiet simplifikati u inqas ta' piż biex iwettqu trasferimenti intra-Unjoni.	Dawn l-impriżi wrew kapaċità qawwija li jikkonformaw mar-regoli dwar it-trasferiment u l-kontroll tal-esportazzjoni u appoġġaw ukoll kostijiet importanti biex jiksbu ċ-ċertifikazzjoni. Jenħtieġ li jitħallew jibbenefikaw minn possibbiltajiet simplifikati u inqas ta' piż biex iwettqu trasferimenti intra-Unjoni. ***Barra minn hekk, bil-għan li jiġu appoġġati l-innovazzjoni u l-SMEs fl-Unjoni, il-liċenzja ġenerali ta' trasferiment jenħtieġ li tiġi estiża wkoll għal trasferimenti li għandhom l-għan li jappoġġaw teknoloġiji fixkiela jew proċessi industrijali innovattivi.***

Or. en

Emenda 34
Jaroslava Pokorná Jermanová

Proposta għal direttiva
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Id-Direttiva 2009/43/KE tipprevedi li l-Istati Membri jistgħu jintroduċu liċenzji ġenerali ta' trasferiment minbarra dawk elenkati fl-Artikolu 5(2) ta' dik id-Direttiva. Madankollu, dik il-possibbiltà tista' tiġi imxekkla minn regoli nazzjonali li jillimitaw il-flessibbiltà ***u l-kapaċità tal-awtoritajiet ta' kontroll nazzjonali*** li jieħdu vantaġġ sħiħ mill-istrumenti introdotti mid-Direttiva 2009/43/KE. Pereżempju, tipi addizzjonali ta' liċenzji ġenerali ta' trasferiment jistgħu jikkonċernaw trasferimenti neċessarji għall-implimentazzjoni ta' proġetti ffinanzjati minn programmi industrijali tad-difiża tal-Unjoni, trasferimenti intragrupp jew trasferimenti fil-każ ta' urġenza li tirriżulta minn kriżi. Għalhekk, jixraq li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jippermettu, fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom, l-introduzzjoni ta' liċenzji	(9) Id-Direttiva 2009/43/KE tipprevedi li l-Istati Membri jistgħu jintroduċu liċenzji ġenerali ta' trasferiment minbarra dawk elenkati fl-Artikolu 5(2) ta' dik id-Direttiva. Madankollu, dik il-possibbiltà tista' tiġi imxekkla minn regoli nazzjonali li jillimitaw il-flessibbiltà li jieħdu vantaġġ sħiħ mill-istrumenti introdotti mid-Direttiva 2009/43/KE. Pereżempju, tipi addizzjonali ta' liċenzji ġenerali ta' trasferiment jistgħu jikkonċernaw trasferimenti neċessarji għall-implimentazzjoni ta' proġetti ffinanzjati minn programmi industrijali tad-difiża tal-Unjoni, trasferimenti intragrupp jew trasferimenti fil-każ ta' urġenza li tirriżulta minn kriżi. Għalhekk, jixraq li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jippermettu, fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom, l-introduzzjoni ta' liċenzji ġenerali ta' trasferiment minbarra dawk elenkati fl-

ġenerali ta’ trasferiment minbarra dawk elenkati fl-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 2009/43/KE.	Artikolu 5(2) tad-Direttiva 2009/43/KE.

Or. en

Emenda 35
Hannah Neumann, Reinier Van Lanschot
f’isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Id-Direttiva 2009/43/KE tipprevedi li l-Istati Membri jistgħu jintroduċu liċenzji ġenerali ta’ trasferiment minbarra dawk elenkati fl-Artikolu 5(2) ta’ dik id-Direttiva. Madankollu, dik il-possibbiltà tista’ tiġi imxekkla minn regoli nazzjonali li jillimitaw il-flessibbiltà u l-kapaċità tal-awtoritajiet ta’ kontroll nazzjonali li jieħdu vantaġġ sħiħ mill-istrumenti introdotti mid-Direttiva 2009/43/KE. Pereżempju, tipi addizzjonali ta’ liċenzji ġenerali ta’ trasferiment jistgħu jikkonċernaw trasferimenti neċessarji għall-implimentazzjoni ta’ proġetti ffinanzjati minn programmi industrijali tad-difiża tal-Unjoni, trasferimenti intragrupp jew trasferimenti ***fil-każ ta’ urġenza li tirriżulta minn*** kriżi. Għalhekk, jixraq li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jippermettu, fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom, l-introduzzjoni ta’ liċenzji ġenerali ta’ trasferiment minbarra dawk elenkati fl-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 2009/43/KE.	(9) Id-Direttiva 2009/43/KE tipprevedi li l-Istati Membri jistgħu jintroduċu liċenzji ġenerali ta’ trasferiment minbarra dawk elenkati fl-Artikolu 5(2) ta’ dik id-Direttiva. Madankollu, dik il-possibbiltà tista’ tiġi imxekkla minn regoli nazzjonali li jillimitaw il-flessibbiltà u l-kapaċità tal-awtoritajiet ta’ kontroll nazzjonali li jieħdu vantaġġ sħiħ mill-istrumenti introdotti mid-Direttiva 2009/43/KE. Pereżempju, tipi addizzjonali ta’ liċenzji ġenerali ta’ trasferiment jistgħu jikkonċernaw trasferimenti neċessarji għall-implimentazzjoni ta’ proġetti ffinanzjati minn programmi industrijali tad-difiża tal-Unjoni, trasferimenti intragrupp jew trasferimenti ***li jseħħu waqt li jiġi attivat stat ta’*** kriżi ***fil-provvista skont l-Artikolu 44 jew 48 tar-Regolament EDIP***. Għalhekk, jixraq li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jippermettu, fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom, l-introduzzjoni ta’ liċenzji ġenerali ta’ trasferiment minbarra dawk elenkati fl-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 2009/43/KE.

Or. en

Emenda 36

Pierfrancesco Maran, Yannis Maniatis, Raphaël Glucksmann, Costas Mavrides, Brando Benifei, José Cepeda

Proposta għal direttiva
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Id-Direttiva 2009/43/KE tipprevedi li l-Istati Membri jistgħu jintroduċu liċenzji ġenerali ta' trasferiment minbarra dawk elenkati fl-Artikolu 5(2) ta' dik id-Direttiva. Madankollu, dik il-possibbiltà tista' tiġi imxekkla minn regoli nazzjonali li jillimitaw il-flessibbiltà u l-kapaċità tal-awtoritajiet ta' kontroll nazzjonali li jieħdu vantaġġ sħiħ mill-istrumenti introdotti mid-Direttiva 2009/43/KE. Pereżempju, tipi addizzjonali ta' liċenzji ġenerali ta' trasferiment jistgħu jikkonċernaw trasferimenti neċessarji għall-implimentazzjoni ta' proġetti ffinanzjati minn programmi industrijali tad-difiża tal-Unjoni, trasferimenti intragrupp jew trasferimenti fil-każ ta' ***urġenza li tirriżulta minn*** kriżi. Għalhekk, jixraq li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jippermettu, fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom, l-introduzzjoni ta' liċenzji ġenerali ta' trasferiment minbarra dawk elenkati fl-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 2009/43/KE.	(9) Id-Direttiva 2009/43/KE tipprevedi li l-Istati Membri jistgħu jintroduċu liċenzji ġenerali ta' trasferiment minbarra dawk elenkati fl-Artikolu 5(2) ta' dik id-Direttiva. Madankollu, dik il-possibbiltà tista' tiġi imxekkla minn regoli nazzjonali li jillimitaw il-flessibbiltà u l-kapaċità tal-awtoritajiet ta' kontroll nazzjonali li jieħdu vantaġġ sħiħ mill-istrumenti introdotti mid-Direttiva 2009/43/KE. Pereżempju, tipi addizzjonali ta' liċenzji ġenerali ta' trasferiment jistgħu jikkonċernaw trasferimenti neċessarji għall-implimentazzjoni ta' proġetti ffinanzjati minn programmi industrijali tad-difiża tal-Unjoni, trasferimenti intragrupp jew trasferimenti fil-każ ta' kriżi ***kif definit fl-Artikolu 1, il-punt (10) tad-Direttiva 2009/81/KE***. Għalhekk, jixraq li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jippermettu, fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom, l-introduzzjoni ta' liċenzji ġenerali ta' trasferiment minbarra dawk elenkati fl-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 2009/43/KE.

Or. en

Emenda 37
Engin Eroglu

Proposta għal direttiva
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) L-implimentazzjoni tal-programmi industrijali tad-difiża tal-Unjoni, bħall-EDF, spiss tiġi mxekkla minn dewmien sinifikanti fit-trasferiment ta' prodotti	(10) L-implimentazzjoni tal-programmi industrijali tad-difiża tal-Unjoni, bħall-EDF, spiss tiġi mxekkla minn dewmien sinifikanti fit-trasferiment ta' prodotti

relatati mad-difiża, minħabba l-proċessi twal u kumplessi biex jinkisbu liċenzji ta' trasferiment mill-Istati Membri. Dak id-dewmien jista' jkollu impatt detrimentali fuq l-effiċjenza u l-effettività ġenerali ta' dawn il-programmi u jista' jimmina l-kapaċità tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha li jiżviluppaw u jiksbu l-kapaċitajiet tad-difiża li jeħtieġu fil-waqt u b'mod kosteffettiv. Sabiex tiġi indirizzata din il-kwistjoni, huwa neċessarju li jiġu introdotti liċenzji ġenerali ta' trasferiment għal dawn il-programmi. L-ambitu ta' dawn il-liċenzji ġenerali ta' trasferiment jenħtieġ li jkopri l-prodotti kollha relatati mad-difiża stabbiliti fl-Anness tad-Direttiva 2009/43/KE u jenħtieġ li jkopri wkoll it-trasferimenti kollha, kemm dawk tanġibbli kif ukoll dawk intanġibbli, li l-fornitur irid jagħmel għall-implimentazzjoni tal-proġett. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu wkoll li tali liċenzji jistgħu japplikaw għaċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-prodott żviluppat fi proġett partikolari, inklużi l-fażijiet tal-produzzjoni, tal-manutenzjoni u tal-aġġornament. L-introduzzjoni ta' tali liċenzji ġenerali ta' trasferiment tnaqqas id-dewmien, iżżid l-effiċjenza u tiffaċilita l-kollaborazzjoni bejn l-impriżi li jipparteċipaw f'dawn il-proġetti, u b'hekk tappoġġa l-iżvilupp ta' industrija tad-difiża tal-Unjoni b'saħħitha u kompetittiva. It-terminoloġija użata f'dak il-kuntest jenħtieġ li tinftiehem li hija identika għal dik ta' Mudell ta' Ftehim ta' Għotja[4] għall-programmi ta' difiża tal-Unjoni.

[4] Il-Mudell ta' Ftehim ta' Għotja tal-EDF huwa disponibbli fuq is-sit web tal-Kummissjoni: https://ec.europa.eu/info/funding-tenders/opportunities/docs/2021-

relatati mad-difiża, minħabba l-proċessi twal u kumplessi biex jinkisbu liċenzji ta' trasferiment mill-Istati Membri. ***B'mod partikolari, l-SMEs huma żvantaġġati b'mod sproporzjonat f'dan il-qasam u għalhekk jesperjenzaw żvantaġġi kompetittivi meta mqabbla ma' parteċipanti akbar fis-suq.*** Dak id-dewmien jista' jkollu impatt detrimentali fuq l-effiċjenza u l-effettività ġenerali ta' dawn il-programmi u jista' jimmina l-kapaċità tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha li jiżviluppaw u jiksbu l-kapaċitajiet tad-difiża li jeħtieġu fil-waqt u b'mod kosteffettiv. Sabiex tiġi indirizzata din il-kwistjoni, huwa neċessarju li jiġu introdotti liċenzji ġenerali ta' trasferiment għal dawn il-programmi. L-ambitu ta' dawn il-liċenzji ġenerali ta' trasferiment jenħtieġ li jkopri l-prodotti kollha relatati mad-difiża stabbiliti fl-Anness tad-Direttiva 2009/43/KE u jenħtieġ li jkopri wkoll it-trasferimenti kollha, kemm dawk tanġibbli kif ukoll dawk intanġibbli, li l-fornitur irid jagħmel għall-implimentazzjoni tal-proġett***, inkluża l-katina tal-provvista kollha***. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu wkoll li tali liċenzji jistgħu japplikaw għaċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-prodott żviluppat fi proġett partikolari, inklużi l-fażijiet tal-produzzjoni, tal-manutenzjoni u tal-aġġornament. L-introduzzjoni ta' tali liċenzji ġenerali ta' trasferiment tnaqqas id-dewmien, iżżid l-effiċjenza u tiffaċilita l-kollaborazzjoni bejn l-impriżi li jipparteċipaw f'dawn il-proġetti, u b'hekk tappoġġa l-iżvilupp ta' industrija tad-difiża tal-Unjoni b'saħħitha u kompetittiva. It-terminoloġija użata f'dak il-kuntest jenħtieġ li tinftiehem li hija identika għal dik ta' Mudell ta' Ftehim ta' Għotja[4] għall-programmi ta' difiża tal-Unjoni.

[4] Il-Mudell ta' Ftehim ta' Għotja tal-EDF huwa disponibbli fuq is-sit web tal-Kummissjoni: https://ec.europa.eu/info/funding-tenders/opportunities/docs/2021-

2027/edf/agr-contr/mga_edf_v1.0-01052023_en.pdf.

2027/edf/agr-contr/mga_edf_v1.0-01052023_en.pdf.

Or. de

Emenda 38
Pierfrancesco Maran, Yannis Maniatis, Raphaël Glucksmann, Costas Mavrides, Brando Benifei, José Cepeda

Proposta għal direttiva
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) L-implimentazzjoni tal-programmi industrijali tad-difiża tal-Unjoni, bħall-EDF, spiss tiġi mxekkla minn dewmien sinifikanti fit-trasferiment ta' prodotti relatati mad-difiża, minħabba l-proċessi twal u kumplessi biex jinkisbu liċenzji ta' trasferiment mill-Istati Membri. Dak id-dewmien jista' jkollu impatt detrimentali fuq l-effiċjenza u l-effettività ġenerali ta' dawn il-programmi u jista' jimmina l-kapaċità tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha li jiżviluppaw u jiksbu l-kapaċitajiet tad-difiża li jeħtieġu fil-waqt u b'mod kosteffettiv. Sabiex tiġi indirizzata din il-kwistjoni, huwa neċessarju li jiġu introdotti liċenzji ġenerali ta' trasferiment għal dawn il-programmi. L-ambitu ta' dawn il-liċenzji ġenerali ta' trasferiment jenħtieġ li jkopri l-prodotti kollha relatati mad-difiża stabbiliti fl-Anness tad-Direttiva 2009/43/KE u jenħtieġ li jkopri wkoll it-trasferimenti kollha, kemm dawk tanġibbli kif ukoll dawk intanġibbli, li l-fornitur irid jagħmel għall-implimentazzjoni tal-proġett. L-Istati Membri ***jistgħu*** jipprevedu wkoll li tali liċenzji jistgħu japplikaw għaċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-prodott żviluppat fi proġett partikolari, inklużi l-fażijiet tal-produzzjoni, tal-manutenzjoni u tal-aġġornament. L-introduzzjoni ta' tali liċenzji ġenerali ta' trasferiment tnaqqas id-dewmien, iżżid l-effiċjenza u tiffaċilita l-kollaborazzjoni bejn l-impriżi li	(10) L-implimentazzjoni tal-programmi industrijali tad-difiża tal-Unjoni, bħall-EDF, spiss tiġi mxekkla minn dewmien sinifikanti fit-trasferiment ta' prodotti relatati mad-difiża, minħabba l-proċessi twal u kumplessi biex jinkisbu liċenzji ta' trasferiment mill-Istati Membri. Dak id-dewmien jista' jkollu impatt detrimentali fuq l-effiċjenza u l-effettività ġenerali ta' dawn il-programmi u jista' jimmina l-kapaċità tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha li jiżviluppaw u jiksbu l-kapaċitajiet tad-difiża li jeħtieġu fil-waqt u b'mod kosteffettiv. Sabiex tiġi indirizzata din il-kwistjoni, huwa neċessarju li jiġu introdotti liċenzji ġenerali ta' trasferiment għal dawn il-programmi ***u għal dawk imwettqa fil-kuntest tal-Istrutturi għall-Programm Ewropew dwar l-Armamenti (SEAP, Structures for European Armament Programme)***. L-ambitu ta' dawn il-liċenzji ġenerali ta' trasferiment jenħtieġ li jkopri l-prodotti kollha relatati mad-difiża stabbiliti fl-Anness tad-Direttiva 2009/43/KE u jenħtieġ li jkopri wkoll it-trasferimenti kollha, kemm dawk tanġibbli kif ukoll dawk intanġibbli, li l-fornitur irid jagħmel għall-implimentazzjoni tal-proġett. L-Istati Membri ***jenħtieġ li*** jipprevedu wkoll li tali liċenzji jistgħu japplikaw għaċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-prodott żviluppat fi proġett partikolari, inklużi l-fażijiet tal-produzzjoni, tal-manutenzjoni u tal-

jippartećipaw f'dawn il-proġetti, u b'hekk tappoġġa l-iżvilupp ta' industrija tad-difiża tal-Unjoni b'saħħitha u kompetittiva. It-terminoloġija użata f'dak il-kuntest jenħtieġ li tinftiehem li hija identika għal dik ta' Mudell ta' Ftehim ta' Għotja[4] għall-programmi ta' difiża tal-Unjoni.

[4] Il-Mudell ta' Ftehim ta' Għotja tal-EDF huwa disponibbli fuq is-sit web tal-Kummissjoni: https://ec.europa.eu/info/funding-tenders/opportunities/docs/2021-2027/edf/agr-contr/mga_edf_v1.0-01052023_en.pdf

aġġornament. L-introduzzjoni ta' tali liċenzji ġenerali ta' trasferiment tnaqqas id-dewmien, iżżid l-effiċjenza u tiffaċilita l-kollaborazzjoni bejn l-impriżi li jippartećipaw f'dawn il-proġetti, u b'hekk tappoġġa l-iżvilupp ta' industrija tad-difiża tal-Unjoni b'saħħitha u kompetittiva. It-terminoloġija użata f'dak il-kuntest jenħtieġ li tinftiehem li hija identika għal dik ta' Mudell ta' Ftehim ta' Għotja[4] għall-programmi ta' difiża tal-Unjoni.

[4] Il-Mudell ta' Ftehim ta' Għotja tal-EDF huwa disponibbli fuq is-sit web tal-Kummissjoni: https://ec.europa.eu/info/funding-tenders/opportunities/docs/2021-2027/edf/agr-contr/mga_edf_v1.0-01052023_en.pdf

Or. en

Emenda 39
Merja Kyllönen

Proposta għal direttiva
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) L-implimentazzjoni tal-programmi industrijali tad-difiża tal-Unjoni, bħall-EDF, spiss tiġi mxekkla minn dewmien sinifikanti fit-trasferiment ta' prodotti relatati mad-difiża, minħabba l-proċessi twal u kumplessi biex jinkisbu liċenzji ta' trasferiment mill-Istati Membri. Dak id-dewmien ***jista'*** jkollu impatt detrimentali fuq l-effiċjenza u l-effettività ġenerali ta' dawn il-programmi u jista' jimmina l-kapaċità tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha li jiżviluppaw u jiksbu l-kapaċitajiet tad-difiża li jeħtieġu fil-waqt u b'mod kosteffettiv. Sabiex tiġi indirizzata din il-kwistjoni, huwa neċessarju li jiġu introdotti liċenzji ġenerali ta' trasferiment għal dawn	(10) L-implimentazzjoni tal-programmi industrijali tad-difiża tal-Unjoni, bħall-EDF, spiss tiġi mxekkla minn dewmien sinifikanti fit-trasferiment ta' prodotti relatati mad-difiża, minħabba l-proċessi twal u kumplessi biex jinkisbu liċenzji ta' trasferiment mill-Istati Membri. Dak id-dewmien għandu impatt detrimentali fuq l-effiċjenza u l-effettività ġenerali ta' dawn il-programmi u jista' jimmina l-kapaċità tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha li jiżviluppaw u jiksbu l-kapaċitajiet tad-difiża li jeħtieġu fil-waqt u b'mod kosteffettiv. Sabiex tiġi indirizzata din il-kwistjoni, huwa neċessarju li jiġu introdotti liċenzji ġenerali ta' trasferiment għal dawn

il-programmi. L-ambitu ta’ dawn il-liċenzji ġenerali ta’ trasferiment jenħtieġ li jkopri l-prodotti kollha relatati mad-difiża stabbiliti fl-Anness tad-Direttiva 2009/43/KE u jenħtieġ li jkopri wkoll it-trasferimenti kollha, kemm dawk tanġibbli kif ukoll dawk intanġibbli, li l-fornitur irid jagħmel għall-implimentazzjoni tal-proġett. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu wkoll li tali liċenzji jistgħu japplikaw għaċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-prodott żviluppat fi proġett partikolari, inklużi l-fażijiet tal-produzzjoni, tal-manutenzjoni u tal-aġġornament. L-introduzzjoni ta’ tali liċenzji ġenerali ta’ trasferiment tnaqqas id-dewmien, iżżid l-effiċjenza u tiffaċilita l-kollaborazzjoni bejn l-impriżi li jipparteċipaw f’dawn il-proġetti, u b’hekk tappoġġa l-iżvilupp ta’ industrija tad-difiża tal-Unjoni b’saħħitha u kompetittiva. It-terminoloġija użata f’dak il-kuntest jenħtieġ li tinftiehem li hija identika għal dik ta’ Mudell ta’ Ftehim ta’ Għotja[4] għall-programmi ta’ difiża tal-Unjoni.

[4] Il-Mudell ta’ Ftehim ta’ Għotja tal-EDF huwa disponibbli fuq is-sit web tal-Kummissjoni: https://ec.europa.eu/info/funding-tenders/opportunities/docs/2021-2027/edf/agr-contr/mga_edf_v1.0-01052023_en.pdf

investimenti sinifikanti li jsiru mill-Istati Membri biex iżidu l-prontezza tad-difiża tagħhom ikunu validi għall-futur u jagħtu benefiċċji fit-tul. Billi tiffaċilita l-akkwist ta' soluzzjonijiet innovattivi tad-difiża, l-Unjoni tista' tħeġġeġ l-iżvilupp ta' teknoloġiji u kapaċitajiet mill-aktar avvanzati, u fl-aħħar mill-aħħar tittrasforma d-difiża permezz ta' innovazzjoni fixkiela u ssaħħaħ l-effettività u r-reżiljenza tas-sistemi tad-difiża tagħha. Sabiex jiġi appoġġat aħjar l-akkwist tar-riċerka u l-iżvilupp u ta' soluzzjonijiet innovattivi, jenħtieġ li fid-Direttiva 2009/81/KE, tiġi introdotta proċedura ta' sħubija għall-innovazzjoni modifikata u aktar flessibbli abbażi tad-Direttiva 2014/24/UE. Jenħtieġ li tiżdied ukoll proċedura simplifikata għall-akkwist dirett ta' prodotti u servizzi innovattivi li jirriżultaw minn proġetti ta' riċerka u żvilupp kompetittivi paralleli. Dan jippermetti lill-Istati Membri jibqgħu fuq quddiem nett fil-qasam tat-teknoloġija tad-difiża, filwaqt li jippromwovi wkoll il-kollaborazzjoni u l-kompetizzjoni fost is-sħab tal-industrija. Il-benefiċċji ta' dan l-approċċ jinkludu aċċess aktar rapidu għal soluzzjonijiet innovattivi, tnaqqis fir-riskji għall-iżvilupp u żieda fil-kosteffettività, li fl-aħħar mill-aħħar iwasslu għal kapaċitajiet tad-difiża msaħħa u Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB, European Defence Technological and Industrial Base) aktar kompetittiva.	investimenti sinifikanti li jsiru mill-Istati Membri biex iżidu l-prontezza tad-difiża tagħhom ikunu validi għall-futur u jagħtu benefiċċji fit-tul. Billi tiffaċilita l-akkwist ta' soluzzjonijiet innovattivi tad-difiża, l-Unjoni tista' tħeġġeġ l-iżvilupp ta' teknoloġiji u kapaċitajiet mill-aktar avvanzati, u fl-aħħar mill-aħħar tittrasforma d-difiża permezz ta' innovazzjoni fixkiela u ssaħħaħ l-effettività u r-reżiljenza tas-sistemi tad-difiża tagħha. Sabiex jiġi appoġġat aħjar l-akkwist tar-riċerka u l-iżvilupp u ta' soluzzjonijiet innovattivi, jenħtieġ li fid-Direttiva 2009/81/KE, tiġi introdotta proċedura ta' sħubija għall-innovazzjoni modifikata u aktar flessibbli abbażi tad-Direttiva 2014/24/UE. Jenħtieġ li tiżdied ukoll proċedura simplifikata għall-akkwist dirett ta' prodotti u servizzi innovattivi li jirriżultaw minn proġetti ta' riċerka u żvilupp kompetittivi paralleli. Dan jippermetti lill-Istati Membri jibqgħu fuq quddiem nett fil-qasam tat-teknoloġija tad-difiża ***f'konformità mal-valuri Ewropej***, filwaqt li jippromwovi wkoll il-kollaborazzjoni u l-kompetizzjoni fost is-sħab tal-industrija. Il-benefiċċji ta' dan l-approċċ jinkludu aċċess aktar rapidu għal soluzzjonijiet innovattivi, tnaqqis fir-riskji għall-iżvilupp u żieda fil-kosteffettività, li fl-aħħar mill-aħħar iwasslu għal kapaċitajiet tad-difiża msaħħa u Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB, European Defence Technological and Industrial Base) aktar kompetittiva.
	Or. en

Emenda 53
Merja Kyllönen

Proposta għal direttiva
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Sabiex l-Istati Membri jingħataw il-flessibbiltà neċessarja biex jirreaġixxu għall-isfidi emerġenti tas-sigurtà, huwa essenzjali li tiġi introdotta possibbiltà limitata fiż-żmien għall-użu tal-proċedura nnegozjata mingħajr il-pubblikazzjoni minn qabel għall-akkwisti komuni, inkluż l-akkwisti kummerċjalment disponibbli. Dik id-deroga temporanja tippermetti lill-Istati Membri jiksbu malajr il-kapaċitajiet tad-difiża li jeħtieġu, filwaqt li tippermetti wkoll grad ta' flessibbiltà fil-proċeduri tal-akkwist, u b'hekk tappoġġa r-rikostituzzjoni rapida tal-istokkijiet tagħhom u t-titjib tal-prontezza tad-difiża tagħhom. Barra minn hekk, il-fatt li l-Istati Membri jitħallew jakkwistaw prodotti identiċi tad-difiża jew prodotti soġġetti biss għal modifiki żgħar, inkluż il-manutenzjoni komuni, jikkontribwixxi għall-approfondiment tal-interoperabbiltà u tal-interkambjabbiltà tat-tagħmir tal-forzi armati tal-Istati Membri, u b'hekk tissaħħaħ aktar il-prontezza għad-difiża tal-Unjoni u tittejjeb is-sigurtà tal-provvista.	(18) Sabiex l-Istati Membri jingħataw il-flessibbiltà neċessarja biex jirreaġixxu għall-isfidi emerġenti tas-sigurtà, huwa essenzjali li tiġi introdotta possibbiltà limitata fiż-żmien għall-użu tal-proċedura nnegozjata mingħajr il-pubblikazzjoni minn qabel għall-akkwisti komuni, inkluż l-akkwisti kummerċjalment disponibbli. Dik id-deroga temporanja tippermetti lill-Istati Membri jiksbu malajr il-kapaċitajiet tad-difiża li jeħtieġu, filwaqt li tippermetti wkoll grad ta' flessibbiltà fil-proċeduri tal-akkwist, u b'hekk tappoġġa r-rikostituzzjoni rapida tal-istokkijiet tagħhom u t-titjib tal-prontezza tad-difiża tagħhom. Barra minn hekk, il-fatt li l-Istati Membri jitħallew jakkwistaw prodotti identiċi tad-difiża jew prodotti soġġetti biss għal modifiki żgħar, inkluż il-manutenzjoni komuni, jikkontribwixxi għall-approfondiment tal-interoperabbiltà u tal-interkambjabbiltà tat-tagħmir tal-forzi armati tal-Istati Membri, u b'hekk tissaħħaħ aktar il-prontezza għad-difiża tal-Unjoni u tittejjeb is-sigurtà tal-provvista. ***Il-prontezza immedjata tal-Istati Membri biex jirrikostitwixxu l-ħażniet tagħhom permezz ta' proċedura aċċelerata tibgħat ukoll messaġġ lill-industrija biex tinvesti u żżid il-kapaċità ta' produzzjoni tagħha, li hija sfida ewlenija fis-sitwazzjoni attwali, fejn il-kapaċità ta' produzzjoni hija ferm iżgħar mid-domanda.***

Or. fi

Emenda 54
Angelika Niebler

Proposta għal direttiva
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Hemm ħtieġa ta' aktar investiment	(19) Hemm ħtieġa ta' aktar investiment

kollaborattiv u investiment aħjar, mir-riċerka sal-iżvilupp ta' sistemi kumplessi, permezz tal-kummerċjalizzazzjoni sal-akkwist, bil-għan li tiżdied is-sovranità teknoloġika tal-Unjoni. L-akkwist komuni mill-Istati Membri huwa kruċjali biex jittejbu l-effiċjenza, l-effettività u l-interoperabbiltà tal-kapaċitajiet tad-difiża, u b'hekk jikkontribwixxi għal difiża Ewropea aktar b'saħħitha u koeżiva. Abbażi tal-Avviż tal-Kummissjoni tal-2019 dwar il-gwida għall-akkwist kooperattiv fl-oqsma tad-difiża u tas-sigurtà[9], huwa neċessarju li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet relatati mas-sħubija tal-Istati Membri fi programmi kooperattivi bbażati fuq ir-riċerka u l-iżvilupp wara t-tmiem tal-fażi tar-riċerka u l-iżvilupp għall-fażijiet aktar tard fiċ-ċiklu tal-ħajja. Barra minn hekk, u sabiex jiġu appoġġati l-fażijiet sussegwenti fiċ-ċiklu tal-ħajja tal-programmi ta' riċerka u żvilupp dwar id-difiża ffinanzjati mill-Unjoni, huwa neċessarju li jiġi ċċarat li l-Istati Membri jistgħu jibbenefikaw mill-esklużjoni għal programmi kooperattivi bbażati fuq ir-riċerka u l-iżvilupp taħt l-istess kundizzjonijiet anke għal proġetti ffinanzjati minn programmi ta' riċerka u żvilupp dwar id-difiża, bħall-EDF. Dan jipprovdi ċ-ċertezza legali neċessarja u jiżgura li l-flessibbiltà permessa permezz tal-esklużjoni tappoġġa l-kontinwazzjoni tal-proġetti tal-EDF f'qafas kooperattiv anke wara t-tlestija tal-fażi tar-riċerka u l-iżvilupp. Barra minn hekk, dan jiċċara l-fatt li l-Istati Membri li jissieħbu wara l-fażi tar-riċerka u l-iżvilupp bħala parteċipanti ġenwini fil-programm kooperattiv ukoll jibbenefikaw mill-esklużjoni.

kollaborattiv u investiment aħjar, mir-riċerka sal-iżvilupp ta' sistemi kumplessi, permezz tal-kummerċjalizzazzjoni sal-akkwist, bil-għan li tiżdied is-sovranità teknoloġika tal-Unjoni***. Il-proġetti ewlenin Ewropej jiġbru flimkien ir-riżorsi u jistgħu jiksbu kapaċitajiet li jipprovdu valur miżjud Ewropew iżda li jkunu finanzjarjament projbittivi għall-pajjiżi individwali. Fl-ippjanar finanzjarju fit-tul, il-proġetti ewlenin iridu jiġu inċentivati sabiex jissaħħu l-kapaċitajiet tad-difiża fl-UE, iżda wkoll biex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tal-innovazzjoni tal-industrija Ewropea u jiġu żgurati soluzzjonijiet kosteffettivi għall-Istati Membri***. L-akkwist komuni mill-Istati Membri huwa kruċjali biex jittejbu l-effiċjenza, l-effettività u l-interoperabbiltà tal-kapaċitajiet tad-difiża, u b'hekk jikkontribwixxi għal difiża Ewropea aktar b'saħħitha u koeżiva. Abbażi tal-Avviż tal-Kummissjoni tal-2019 dwar il-gwida għall-akkwist kooperattiv fl-oqsma tad-difiża u tas-sigurtà[9], huwa neċessarju li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet relatati mas-sħubija tal-Istati Membri fi programmi kooperattivi bbażati fuq ir-riċerka u l-iżvilupp wara t-tmiem tal-fażi tar-riċerka u l-iżvilupp għall-fażijiet aktar tard fiċ-ċiklu tal-ħajja. Barra minn hekk, u sabiex jiġu appoġġati l-fażijiet sussegwenti fiċ-ċiklu tal-ħajja tal-programmi ta' riċerka u żvilupp dwar id-difiża ffinanzjati mill-Unjoni, huwa neċessarju li jiġi ċċarat li l-Istati Membri jistgħu jibbenefikaw mill-esklużjoni għal programmi kooperattivi bbażati fuq ir-riċerka u l-iżvilupp taħt l-istess kundizzjonijiet anke għal proġetti ffinanzjati minn programmi ta' riċerka u żvilupp dwar id-difiża, bħall-EDF. Dan jipprovdi ċ-ċertezza legali neċessarja u jiżgura li l-flessibbiltà permessa permezz tal-esklużjoni tappoġġa l-kontinwazzjoni tal-proġetti tal-EDF f'qafas kooperattiv anke wara t-tlestija tal-fażi tar-riċerka u l-iżvilupp. Barra minn hekk, dan jiċċara l-fatt li l-Istati Membri li jissieħbu wara l-fażi tar-riċerka u l-iżvilupp bħala

	parteċipanti ġenwini fil-programm kooperattiv ukoll jibbenefikaw mill-esklużjoni. ***Għal dak il-għan, ikun prattiku li jiġi segwit l-eżempju tad-Defense Advanced Research Projects Agency (DARPA) u li jitwettqu riċerka u żvilupp ċentralizzati dwar teknoloġiji ġodda bi grad għoli ta' innovazzjoni għas-sigurtà Ewropea.***
[9] L-Avviż tal-Kummissjoni dwar il-gwida għall-akkwist kooperattiv fl-oqsma tad-difiża u tas-sigurtà (ĠU C 157, 8.5.2019, p. 1–9).	[9] L-Avviż tal-Kummissjoni dwar il-gwida għall-akkwist kooperattiv fl-oqsma tad-difiża u tas-sigurtà (ĠU C 157, 8.5.2019, p. 1–9).

Or. en

Emenda 55
Pierfrancesco Maran, Yannis Maniatis, Raphaël Glucksmann, Costas Mavrides, Brando Benifei, José Cepeda

Proposta għal direttiva
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Hemm ħtieġa ta' aktar investiment kollaborattiv u investiment aħjar, mir-riċerka sal-iżvilupp ta' sistemi kumplessi, permezz tal-kummerċjalizzazzjoni sal-akkwist, bil-għan li tiżdied is-sovranità teknoloġika tal-Unjoni. L-akkwist komuni mill-Istati Membri huwa kruċjali biex jittejbu l-effiċjenza, l-effettività u l-interoperabbiltà tal-kapaċitajiet tad-difiża, u b'hekk jikkontribwixxi għal difiża Ewropea aktar b'saħħitha u koeżiva. Abbażi tal-Avviż tal-Kummissjoni tal-2019 dwar il-gwida għall-akkwist kooperattiv fl-oqsma tad-difiża u tas-sigurtà[9], huwa neċessarju li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet relatati mas-sħubija tal-Istati Membri fi programmi kooperattivi bbażati fuq ir-riċerka u l-iżvilupp wara t-tmiem tal-fażi tar-riċerka u l-iżvilupp għall-fażijiet aktar tard fiċ-ċiklu tal-ħajja. Barra minn hekk, u	(19) Hemm ħtieġa ta' aktar investiment kollaborattiv u investiment aħjar, mir-riċerka sal-iżvilupp ta' sistemi kumplessi, permezz tal-kummerċjalizzazzjoni sal-akkwist, bil-għan li tiżdied is-sovranità teknoloġika tal-Unjoni. L-akkwist komuni mill-Istati Membri huwa kruċjali biex jittejbu l-effiċjenza, l-effettività u l-interoperabbiltà tal-kapaċitajiet tad-difiża, u b'hekk jikkontribwixxi għal difiża Ewropea aktar b'saħħitha u koeżiva. Abbażi tal-Avviż tal-Kummissjoni tal-2019 dwar il-gwida għall-akkwist kooperattiv fl-oqsma tad-difiża u tas-sigurtà[9], huwa neċessarju li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet relatati mas-sħubija tal-Istati Membri fi programmi kooperattivi bbażati fuq ir-riċerka u l-iżvilupp wara t-tmiem tal-fażi tar-riċerka u l-iżvilupp għall-fażijiet aktar tard fiċ-ċiklu tal-ħajja. Barra minn hekk, u

sabiex jiġu appoġġati l-fażijiet sussegwenti fiċ-ċiklu tal-ħajja tal-programmi ta' riċerka u żvilupp dwar id-difiża ffinanzjati mill-Unjoni, huwa neċessarju li jiġi ċċarat li l-Istati Membri jistgħu jibbenefikaw mill-esklużjoni għal programmi kooperattivi bbażati fuq ir-riċerka u l-iżvilupp taħt l-istess kundizzjonijiet anke għal proġetti ffinanzjati minn programmi ta' riċerka u żvilupp dwar id-difiża, bħall-EDF. Dan jipprovdi ċ-ċertezza legali neċessarja u jiżgura li l-flessibbiltà permessa permezz tal-esklużjoni tappoġġa l-kontinwazzjoni tal-proġetti tal-EDF f'qafas kooperattiv anke wara t-tlestija tal-fażi tar-riċerka u l-iżvilupp. Barra minn hekk, dan jiċċara l-fatt li l-Istati Membri li jissieħbu wara l-fażi tar-riċerka u l-iżvilupp bħala parteċipanti ġenwini fil-programm kooperattiv ukoll jibbenefikaw mill-esklużjoni.	sabiex jiġu appoġġati l-fażijiet sussegwenti fiċ-ċiklu tal-ħajja tal-programmi ta' riċerka u żvilupp dwar id-difiża ffinanzjati mill-Unjoni, huwa neċessarju li jiġi ċċarat li l-Istati Membri jistgħu jibbenefikaw mill-esklużjoni għal programmi kooperattivi bbażati fuq ir-riċerka u l-iżvilupp taħt l-istess kundizzjonijiet anke għal proġetti ffinanzjati minn programmi ta' riċerka u żvilupp dwar id-difiża, bħall-EDF. Dan jipprovdi ċ-ċertezza legali neċessarja u jiżgura li l-flessibbiltà permessa permezz tal-esklużjoni tappoġġa l-kontinwazzjoni tal-proġetti tal-EDF f'qafas kooperattiv anke wara t-tlestija tal-fażi tar-riċerka u l-iżvilupp. Barra minn hekk, dan jiċċara l-fatt li l-Istati Membri li jissieħbu wara l-fażi tar-riċerka u l-iżvilupp bħala parteċipanti ġenwini fil-programm kooperattiv ukoll jibbenefikaw mill-esklużjoni. ***Sabiex tissaħħaħ l-EDTIB, jenħtieġ li l-Istati taż-ŻEE-EFTA u l-Ukrajna jkunu involuti bħala sħab strateġiċi għal proġetti Ewropej għas-sigurtà u d-difiża li jirċievu finanzjament mill-Unjoni.***
[9] L-Avviż tal-Kummissjoni dwar il-gwida għall-akkwist kooperattiv fl-oqsma tad-difiża u tas-sigurtà (ĠU C 157, 8.5.2019, p. 1–9).	[9] L-Avviż tal-Kummissjoni dwar il-gwida għall-akkwist kooperattiv fl-oqsma tad-difiża u tas-sigurtà (ĠU C 157, 8.5.2019, p. 1–9).

Or. en

Emenda 56
Hannah Neumann, Reinier Van Lanschot
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Premessa 20a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(20a) Sabiex jiġi ffaċilitat l-akkwist komuni fost l-Istati Membri, u sabiex jitqiesu ċ-ċikli ta' tiġdid u t-tul tal-ħajja

differenti tat-tagħmir ta' difiża, l-awtoritajiet/entitajiet kontraenti jenħtieġ li jkunu jistgħu jippermettu lill-kontropartijiet minn Stati Membri oħra jissieħbu fi ftehim qafas eżistenti matul it-terminu tiegħu. L-għoti ta' tali aċċess jista' jtejjeb l-effiċjenza, jevita d-duplikazzjoni tal-proċeduri, u jippromwovi l-kooperazzjoni transfruntiera u l-ekonomiji ta' skala. Kwalunkwe parteċipazzjoni bħal din jenħtieġ li tkun soġġetta għall-qbil mill-partijiet u l-kundizzjonijiet tal-ftehim qafas, mingħajr ma tirriżulta f'modifiki sostanzjali tat-termini essenzjali tiegħu, u jenħtieġ li tirrispetta l-prinċipji ġenerali li jirregolaw l-akkwist skont din id-Direttiva.

Or. en

Emenda 57
Hannah Neumann, Reinier Van Lanschot
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Premessa 20b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(20b) Sabiex jissaħħu r-reżiljenza, il-kompetittività u l-effiċjenza tal-bażi industrijali u teknoloġika tad-difiża Ewropea, u biex jiġu aċċellerati d-disponibbiltà u l-produzzjoni tal-kapaċitajiet tad-difiża meħtieġa għall-prontezza tad-difiża tal-Unjoni sal-2030 filwaqt li tiġi protetta s-sovranità Ewropea, l-awtoritajiet/entitajiet kontraenti jenħtieġ li jkunu jistgħu, meta jaġġudikaw kuntratti ta' provvista, jirrikjedu li l-offerent rebbieħ jinvolvi, b'termini ġusti, raġonevoli u nondiskriminatorji, offerenti jew kandidati oħra stabbiliti fl-Unjoni jew fil-pajjiżi assoċjati jew fl-Ukrajna li pparteċipaw fil-proċedura, permezz ta' liċenzjar, sottokuntrattar jew forom oħra

ta' kooperazzjoni industrijali. Tali arranġamenti jenħtieġ li jiffaċilitaw l-eżekuzzjoni rapida u kkoordinata tal-programmi tad-difiża, jippreżervaw l-għarfien strateġiku fl-Unjoni, u jippromwovu l-parteċipazzjoni tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u tal-fornituri transfruntieri, filwaqt li jirrispettaw bis-sħiħ ir-rekwiżiti tal-kunfidenzjalità, tas-sigurtà u tal-proprjetà intellettwali.

Or. en

Emenda 58
Merja Kyllönen

Proposta għal direttiva
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Sabiex l-Istati Membri jiġu pprovduti aktar prevedibbiltà u stabbiltà fl-ippjanar tagħhom tal-akkwist fil-qasam tad-difiża, huwa neċessarju li jiġu mmodifikati r-regoli li jirregolaw il-ftehimiet qafas. B'mod partikolari, biex jiġu riflessi l-ispeċifiċitajiet tas-settur tad-difiża, huwa neċessarju li d-durata massima possibbli tal-ftehimiet qafas tiġi estiża għal ***10 snin***, u dan jippermetti lill-Istati Membri jistabbilixxu sħubijiet aktar fit-tul mal-industrija u jippjanaw il-ħtiġijiet tal-akkwist fil-qasam tad-difiża tagħhom b'aktar ċertezza, filwaqt li jiżgura wkoll li r-regoli tal-Unjoni dwar l-akkwist fil-qasam tad-difiża jibqgħu flessibbli u adattati għall-ħtiġijiet speċifiċi tas-settur tad-difiża.	(21) Sabiex l-Istati Membri jiġu pprovduti aktar prevedibbiltà u stabbiltà fl-ippjanar tagħhom tal-akkwist fil-qasam tad-difiża, huwa neċessarju li jiġu mmodifikati r-regoli li jirregolaw il-ftehimiet qafas. B'mod partikolari, biex jiġu riflessi l-ispeċifiċitajiet tas-settur tad-difiża, huwa neċessarju li d-durata massima possibbli tal-ftehimiet qafas tiġi estiża għal ***15-il sena***, u dan jippermetti lill-Istati Membri jistabbilixxu sħubijiet aktar fit-tul mal-industrija u jippjanaw il-ħtiġijiet tal-akkwist fil-qasam tad-difiża tagħhom b'aktar ċertezza, filwaqt li jiżgura wkoll li r-regoli tal-Unjoni dwar l-akkwist fil-qasam tad-difiża jibqgħu flessibbli u adattati għall-ħtiġijiet speċifiċi tas-settur tad-difiża.

Or. fi

Emenda 59
Jaroslava Pokorná Jermanová

Proposta għal direttiva
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq l-Istati Membri, jenħtieġ li jitnaqqsu l-obbligi ta' rapportar statistiku b'rabta mal-akkwist fil-qasam tad-difiża, biex l-awtoritajiet nazzjonali jkunu jistgħu jiffokaw fuq l-implimentazzjoni tal-politiki tad-difiża tagħhom u l-użu effiċjenti tar-riżorsi tagħhom. Sa fejn din id-Direttiva temenda d-Direttiva 2009/81/KE, il-bażi legali xierqa, sa fejn huma kkonċernati dawk l-emendi, hija l-Artikolu 53(2), l-Artikolu 62 u l-Artikolu 114 tat-Trattat.	(23) Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq l-Istati Membri, jenħtieġ li jitnaqqsu l-obbligi ta' rapportar statistiku b'rabta mal-akkwist fil-qasam tad-difiża, ***filwaqt li ma jixxekkilx il-livell ta' trasparenza,*** biex l-awtoritajiet nazzjonali jkunu jistgħu jiffokaw fuq l-implimentazzjoni tal-politiki tad-difiża tagħhom u l-użu effiċjenti tar-riżorsi tagħhom***. Proċeduri simplifikati u rekwiżiti ta' rapportar imnaqqsa jenħtieġ li jiffaċilitaw ukoll il-parteċipazzjoni tal-SMEs billi jnaqqsu l-ostakli amministrattivi u jtejbu l-aċċess tagħhom għal opportunitajiet ta' akkwist pubbliku fil-qasam tad-difiża***. Sa fejn din id-Direttiva temenda d-Direttiva 2009/81/KE, il-bażi legali xierqa, sa fejn huma kkonċernati dawk l-emendi, hija l-Artikolu 53(2), l-Artikolu 62 u l-Artikolu 114 tat-Trattat.

Or. en

Emenda 60
Pierfrancesco Maran, Yannis Maniatis, Raphaël Glucksmann, Costas Mavrides, Brando Benifei, José Cepeda

Proposta għal direttiva
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq l-Istati Membri, jenħtieġ li jitnaqqsu l-obbligi ta' rapportar statistiku b'rabta mal-akkwist fil-qasam tad-difiża, biex l-awtoritajiet nazzjonali jkunu jistgħu jiffokaw fuq l-implimentazzjoni tal-politiki tad-difiża tagħhom u l-użu effiċjenti tar-riżorsi tagħhom. Sa fejn din id-Direttiva	(23) Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq l-Istati Membri, jenħtieġ li jitnaqqsu l-obbligi ta' rapportar statistiku b'rabta mal-akkwist fil-qasam tad-difiża ***f'każ biss li jkun xieraq sabiex ma jiġux ipperikolati t-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont***, biex l-awtoritajiet nazzjonali jkunu jistgħu jiffokaw fuq l-

temenda d-Direttiva 2009/81/KE, il-bażi legali xierqa, sa fejn huma kkonċernati dawk l-emendi, hija l-Artikolu 53(2), l-Artikolu 62 u l-Artikolu 114 tat-Trattat.

implimentazzjoni tal-politiki tad-difiża tagħhom u l-użu effiċjenti tar-riżorsi tagħhom. Sa fejn din id-Direttiva temenda d-Direttiva 2009/81/KE, il-bażi legali xierqa, sa fejn huma kkonċernati dawk l-emendi, hija l-Artikolu 53(2), l-Artikolu 62 u l-Artikolu 114 tat-Trattat.

Or. en

Emenda 61
Hannah Neumann, Reinier Van Lanschot
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq l-Istati Membri, jenħtieġ li jitnaqqsu ***l-obbligi*** ta' rapportar statistiku b'rabta mal-akkwist fil-qasam tad-difiża, biex l-awtoritajiet nazzjonali jkunu jistgħu jiffokaw fuq l-implimentazzjoni tal-politiki tad-difiża tagħhom u l-użu effiċjenti tar-riżorsi tagħhom. Sa fejn din id-Direttiva temenda d-Direttiva 2009/81/KE, il-bażi legali xierqa, sa fejn huma kkonċernati dawk l-emendi, hija l-Artikolu 53(2), l-Artikolu 62 u l-Artikolu 114 tat-Trattat.	(23) Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq l-Istati Membri, jenħtieġ li jitnaqqsu ***xi obbligi*** ta' rapportar statistiku b'rabta mal-akkwist fil-qasam tad-difiża, biex l-awtoritajiet nazzjonali jkunu jistgħu jiffokaw fuq l-implimentazzjoni tal-politiki tad-difiża tagħhom u l-użu effiċjenti tar-riżorsi tagħhom. Sa fejn din id-Direttiva temenda d-Direttiva 2009/81/KE, il-bażi legali xierqa, sa fejn huma kkonċernati dawk l-emendi, hija l-Artikolu 53(2), l-Artikolu 62 u l-Artikolu 114 tat-Trattat.

Or. en

Emenda 62
Merja Kyllönen

Proposta għal direttiva
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq l-Istati Membri,	(23) Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq l-Istati Membri, ***iridu***

jenħtieġ li jitnaqqsu l-obbligi ta' rapportar statistiku b'rabta mal-akkwist fil-qasam tad-difiża, biex l-awtoritajiet nazzjonali jkunu jistgħu jiffokaw fuq l-implimentazzjoni tal-politiki tad-difiża tagħhom u l-użu effiċjenti tar-riżorsi tagħhom. Sa fejn din id-Direttiva temenda d-Direttiva 2009/81/KE, il-bażi legali xierqa, sa fejn huma kkonċernati dawk l-emendi, hija l-Artikolu 53(2), l-Artikolu 62 u l-Artikolu 114 tat-Trattat.	jitnaqqsu l-obbligi ta' rapportar statistiku b'rabta mal-akkwist fil-qasam tad-difiża, biex l-awtoritajiet nazzjonali jkunu jistgħu jiffokaw fuq l-implimentazzjoni tal-politiki tad-difiża tagħhom u l-użu effiċjenti tar-riżorsi tagħhom. Sa fejn din id-Direttiva temenda d-Direttiva 2009/81/KE, il-bażi legali xierqa, sa fejn huma kkonċernati dawk l-emendi, hija l-Artikolu 53(2), l-Artikolu 62 u l-Artikolu 114 tat-Trattat.

Or. fi

Emenda 63
Hannah Neumann, Reinier Van Lanschot
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2009/43/KE – punt 8
Artikolu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
'kriżi' tfisser kriżi kif definita fl-Artikolu 1, il-punt (10) tad-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*";	***imħassar***

Or. en

Emenda 64
Pekka Toveri, Anna-Maja Henriksson

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – parti introduttorja
Direttiva 2009/43/KE
Artikolu 3 – punti 8 u 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) fl-Artikolu 3, ***jiżdied il-punt 8*** li ***ġej***:	(1) fl-Artikolu 3, ***jiżdiedu l-punti 8 u 9*** li ***ġejjin***:
	"8. 'kriżi' tfisser kriżi kif definita fl-Artikolu 1, il-punt (10) tad-Direttiva

2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*";

"9. 'tagħmir militari' tfisser it-tagħmir u l-materjali kollha maħsuba għal attivitajiet militari u użati mill-forzi armati jew minn awtoritajiet tas-sigurtà nazzjonali oħra, inkluż iżda mhux limitat għal assemblaġġi, subassemblaġġi, oġġetti, taħlitiet u sustanzi, kif ukoll kwalunkwe tagħmir, kemm jekk iddisinjat speċifikament kif ukoll jekk le, għal finijiet militari jew ta' sigurtà."

Or. en

Emenda 65
Kamila Gasiuk-Pihowicz

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)
Direttiva 2009/43/KE
Artikolu 3 – punt 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) fl-Artikolu (3), jiżdied il-punt 9 li ġej:
	9. "Tagħmir militari" tfisser it-tagħmir u l-materjali kollha maħsuba għal attivitajiet militari u użati mill-forzi armati jew minn entitajiet militari oħra, inkluż iżda mhux limitat għal assemblaġġi, subassemblaġġi, oġġetti, taħlitiet u sustanzi, kif ukoll kwalunkwe tagħmir, kemm jekk iddisinjat speċifikament kif ukoll jekk le, għal finijiet militari jew ta' sigurtà u maħsub għall-użu bħala arma, munizzjoni jew materjal tal-gwerra.

Or. en

Emenda 66
Kamila Gasiuk-Pihowicz

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1b (ġdid)
Direttiva 2009/43/KE
Artikolu 3 – punt 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1b) fl-Artikolu 3, jiżdied il-punt 10 li ġej:
	10. "Materjal tal-gwerra" tfisser kwalunkwe materjal awżiljarju użat mill-forzi armati jew minn entitajiet militari oħra, kemm jekk iddisinjat speċifikament kif ukoll jekk le, għal finijiet militari, inkluż iżda mhux limitat għal oġġetti tessili, prodotti mediċi, razzjonijiet tal-ikel jew kwalunkwe kategorija simili oħra;

Or. en

Emenda 67
Pierfrancesco Maran, Yannis Maniatis, Raphaël Glucksmann, Costas Mavrides, Brando Benifei, José Cepeda

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – parti introduttorja
Direttiva 2009/43/KE
Artikolu 3– punti 8 u 8a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) fl-Artikolu 3, ***jiżdied il-punt 8*** li ***ġej***:	(1) fl-Artikolu 3 ***jiżdiedu l-punti 8 u 8a*** li ***ġejjin***:

Or. en

Emenda 68
Pierfrancesco Maran, Yannis Maniatis, Raphaël Glucksmann, Costas Mavrides, Brando Benifei, José Cepeda

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2009/43/KE
Artikolu 3 – punt 8a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	8a. "sħubija industrijali transfruntiera strutturata" tfisser arranġament ta' kollaborazzjoni stabbli u dejjiemi bejn żewġ entitajiet jew aktar stabbiliti fi Stati Membri differenti, fejn tali entitajiet jiffurmaw parti minn grupp korporattiv, konsorzju, impriża konġunta, jew entità strutturata b'mod simili oħra komuni, u huma involuti fid-disinn, il-produzzjoni, l-assemblaġġ, il-provvista, jew il-kummerċjalizzazzjoni b'mod konġunt ta' prodott relatat mad-difiża, inklużi SEAPs u proġetti PESCO;

Or. en

Emenda 69
Hannah Neumann, Reinier Van Lanschot
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2009/43/KE
Artikolu 3 – punt 8a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	8a. "raggruppament reġjonali tal-EDTIB" tfisser qafas ta' kooperazzjoni strutturat stabbilit minn mill-inqas tliet Stati Membri bi prossimità ġeografika komuni, bl-objettiv li jiksbu ekonomiji ta' skala, u b'hekk inaqqsu l-infiq nazzjonali żejjed, irawmu l-kondiviżjoni tal-għarfien u s-sinerġiji industrijali transfruntieri, inkluż permezz tal-ħolqien ta' sħubijiet industrijali transfruntieri strutturati.

Or. en

Emenda 70
Hannah Neumann, Reinier Van Lanschot

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2009/43/KE
Artikolu 3 – punt 8b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	8b. "sħubija industrijali transfruntiera strutturata" tfisser arranġament ta' kollaborazzjoni stabbli u dejjiemi bejn żewġ entitajiet jew aktar stabbiliti fi Stati Membri differenti, fejn tali entitajiet jiffurmaw parti minn grupp korporattiv, konsorzju, impriża konġunta, jew entità strutturata b'mod simili oħra komuni, u huma involuti fid-disinn, il-produzzjoni, l-assemblaġġ, il-provvista, jew il-kummerċjalizzazzjoni b'mod konġunt ta' prodott relatat mad-difiża.

Or. en

Emenda 71
Pierfrancesco Maran, Yannis Maniatis, Raphaël Glucksmann, Costas Mavrides, Brando Benifei, José Cepeda

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a
Direttiva 2009/43/KE
Artikolu 4 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Minkejja l-paragrafu 1, l-Istati Membri ***jistgħu*** jeżentaw it-trasferimenti ta' prodotti relatati mad-difiża mill-obbligu ta' awtorizzazzjoni minn qabel stabbilit f'dak il-paragrafu f'wieħed mill-każijiet li ġejjin:	2. Minkejja l-paragrafu 1, l-Istati Membri ***għandhom*** jeżentaw it-trasferimenti ta' prodotti relatati mad-difiża mill-obbligu ta' awtorizzazzjoni minn qabel stabbilit f'dak il-paragrafu f'wieħed ***jew aktar*** mill-każijiet li ġejjin:

Or. en

Emenda 72

Hannah Neumann, Reinier Van Lanschot
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a
Direttiva 2009/43/KE
Artikolu 4 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Minkejja l-paragrafu 1, l-Istati Membri ***jistgħu*** jeżentaw it-trasferimenti ta' prodotti relatati mad-difiża mill-obbligu ta' awtorizzazzjoni minn qabel stabbilit f'dak il-paragrafu f'wieħed mill-każijiet li ġejjin:	2. Minkejja l-paragrafu 1, l-Istati Membri ***għandhom*** jeżentaw it-trasferimenti ta' prodotti relatati mad-difiża mill-obbligu ta' awtorizzazzjoni minn qabel stabbilit f'dak il-paragrafu f'wieħed mill-każijiet li ġejjin:

Or. en

Emenda 73
Kamila Gasiuk-Pihowicz

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a
Direttiva 2009/43/KE
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-fornitur jew ir-riċevitur ikun korp governattiv jew parti mill-forzi armati;	(a) il-fornitur jew ir-riċevitur ikun korp governattiv jew parti mill-forzi armati***, jew ikun entità kkontrollata direttament jew indirettament minn Stat Membru, li twettaq kompiti ta' difiża jew ta' sigurtà tal-Istat għall-ħtiġijiet ta' dak l-Istat Membru***;

Or. en

Emenda 74
Pierre-Romain Thionnet, Virginie Joron

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a
Direttiva 2009/43/KE

Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt aa

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(aa) ir-riċevitur ikun ***istituzzjoni tal-Unjoni,*** korp tal-Unjoni, jew l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża;	(aa) ir-riċevitur ikun korp tal-Unjoni, jew l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża;

Or. en

Emenda 75
Hannah Neumann, Reinier Van Lanschot
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a
Direttiva 2009/43/KE
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) it-trasferiment ikun neċessarju għall-implimentazzjoni ta' programm ta' armamenti kollaborattiv bejn l-Istati Membri;	(c) it-trasferiment ikun neċessarju għall-implimentazzjoni ta' programm ta' armamenti kollaborattiv bejn l-Istati Membri***, inkluż Strutturi għall-Programm Ewropew dwar l-Armamenti (SEAPs)***;

Or. en

Emenda 76
Kamila Gasiuk-Pihowicz

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a
Direttiva 2009/43/KE
Artikolu 4 – paragrafu 2 – wara (c)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ca) it-trasferiment ikun neċessarju għall-implimentazzjoni ta' proġett iffinanzjat minn programm industrijali tad-difiża tal-Unjoni;	(ca) it-trasferiment ikun neċessarju għall-implimentazzjoni ta' ***Proġett Ewropew għad-Difiża ta' Interess Komuni jew*** proġett iffinanzjat minn programm industrijali tad-difiża tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 77
Pekka Toveri, Anna-Maja Henriksson

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a
Direttiva 2009/43/KE
Artikolu 4 – paragrafu 2 – wara (c)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(caa) it-trasferiment ikun neċessarju għall-implimentazzjoni ta' proġett Ewropew kollaborattiv jew proġett iffinanzjat minn programm industrijali tad-difiża tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 78
Hannah Neumann, Reinier Van Lanschot
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a
Direttiva 2009/43/KE
Artikolu 4 – paragrafu 2 – wara (c)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(cba) it-trasferiment isir fil-qafas ta' raggruppament reġjonali tal-EDTIB;

Or. en

Emenda 79
Hannah Neumann, Reinier Van Lanschot
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a
Direttiva 2009/43/KE

Artikolu 4 – paragrafu 2 – wara (c)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(cc) it-trasferiment isir ***fil-każ ta' urġenza li tirriżulta minn*** kriżi;	(cc) it-trasferiment isir ***waqt li jiġi attivat stat ta'*** kriżi ***fil-provvista skont l-Artikolu 44 jew l-Artikolu 48 tar-Regolament EDIP***;

Or. en

Emenda 80
Pierfrancesco Maran, Yannis Maniatis, Raphaël Glucksmann, Costas Mavrides, Brando Benifei, José Cepeda

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a
Direttiva 2009/43/KE
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(cc) (cc) it-trasferiment isir ***fil-każ ta' urġenza li tirriżulta minn*** kriżi;	(cc) it-trasferiment isir ***fi*** kriżi***, inkluż fil-każ tal-iskattar tal-Artikolu 42(7) tat-TUE***;

Or. en

Emenda 81
Reinis Pozņaks, Stefano Cavedagna
f'isem il-Grupp ECR

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a
Direttiva 2009/43/KE
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt wara c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(cca) it-trasferiment ikun neċessarju għall-implimentazzjoni ta' miżuri relatati mal-preparatezza għal theddid ibridu jew ir-rispons għalih, kif definit fl-atti rilevanti tal-Unjoni jew identifikat mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

Or. en

Emenda 82
Pekka Toveri, Anna-Maja Henriksson

Proposta għal direttiva
Article 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt aa (ġdid)
Direttiva 2009/43/KE
Artikolu 4 – wara paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) Jiddaħħal il-paragrafu 2a li ġej:
	"2a. Minkejja l-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jeżentaw it-trasferimenti ta' teknoloġiji intanġibbli relatati mad-difiża mill-obbligu ta' awtorizzazzjoni minn qabel stabbilit f'dak il-paragrafu meta l-fornitur u r-riċevitur jappartjenu għall-istess kumpanija jew grupp ta' kumpaniji.";

Or. en

Emenda 83
Pierre-Romain Thionnet, Virginie Joron

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b
Direttiva 2009/43/KE
Artikolu 4 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:	***imħassar***
"3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati biex tissupplimenta din id-Direttiva f'konformità mal-Artikolu 13a, fuq it-talba ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva tagħha stess, li jemendaw il-paragrafu 2, sabiex jiġu inklużi każijiet addizzjonali fejn:	
(a) it-trasferiment isir taħt kundizzjonijiet	

li ma jaffettwawx l-ordni pubbliku jew is-sigurtà pubblika;

(b) l-obbligu ta' awtorizzazzjoni minn qabel ikun sar inkompatibbli mal-impenji internazzjonali tal-Istati Membri sussegwenti għall-adozzjoni ta' din id-Direttiva;

(c) ikun neċessarju għall-kooperazzjoni intergovernattiva, kif imsemmi fl-Artikolu 1(4);

(d) it-trasferiment ikun neċessarju għall-kooperazzjoni transfruntiera;"

Or. en

Emenda 84
Stefano Cavedagna

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b
Direttiva 2009/43/KE
Artikolu 4 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati biex tissupplimenta din id-Direttiva f'konformità mal-Artikolu 13a, fuq it-talba ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva tagħha stess, li jemendaw il-paragrafu 2, sabiex jiġu inklużi każijiet addizzjonali fejn:	***imħassar***
(a) it-trasferiment isir taħt kundizzjonijiet li ma jaffettwawx l-ordni pubbliku jew is-sigurtà pubblika;	
(b) l-obbligu ta' awtorizzazzjoni minn qabel ikun sar inkompatibbli mal-impenji internazzjonali tal-Istati Membri sussegwenti għall-adozzjoni ta' din id-Direttiva;	
(c) ikun neċessarju għall-kooperazzjoni intergovernattiva, kif imsemmi fl-Artikolu 1(4);	

(d) it-trasferiment ikun neċessarju għall-kooperazzjoni transfruntiera;"

Or. en

Emenda 85
Jaroslava Pokorná Jermanová

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b
Direttiva 2009/43/KE – Artikolu 4
Paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati biex tissupplimenta din id-Direttiva f'konformità mal-Artikolu 13a, fuq it-talba ta' Stat Membru ***jew fuq inizjattiva tagħha stess***, li jemendaw il-paragrafu 2, sabiex jiġu inklużi każijiet addizzjonali fejn:	3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati biex tissupplimenta din id-Direttiva f'konformità mal-Artikolu 13a, fuq it-talba ta' Stat Membru, li jemendaw il-paragrafu 2, sabiex jiġu inklużi każijiet addizzjonali fejn:

Or. en

Emenda 86
Pierfrancesco Maran, Yannis Maniatis, Raphaël Glucksmann, Costas Mavrides, Brando Benifei, José Cepeda

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b
Direttiva 2009/43/KE
Artikolu 4 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati biex tissupplimenta din id-Direttiva f'konformità mal-Artikolu 13a, fuq it-talba ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva tagħha stess, li jemendaw il-paragrafu 2, sabiex ***jiġu inklużi każijiet*** addizzjonali ***fejn***:	3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati biex tissupplimenta din id-Direttiva f'konformità mal-Artikolu 13a, fuq it-talba ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva tagħha stess, li jemendaw il-paragrafu 2, sabiex ***jiġi inkluż kwalunkwe wieħed mill-każijiet*** addizzjonali ***li ġejjin***:

Or. en

Emenda 87
Pierfrancesco Maran, Yannis Maniatis, Raphaël Glucksmann, Costas Mavrides, Brando Benifei, José Cepeda

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b
Direttiva 2009/43/KE
Artikolu 4 – paragrafu 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ikun neċessarju għall-kooperazzjoni intergovernattiva, kif imsemmi fl-Artikolu 1(4);	(c) ***it-trasferiment*** ikun neċessarju għall-kooperazzjoni intergovernattiva, kif imsemmi fl-Artikolu 1(4);

Or. en

Emenda 88
Pierfrancesco Maran, Yannis Maniatis, Raphaël Glucksmann, Costas Mavrides, Brando Benifei, José Cepeda

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b
Direttiva 2009/43/KE
Artikolu 4 – paragrafu 3 – punt (da)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) it-trasferiment ikun neċessarju biex jissaħħaħ is-suq intern għal prodotti ta' difiża;

Or. en

Emenda 89
Alexandr Vondra, Ondřej Krutílek

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt c
Direttiva 2009/43/KE
Artikolu 4 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fornituri li jixtiequ jittrasferixxu prodotti relatati mad-difiża mit-territorju tagħhom ikunu jistgħu jużaw liċenzji ġenerali ta' trasferiment jew japplikaw għal liċenzji globali jew individwali ta' trasferiment f'konformità mal-Artikoli 5, 6 u 7. Ma għandhomx jiġu imposti prekundizzjonijiet, li jkollhom l-effett li jipprevjenu lill-fornituri milli jużaw liċenzji ġenerali ta' trasferiment jew japplikaw għal liċenzji globali jew individwali ta' trasferiment, abbażi ta' kriterji li mhumiex marbuta mal-kapaċità tagħhom li jwettqu l-obbligi tagħhom fl-oqsma tat-trasferiment u tal-kontroll tal-esportazzjoni.	4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fornituri li jixtiequ jittrasferixxu prodotti relatati mad-difiża mit-territorju tagħhom ikunu jistgħu jużaw liċenzji ġenerali ta' trasferiment jew japplikaw għal liċenzji globali jew individwali ta' trasferiment f'konformità mal-Artikoli 5, 6 u 7***. L-entitajiet iċċertifikati li jipparteċipaw fi programmi tad-difiża ffinanzjati mill-Unjoni għandhom jingħataw aċċess awtomatiku għal liċenzji ġenerali ta' trasferiment għal trasferimenti intra-UE ta' munizzjon u komponenti relatati***. Ma għandhomx jiġu imposti prekundizzjonijiet, li jkollhom l-effett li jipprevjenu lill-fornituri milli jużaw liċenzji ġenerali ta' trasferiment jew japplikaw għal liċenzji globali jew individwali ta' trasferiment, abbażi ta' kriterji li mhumiex marbuta mal-kapaċità tagħhom li jwettqu l-obbligi tagħhom fl-oqsma tat-trasferiment u tal-kontroll tal-esportazzjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tibni fuq l-appoġġ eżistenti tad-Direttiva għall-entitajiet iċċertifikati (l-Artikolu 5(2b)) u ssaħħaħ il-libertà operazzjonali tagħhom. L-emenda tnaqqas il-piż amministrattiv u tiżgura l-kontinwità fil-ktajjen tal-provvista strateġiċi.

Emenda 90
Hannah Neumann, Reinier Van Lanschot
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt c
Direttiva 2009/43/KE
Artikolu 4 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fornituri li jixtiequ jittrasferixxu prodotti relatati mad-difiża mit-territorju tagħhom ikunu jistgħu jużaw	4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fornituri li jixtiequ jittrasferixxu prodotti relatati mad-difiża mit-territorju tagħhom ikunu jistgħu jużaw

liċenzji ġenerali ta’ trasferiment jew japplikaw għal liċenzji globali jew individwali ta’ trasferiment f’konformità mal-Artikoli 5, 6 u 7. Ma għandhomx jiġu imposti prekundizzjonijiet, li jkollhom l-effett li jipprevjenu lill-fornituri milli jużaw liċenzji ġenerali ta’ trasferiment jew japplikaw għal liċenzji globali jew individwali ta’ trasferiment, abbażi ta’ kriterji li mhumiex marbuta mal-kapaċità tagħhom li jwettqu l-obbligi tagħhom fl-oqsma tat-trasferiment u tal-kontroll tal-esportazzjoni.	liċenzji ġenerali ta’ trasferiment jew japplikaw għal liċenzji globali jew individwali ta’ trasferiment f’konformità mal-Artikoli 5, 6 u 7. Ma għandhomx jiġu imposti prekundizzjonijiet, li jkollhom l-effett li jipprevjenu lill-fornituri milli jużaw liċenzji ġenerali ta’ trasferiment jew japplikaw għal liċenzji globali jew individwali ta’ trasferiment, abbażi ta’ kriterji li mhumiex marbuta mal-kapaċità tagħhom li jwettqu l-obbligi tagħhom fl-oqsma tat-trasferiment u tal-kontroll tal-esportazzjoni. ***L-Istati Membri għandhom jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni tal-SMEs u tal-kumpaniji żgħar b’kapitalizzazzjoni medja fil-ktajjen tal-provvista tad-difiża.***

Or. en

Emenda 91
Nathalie Loiseau

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt d
Direttiva 2009/43/KE
Artikolu 4 – paragrafu 8a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) jiddaħħal il-paragrafu 8a li ġej:	***imħassar***
“8a. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f’konformità mal-Artikolu 13a, fuq talba ta’ Stat Membru jew fuq inizjattiva tagħha stess, sabiex tiddetermina l-kundizzjonijiet armonizzati għall-applikazzjoni tal-paragrafi 5 u 8 ta’ dan l-Artikolu”.	

Or. en

(Ara l-formulazzjoni tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2009/43/KE)

Ġustifikazzjoni

Joħloq restrizzjonijiet addizzjonali bla bżonn.

Emenda 92
Pierre-Romain Thionnet, Virginie Joron

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt d
Direttiva 2009/43/KE
Artikolu4 – paragrafu 8a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8a. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 13a, fuq talba ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva tagħha stess, sabiex tiddetermina l-kundizzjonijiet armonizzati għall-applikazzjoni tal-paragrafi 5 u 8 ta' dan l-Artikolu".	***imħassar***

Or. en

Emenda 93
Stefano Cavedagna

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt d
Id-Direttiva 2009/43/KE
Artikolu 4 – paragrafu 8a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8a. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 13a, fuq talba ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva tagħha stess, sabiex tiddetermina l-kundizzjonijiet armonizzati għall-applikazzjoni tal-paragrafi 5 u 8 ta' dan l-Artikolu.	***imħassar***

Or. en

Emenda 94
Klara Dostalova

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt d

Direttiva 2009/43/KE
Artikolu 4 – paragrafu 8a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8a. Il-Kummissjoni għandha ***s-setgħa li*** tadotta ***atti delegati f'konformità mal-Artikolu 13a, fuq talba ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva tagħha stess, sabiex tiddetermina*** l-kundizzjonijiet armonizzati għall-applikazzjoni tal-paragrafi 5 u 8 ta' dan l-Artikolu.	8a. ***Fil-każ ta' ostakli persistenti għat-trasferiment intrakomunitarju ta' oġġetti tad-difiża marbuta ma' livell insuffiċjenti ta' armonizzazzjoni bejn l-Istati Membri,*** il-Kummissjoni għandha ***permezz ta' atti ta' implimentazzjoni*** tadotta l-kundizzjonijiet armonizzati għall-applikazzjoni tal-paragrafi 5 u 8 ta' dan l-Artikolu. ***Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 13c(2).***

Or. en

Emenda 95
Anna-Maja Henriksson, Pekka Toveri

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt d
Direttiva 2009/43/KE
Artikolu 4 – paragrafu 8a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8a. Il-Kummissjoni għandha ***s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 13a, fuq talba ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva tagħha stess, sabiex tiddetermina*** l-kundizzjonijiet ***armonizzati*** għall-applikazzjoni tal-paragrafi 5 u 8 ta' dan l-Artikolu.	8a. ***Jekk jippersistu ostakli mhux ġustifikati għat-trasferimenti intra-UE ta' prodotti tad-difiża minħabba livell insuffiċjenti ta' armonizzazzjoni,*** il-Kummissjoni għandha ***permezz ta' atti ta' implimentazzjoni tissupplimenta din id-Direttiva billi tistabbilixxi*** l-kundizzjonijiet ***uniformi meħtieġa*** għall-applikazzjoni tal-paragrafi 5 u 8 ta' dan l-Artikolu. ***Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 13a(2a).***

Or. en

Emenda 96
Hannah Neumann, Reinier Van Lanschot
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt d
Direttiva 2009/43/KE
Artikolu 4 – paragrafu 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8a. Il-Kummissjoni għandha ***s-setgħa li*** tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 13a***, fuq talba ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva tagħha stess,*** sabiex tiddetermina l-kundizzjonijiet armonizzati għall-applikazzjoni tal-paragrafi 5 u 8 ta' dan l-Artikolu".	8a. Il-Kummissjoni għandha***, sa [6 xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]*** tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 13a sabiex tiddetermina l-kundizzjonijiet armonizzati għall-applikazzjoni tal-paragrafi 5 u 8 ta' dan l-Artikolu".

Or. en

Emenda 97
Pierfrancesco Maran, Yannis Maniatis, Raphaël Glucksmann, Costas Mavrides, Brando Benifei, José Cepeda

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt d
Direttiva 2009/43/KE
Artikolu 4 – paragrafu 8a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8a. Il-Kummissjoni għandha ***s-setgħa li*** tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 13a, fuq talba ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva tagħha stess, sabiex tiddetermina l-kundizzjonijiet armonizzati għall-applikazzjoni tal-paragrafi 5 u 8 ta' dan l-Artikolu".	8a. Il-Kummissjoni għandha ***fi żmien 6 xhur*** tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 13a, fuq talba ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva tagħha stess, sabiex tiddetermina l-kundizzjonijiet armonizzati għall-applikazzjoni tal-paragrafi 5 u 8 ta' dan l-Artikolu".

Or. en

Emenda 98
Jaroslava Pokorná Jermanová

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt d
Artikolu 8
Paragrafu 8a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8a. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 13a, fuq talba ta' Stat Membru ***jew fuq inizjattiva tagħha stess***, sabiex tiddetermina l-kundizzjonijiet armonizzati għall-applikazzjoni tal-paragrafi 5 u 8 ta' dan l-Artikolu".	8a. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 13a, fuq talba ta' Stat Membru, sabiex tiddetermina l-kundizzjonijiet armonizzati għall-applikazzjoni tal-paragrafi 5 u 8 ta' dan l-Artikolu".

Or. en

Emenda 99
Pierfrancesco Maran, Yannis Maniatis, Raphaël Glucksmann, Costas Mavrides, Brando Benifei, José Cepeda

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt a – punt ii – parti introduttorja
Direttiva 2009/43/KE
Artikolu 5 – paragrafu 2 – punti e u ea

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) ***jiddaħħal il-punt*** (e) li ***ġej***:	(ii) ***jiddaħħlu l-punti*** (e) ***u (ea)*** li ***ġejjin***:

Or. en

Emenda 100
Pierfrancesco Maran, Yannis Maniatis, Raphaël Glucksmann, Costas Mavrides, Brando Benifei, José Cepeda

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt a – punt ii
Direttiva 2009/43/KE
Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt ea

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) it-trasferiment għandu l-għan li

jiżviluppa teknoloġiji fixkiela jew proċessi industrijali innovattivi bbażati fl-Unjoni;

Or. en

Emenda 101
Stefano Cavedagna

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt b
Direttiva 2009/43/KE
Artikolu 5 – paragrafu 2b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2b. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati biex tissupplimenta din id-Direttiva f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 13a, sabiex tarmonizza l-ambitu minimu tal-liċenzji ġenerali ta' trasferiment imsemmija fl-Artikolu 5(2).;	***imħassar***

Or. en

Emenda 102
Nathalie Loiseau

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt b
Direttiva 2009/43/KE
Artikolu 5 – paragrafu 2b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2b. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati biex tissupplimenta din id-Direttiva f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 13a, sabiex tarmonizza l-ambitu minimu tal-liċenzji ġenerali ta' trasferiment imsemmija fl-Artikolu 5(2).;	***imħassar***

Or. en

(Ara l-formulazzjoni tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2009/43/KE)

Emenda 103
Hannah Neumann, Reinier Van Lanschot
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt b
Direttiva 2009/43/KE
Artikolu 5 – paragrafu 2b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2b. Il-Kummissjoni għandha ***s-setgħa li*** tadotta atti delegati biex tissupplimenta din id-Direttiva f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 13a, sabiex tarmonizza l-ambitu minimu tal-liċenzji ġenerali ta' trasferiment imsemmija fl-Artikolu 5(2).”;	2b. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati biex tissupplimenta din id-Direttiva f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 13a, sabiex ***taġġorna u*** tarmonizza l-ambitu minimu tal-liċenzji ġenerali ta' trasferiment imsemmija fl-Artikolu 5(2).”;

Or. en

Emenda 104
Pierfrancesco Maran, Yannis Maniatis, Raphaël Glucksmann, Costas Mavrides, Brando Benifei, José Cepeda

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt b
Direttiva 2009/43/KE
Artikolu 5 – paragrafu 2b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2b. Il-Kummissjoni għandha ***s-setgħa li*** tadotta atti delegati biex tissupplimenta din id-Direttiva f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 13a, sabiex tarmonizza l-ambitu minimu tal-liċenzji ġenerali ta' trasferiment imsemmija fl-Artikolu 5(2).”;	2b. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati biex tissupplimenta din id-Direttiva f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 13a, sabiex tarmonizza l-ambitu minimu tal-liċenzji ġenerali ta' trasferiment imsemmija fl-Artikolu 5(2).”;

Or. en

Emenda 105
Kamila Gasiuk-Pihowicz

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Direttiva 2009/43/KE
Artikolu 5a – Titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Liċenzji għat-trasferimenti neċessarji għall-implimentazzjoni ta' proġetti ffinanzjati fil-qafas ta' programmi industrijali tad-difiża tal-Unjoni	Liċenzji għat-trasferimenti neċessarji għall-implimentazzjoni ta' ***Proġetti Ewropej għad-Difiża ta' Interess Komuni jew*** proġetti ffinanzjati fil-qafas ta' programmi industrijali tad-difiża tal-Unjoni

Or. en

Emenda 106
Pekka Toveri, Anna-Maja Henriksson

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Direttiva 2009/43/KE
Artikolu 5 – Titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Liċenzji għat-trasferimenti neċessarji għall-implimentazzjoni ta' proġetti ffinanzjati fil-qafas ta' programmi industrijali tad-difiża tal-Unjoni	Liċenzji għat-trasferimenti neċessarji ***għal proġetti kollaborattivi Ewropej tad-difiża u*** għall-implimentazzjoni ta' proġetti ffinanzjati fil-qafas ta' programmi industrijali tad-difiża tal-Unjoni

Or. en

Emenda 107
Pierfrancesco Maran, Yannis Maniatis, Raphaël Glucksmann, Costas Mavrides, Brando Benifei, José Cepeda

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Direttiva 2009/43/KE
Artikolu 5a – Titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Liċenzji għat-trasferimenti neċessarji għall-implimentazzjoni ta' proġetti ffinanzjati fil-qafas ta' programmi industrijali tad-difiża tal-Unjoni	Liċenzji għat-trasferimenti neċessarji għall-implimentazzjoni ta' proġetti ffinanzjati fil-qafas ta' programmi industrijali tad-difiża tal-Unjoni ***jew imwettqa fil-kuntest ta' SEAP***

Or. en

Emenda 108
Kamila Gasiuk-Pihowicz

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Direttiva 2009/43/KE
Artikolu 5a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jippubblikaw liċenzji ġenerali ta' trasferiment għat-trasferimenti neċessarji għall-implimentazzjoni ta' proġetti ffinanzjati fil-qafas ta' programm industrijali tad-difiża tal-Unjoni. Dawk il-liċenzji għandhom japplikaw għall-prodotti kollha relatati mad-difiża u għandhom ikopru t-trasferimenti kollha neċessarji għall-implimentazzjoni tal-proġett.	1. L-Istati Membri għandhom jippubblikaw liċenzji ġenerali ta' trasferiment għat-trasferimenti neċessarji għall-implimentazzjoni ta' ***Proġetti Ewropej għad-Difiża ta' Interess Komuni jew*** proġetti ffinanzjati fil-qafas ta' programm industrijali tad-difiża tal-Unjoni. Dawk il-liċenzji għandhom japplikaw għall-prodotti kollha relatati mad-difiża u għandhom ikopru t-trasferimenti kollha neċessarji għall-implimentazzjoni tal-proġett.

Or. en

Emenda 109
Pekka Toveri, Anna-Maja Henriksson

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Direttiva 2009/43/KE
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

1. L-Istati Membri għandhom jippubblikaw liċenzji ġenerali ta' trasferiment għat-trasferimenti neċessarji għall-implimentazzjoni ta' proġetti ffinanzjati fil-qafas ta' programm industrijali tad-difiża tal-Unjoni. Dawk il-liċenzji għandhom japplikaw għall-prodotti kollha relatati mad-difiża u għandhom ikopru t-trasferimenti kollha neċessarji għall-implimentazzjoni tal-proġett.	1. L-Istati Membri għandhom jippubblikaw liċenzji ġenerali ta' trasferiment għat-trasferimenti neċessarji ***għal proġetti kollaborattivi Ewropej tad-difiża u*** għall-implimentazzjoni ta' proġetti ffinanzjati fil-qafas ta' programm industrijali tad-difiża tal-Unjoni. Dawk il-liċenzji għandhom japplikaw għall-prodotti kollha relatati mad-difiża u għandhom ikopru t-trasferimenti kollha neċessarji għall-implimentazzjoni tal-proġett.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-proposta tal-Kummissjoni dwar l-introduzzjoni ta' Artikolu 5a tissuġġerixxi miżura neċessarja iżda waħedha mhijiex biżżejjed minħabba s-sehem limitat ta' proġetti ffinanzjati (jew kofinanzjati) mill-UE fis-suq tad-difiża Ewropew. Sabiex tinkiseb il-prontezza tad-difiża 2030, l-Istati Membri għandhom jagħmlu l-użu ta' liċenzji ġenerali ta' trasferiment l-istandard għal proġetti kollaborattivi fl-UE. Ir-riskju li jitnaqqas ir-ritmu tal-implimentazzjoni tal-biċċa l-kbira tal-proġetti kollaborattivi Ewropej fl-għoti ta' liċenzji individwali mill-Istati Membri bħala l-mod standard jeħtieġ li jingħeleb.

Emenda 110
Pierfrancesco Maran, Yannis Maniatis, Raphaël Glucksmann, Costas Mavrides, Brando Benifei, José Cepeda

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Direttiva 2009/43/KE
Artikolu 5a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jippubblikaw liċenzji ġenerali ta' trasferiment għat-trasferimenti neċessarji għall-implimentazzjoni ta' proġetti ffinanzjati fil-qafas ta' programm industrijali tad-difiża tal-Unjoni. Dawk il-liċenzji għandhom japplikaw għall-prodotti kollha relatati mad-difiża u għandhom ikopru t-trasferimenti kollha neċessarji għall-implimentazzjoni tal-proġett.	1. L-Istati Membri għandhom jippubblikaw liċenzji ġenerali ta' trasferiment għat-trasferimenti neċessarji għall-implimentazzjoni ta' proġetti ffinanzjati fil-qafas ta' programm industrijali tad-difiża tal-Unjoni ***jew imwettqa fil-kuntest ta' Struttura għall-Programm Ewropew dwar l-Armamenti (SEAP)***. Dawk il-liċenzji għandhom japplikaw għall-prodotti kollha relatati mad-difiża u għandhom ikopru t-trasferimenti kollha neċessarji għall-

implimentazzjoni tal-proġett.

Or. en

Emenda 111
Pierfrancesco Maran, Yannis Maniatis, Raphaël Glucksmann, Costas Mavrides, Brando Benifei, José Cepeda

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Direttiva 2009/43/KE
Artikolu 5a – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri ***jistgħu jipprevedu*** li s-sistema ta' liċenzjar imsemmija fil-paragrafu 1 tapplika wkoll għall-fażijiet sussegwenti fiċ-ċiklu tal-ħajja tal-proġetti li jseħħu wara l-istadji ffinanzjati minn programm industrijali tad-difiża tal-Unjoni.	2. L-Istati Membri ***għandhom jiżguraw*** li s-sistema ta' liċenzjar imsemmija fil-paragrafu 1 tapplika wkoll għall-fażijiet sussegwenti fiċ-ċiklu tal-ħajja tal-proġetti li jseħħu wara l-istadji ffinanzjati minn programm industrijali tad-difiża tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 112
Hannah Neumann, Reinier Van Lanschot
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Direttiva 2009/43/KE
Artikolu 5a (ġdid) – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri ***jistgħu*** jipprevedu li s-sistema ta' liċenzjar imsemmija fil-paragrafu 1 tapplika wkoll għall-fażijiet sussegwenti fiċ-ċiklu tal-ħajja tal-proġetti li jseħħu wara l-istadji ffinanzjati minn programm industrijali tad-difiża tal-Unjoni.	2. L-Istati Membri ***għandhom*** jipprevedu li s-sistema ta' liċenzjar imsemmija fil-paragrafu 1 tapplika wkoll għall-fażijiet sussegwenti fiċ-ċiklu tal-ħajja tal-proġetti li jseħħu wara l-istadji ffinanzjati minn programm industrijali tad-difiża tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 113
Pierfrancesco Maran, Yannis Maniatis, Raphaël Glucksmann, Costas Mavrides, Brando Benifei, José Cepeda

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) fl-Artikolu 8, ***jiddaħħal il-paragrafu*** 3a li ***ġej***:	(5) fl-Artikolu 8, ***jiddaħħlu l-paragrafi*** 3a ***u 3b*** li ***ġejjin***:

Or. en

Emenda 114
Pierfrancesco Maran, Yannis Maniatis, Raphaël Glucksmann, Costas Mavrides, Brando Benifei, José Cepeda

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Direttiva 2009/43/KE
Artikolu 8 – paragrafu 3a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3a. Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu, b'mod partikolari l-Artikolu 8(3), il-punti (b) u (c), kif xieraq, għandhom japplikaw għal trasferimenti tat-teknoloġija mhux tanġibbli ***biss sa fejn l-applikazzjoni tagħhom ma tirriżultax f'obbligi ta' rapportar sproporzjonati għall-forniturі.***;	3a. Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu, b'mod partikolari l-Artikolu 8(3), il-punti (b) u (c), kif xieraq, għandhom japplikaw għal trasferimenti tat-teknoloġija mhux tanġibbli;

Or. en

Emenda 115
Pierfrancesco Maran, Yannis Maniatis, Raphaël Glucksmann, Costas Mavrides, Brando Benifei, José Cepeda

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Direttiva 2009/43/KE
Artikolu 8 – paragrafu 3aa

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3aa. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati biex tissupplimenta din id-Direttiva f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 13a, sabiex tadotta mudelli standardizzati għall-konformità mal-obbligu deskritt fil-paragrafu 3, filwaqt li tqis kif xieraq id-differenzi bejn it-trasferimenti tanġibbli u mhux tanġibbli;

Or. en

Emenda 116
Stefano Cavedagna

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6 – punt a
Direttiva 2009/43/KE
Artikolu 13a – paragrafu 2a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2a. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 4(8a) għal perjodu ta' 5 snin minn [id-data tal-adozzjoni tad-direttiva emendatorja]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa fi żmien sa disa' xhur qabel tmiem il-perjodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux aktar tard minn 3 xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.;	***imħassar***

Or. en

Emenda 117
Nathalie Loiseau

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6 – punt a
Direttiva 2009/43/KE
Artikolu 13a – paragrafu 2a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2a. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 4(8a) għal perjodu ta' 5 snin minn [id-data tal-adozzjoni tad-direttiva emendatorja]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa fi żmien sa disa' xhur qabel tmiem il-perjodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux aktar tard minn 3 xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.;	***imħassar***

Or. en

(Ara l-formulazzjoni tal-Artikolu 13a tad-Direttiva 2009/43/KE)

Emenda 118
Anna-Maja Henriksson, Pekka Toveri

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6 – punt a
Direttiva 2009/43/KE
Artikolu 13a – paragrafu 2a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2a. ***Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 4(8a) għal perjodu ta' 5 snin minn [id-data tal-adozzjoni tad-direttiva emendatorja].*** Il-Kummissjoni għandha ***tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa fi żmien sa disa' xhur qabel tmiem il-perjodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew***	2a. ***Meta tadotta att ta' implimentazzjoni,*** il-Kummissjoni għandha ***tkun assistita minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 182/2011*. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011*.***

jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux aktar tard minn 3 xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.";

**** Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2011/182/oj).***

Or. en

Emenda 119
Jaroslava Pokorná Jermanová

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6 – punt a
Direttiva 2009/43/KE – l-Artikolu 13a
Paragrafu 2a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2a. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 4(8a) għal perjodu ta' 5 snin minn [id-data tal-adozzjoni tad-direttiva emendatorja]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa fi żmien sa disa' xhur qabel tmiem il-perjodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux aktar tard minn 3 xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.;	2a. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 4(8a) għal perjodu ta' 5 snin minn [id-data tal-adozzjoni tad-direttiva emendatorja] ***fuq talba ta' Stat Membru***. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa fi żmien sa disa' xhur qabel tmiem il-perjodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux aktar tard minn 3 xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.;

Or. en

Emenda 120

Reinis Pozņaks
f'isem il-Grupp ECR

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6 – punt a
Direttiva 2009/43/KE
Artikolu 13a – paragrafu 2a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2a. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 4(8a) għal perjodu ta' ***5*** snin minn [id-data tal-adozzjoni tad-direttiva emendatorja]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa fi żmien sa disa' xhur qabel tmiem il-perjodu ta' ***ħames*** snin. ***Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux aktar tard minn 3 xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.;***	2a. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 4(8a) għal perjodu ta' ***3*** snin minn [id-data tal-adozzjoni tad-direttiva emendatorja]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa fi żmien sa disa' xhur qabel tmiem il-perjodu ta' ***3*** snin.

Or. en

Emenda 121
Stefano Cavedagna

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6 – punt b
Direttiva 2009/43/KE
Artikolu 13a – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:	***imħassar***
"3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 4(3), l-Artikolu 4(8a) jew l-Artikolu 13 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-	

pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.;"

Or. en

Emenda 122
Anna-Maja Henriksson, Pekka Toveri

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6 – punt b
Direttiva 2009/43/KE
Artikolu 13a – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 4(3)***, l-Artikolu 4(8a)*** jew l-Artikolu 13 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.;	3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 4(3) jew l-Artikolu 13 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.;

Or. en

Emenda 123
Stefano Cavedagna

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6 – punt c
Direttiva 2009/43/KE
Artikolu 13a – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Att delegat adottat skont l-Artikolu	***imħassar***

4(3), l-Artikolu 4(8a) jew l-Artikolu 13 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien xahrejn wara n-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, jew jekk, qabel jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Or. en

Emenda 124
Pekka Toveri, Anna-Maja Henriksson

Proposta għal direttiva
Artikolu 5a (ġdid)
Direttiva 2009/43/KE
Artikolu 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu5a
	l-Artikolu 17 huwa sostitwit b'dan li ġej:
	Artikolu 17
	Sal-1 ta' Jannar 2029, il-Kummissjoni għandha tirrieżamina l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva fl-isfond tat-titjib fil-prontezza tad-difiża tal-Ewropa sal-2030, kif mitlub mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill Ewropew f'Marzu 2025 u tirrapporta dwarha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Hija għandha tevalwa b'mod partikolari jekk intlaħqux l-objettivi ta' din id-Direttiva, u sa liema punt, fir-rigward, fost l-oħrajn, tal-funzjonament tas-suq intern u tal-għan tal-prontezza tad-difiża sal-2030. Fir-rapport tagħha, il-Kummissjoni għandha tirrieżamina l-applikazzjoni tal-Artikoli 5, [5a jew 5a ġdid], 9 sa 12 u l-Artikolu 15 ta' din id-Direttiva, u għandha tevalwa l-impatt ta' din id-Direttiva fuq il-

	konsolidazzjoni tas-suq Ewropew tat-tagħmir ta' difiża u l-bażi industrijali u teknoloġika tad-difiża Ewropea, filwaqt li tqis, fost l-oħrajn, is-suċċess tat-titjib ġenerali sa livell li jista' jiskoraġġixxi b'mod kredibbli kwalunkwe riskju ta' aggressjoni armata u s-sitwazzjoni tal-intrapriżi żgħar, żgħar b'kapitalizzazzjoni medja u ta' daqs medju. Jekk ikun neċessarju, ir-rapport għandu jkun akkumpanjat minn proposta leġiżlattiva għal Regolament.

Or. en

Emenda 125
Hannah Neumann, Reinier Van Lanschot
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1 – punt a
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 1 – punt 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
15. **'**Kandidat**'** tfisser operatur ekonomiku li jkun talab stedina biex jieħu sehem fi proċedura ristretta jew innegozjata, fi djalogu kompetittiv, jew fi sħubija għall-innovazzjoni;	15. **"**Kandidat**"** tfisser operatur ekonomiku li jkun talab stedina biex ***jieħu sehem jew ġie mistieden*** jieħu sehem fi proċedura ristretta jew innegozjata, fi djalogu kompetittiv, jew fi sħubija għall-innovazzjoni;

Or. en

Emenda 126
Hannah Neumann, Reinier Van Lanschot
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1 – punt a
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 1 – punt 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
16. ‘Offerent’ tfisser operatur ekonomiku li jkun issottometta offerta ***fi proċedura miftuħa, fi proċedura ristretta jew innegozjata, fi djalogu kompetittiv, jew fi sħubija għall-innovazzjoni***;”***;***	16. **“**Offerent**”** tfisser operatur ekonomiku li jkun issottometta offerta;

Or. en

Emenda 127
Kamila Gasiuk-Pihowicz

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1 – punt aa (ġdid)
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 1 – punt 6a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) jiżdied il-punt 6a li ġej:
	“6a. “Materjal tal-gwerra” tfisser kwalunkwe materjal awżiljarju użat mill-forzi armati jew minn entitajiet militari oħra, kemm jekk iddisinjat speċifikament kif ukoll jekk le, għal finijiet militari, inkluż iżda mhux limitat għal oġġetti tessili, prodotti mediċi, razzjonijiet tal-ikel jew kwalunkwe kategorija simili oħra;”

Or. en

Emenda 128
Kamila Gasiuk-Pihowicz

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1 – punt ab (ġdid)
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 1 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ab) il-punt 6 huwa sostitwit b’dan li ġej:

	(-a) "tagħmir militari" tfisser it-tagħmir u l-materjali kollha maħsuba għal attivitajiet militari u użati mill-forzi armati jew minn entitajiet militari oħrajn, inkluż iżda mhux limitat għal assemblaġġi, subassemblaġġi, oġġetti, taħlitiet u sustanzi, kif ukoll kwalunkwe tagħmir, kemm jekk iddisinjat speċifikament kif ukoll jekk le, għal finijiet militari jew ta' sigurtà u maħsub għall-użu bħala arma, munizzjoni jew materjal tal-gwerra.

Or. en

Emenda 129
Pekka Toveri, Anna-Maja Henriksson

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1 – punt f – parti introduttorja
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 1 – punt 29

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) ***jiżdied il-punt 29*** li ***ġej***:	(f) ***jiżdiedu l-punti 29 u 30*** li ***ġejjin***:

Or. en

Emenda 130
Pekka Toveri, Anna-Maja Henriksson

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1 – punt f
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 1, Wara punt 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
29. **'**manutenzjoni**'** tfisser l-azzjonijiet kollha meħuda biex jiġu żgurati l-prontezza u l-kapaċità operazzjonali ta' prodott tad-difiża, b'mod partikolari biex it-tagħmir jinżamm f'kundizzjonijiet speċifikati jew jiġi restawrat għalihom sa tmiem l-użu	29. **"**manutenzjoni**"** tfisser l-azzjonijiet kollha meħuda biex jiġu żgurati l-prontezza u l-kapaċità operazzjonali ta' prodott tad-difiża, b'mod partikolari biex it-tagħmir jinżamm f'kundizzjonijiet speċifikati jew jiġi restawrat għalihom sa tmiem l-użu

tiegħu, inkluż il-prontezza ***għal missjonijiet***, il-lonġevità u l-aġġornamenti, il-personalizzazzjoni u l-ispeċjalizzazzjoni, l-ispezzjoni, it-tiġdid, l-ittestjar, il-manutenzjoni, il-modifiki, il-klassifikazzjoni fir-rigward tal-kapaċità għas-servizz, it-tiswija, l-irkupru, il-bini mill-ġdid, ir-reklamazzjoni, is-salvataġġ u l-kannibalizzazzjoni.;	tiegħu, inkluż il-prontezza ***għall-użu***, il-lonġevità u l-aġġornamenti, il-personalizzazzjoni u l-ispeċjalizzazzjoni, l-ispezzjoni, it-tiġdid, l-ittestjar, il-manutenzjoni, il-modifiki, il-klassifikazzjoni fir-rigward tal-kapaċità għas-servizz, it-tiswija, l-irkupru, il-bini mill-ġdid, ir-reklamazzjoni, is-salvataġġ u l-kannibalizzazzjoni.;
	"30. 'tagħmir militari' tfisser it-tagħmir u l-materjali kollha maħsuba għal attivitajiet militari u użati mill-forzi armati jew minn awtoritajiet tas-sigurtà nazzjonali oħra, inkluż iżda mhux limitat għal assemblaġġi, subassemblaġġi, oġġetti, taħlitiet u sustanzi, kif ukoll kwalunkwe tagħmir, kemm jekk iddisinjat speċifikament kif ukoll jekk le, għal finijiet militari jew ta' sigurtà."

Or. en

Emenda 131
Kamila Gasiuk-Pihowicz

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1 – punt fa (ġdid)
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 1 – punt 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fa) jiżdied il-punt 30 li ġej:
	30. "innovazzjoni" tfisser l-implimentazzjoni ta' prodott, servizz jew proċess ġdid jew imtejjeb b'mod sinifikanti, inkluż iżda mhux limitat għal proċessi ta' produzzjoni, ta' bini jew ta' kostruzzjoni, bil-għan li jgħin biex jissolvew l-isfidi tas-soċjetà.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Definizzjoni ta' "innovazzjoni" adattata mid-definizzjoni li tinsab fid-Direttiva 2014/24/KE dwar l-akkwist pubbliku.

Emenda 132
Merja Kyllönen

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 8 – punt (a)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) fil-punt (a), "EUR ***443 000***" hija sostitwita b'"EUR ***900 000***";	(a) fil-punt (a), "EUR ***443 000***" hija sostitwita b'"EUR ***3 000 000***";

Or. fi

Emenda 133
Kamila Gasiuk-Pihowicz

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 8 – punt (a)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) fil-punt (a), "EUR 443 000" hija sostitwita b'"EUR ***900 000***";	(a) fil-punt (a), "EUR 443 000" hija sostitwita b'"EUR ***2 250 000***";

Or. en

Emenda 134
Anna-Maja Henriksson, Pekka Toveri

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 8 – punt (a)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) fil-punt (a), “EUR 443 000” hija sostitwita b’“EUR ***900 000***”;	(a) fil-punt (a), “EUR 443 000” hija sostitwita b’“EUR ***2 250 000***”;

Or. en

Emenda 135
Merja Kyllönen

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 8 – punt (a)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) fil-punt (b), “EUR ***5 538 000***” hija sostitwita b’“EUR ***7 000 000***”;	(b) fil-punt (b), “EUR ***5 538 000***” hija sostitwita b’“EUR ***15 000 000***”;

Or. fi

Emenda 136
Reinis Pozņaks
f’isem il-Grupp ECR

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 8 – punt (a)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) fil-punt (a), “EUR 443 000” hija sostitwita b’“EUR ***900 000***”;	(a) fil-punt (a), “EUR 443 000” hija sostitwita b’“EUR ***500 000***”;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-limiti tal-akkwist għandhom jirriflettu l-inflazzjoni iżda l-bidliet huma drastiċi wisq, dan għandu impatt fuq it-trasparenza u jnaqqas il-kompetizzjoni fis-suq.

Emenda 137
Kamila Gasiuk-Pihowicz

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 8 – punt (b)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) fil-punt (b), "EUR 5 538 000" hija sostitwita b'"EUR ***7 000 000***";	(b) fil-punt (b), "EUR 5 538 000" hija sostitwita b'"EUR ***11 400 000***";

Or. en

Emenda 138
Anna-Maja Henriksson, Pekka Toveri

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 8 – punt (b)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) fil-punt (b), "EUR 5 538 000" hija sostitwita b'"EUR ***7 000 000***";	(b) fil-punt (b), "EUR 5 538 000" hija sostitwita b'"EUR ***11 400 000***";

Or. en

Emenda 139
Reinis Pozņaks
f'isem il-Grupp ECR

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 8 – punt (b)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) fil-punt (b), "EUR 5 538 000" hija sostitwita b'"EUR ***7 000 000***";	(b) fil-punt (b), "EUR 5 538 000" hija sostitwita b'"EUR ***6 000 000***";

Or. en

Emenda 140
Hannah Neumann, Reinier Van Lanschot
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2 – punt ba (ġdid)
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 8 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) B'deroga mill-punt (a), fil-każ ta' akkwist komuni ta' tagħmir militari minn awtoritajiet/entitajiet kontraenti minn żewġ Stati Membri jew aktar, il-limitu applikabbli għandu jiżdied b'EUR 700 000 għal kull awtorità/entità kontraenti minn Stat Membru involut fil-proċedura ta' aġġudikazzjoni korrispondenti.

Or. en

Emenda 141
Reinis Pozņaks, Stefano Cavedagna
f'isem il-Grupp ECR

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3 – punt a
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 9 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. Fir-rigward tal-ftehimiet qafas u s-sistemi dinamiċi ta' xiri, il-valur stmat li għandu jiġi kkunsidrat għandu jkun il-valur massimu stmat, eskluża l-VAT, tal-kuntratti kollha previsti matul it-terminu kollu tal-ftehim qafas jew is-sistema dinamika ta' xiri.";	9. Fir-rigward tal-ftehimiet qafas u s-sistemi dinamiċi ta' xiri, il-valur stmat li għandu jiġi kkunsidrat għandu jkun il-valur massimu stmat, eskluża l-VAT, tal-kuntratti kollha previsti matul it-terminu kollu tal-ftehim qafas jew is-sistema dinamika ta' xiri."; ***meta jkun possibbli, l-awtoritajiet kontraenti se jistrutturaw ftehimiet qafas u sistemi dinamiċi ta' xiri b'mod li jiffaċilita l-parteċipazzjoni tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, inkluż***

permezz tal-użu ta' lottijiet, kriterji tal-għażla proporzjonati, u speċifikazzjonijiet tekniċi nondiskriminatorji bħall-aċċess ta' fornituri tat-teknoloġija b'użu doppju u kumpaniji li joperaw kemm fis-settur ċivili kif ukoll f'dak tad-difiża.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex tissaħħaħ il-bażi industrijali u tiġi żgurata parteċipazzjoni wiesgħa tal-operaturi ekonomiċi, inklużi l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, il-ftehimiet qafas tad-disinn u s-sistemi dinamiċi ta' xiri għandhom jinbnew b'mod li jiffaċilita l-parteċipazzjoni tal-SMEs.

Emenda 142
Jaroslava Pokorná Jermanová

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3 – punt b
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 9 – paragrafu 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
10. Fil-każ ta' sħubijiet għall-innovazzjoni, il-valur li għandu jiġi kkunsidrat għandu jkun il-valur massimu stmat, eskluża l-VAT, tal-attivitajiet ta' riċerka u żvilupp li għandhom isiru matul l-istadji kollha tas-sħubija prevista kif ukoll tal-provvisti, is-servizzi jew ix-xogħlijiet li għandhom jiġu żviluppati u akkwistati fl-aħħar tas-sħubija prevista.;	10. Fil-każ ta' sħubijiet għall-innovazzjoni, il-valur li għandu jiġi kkunsidrat għandu jkun il-valur massimu stmat, eskluża l-VAT, tal-attivitajiet ta' riċerka u żvilupp li għandhom isiru matul l-istadji kollha tas-sħubija prevista kif ukoll tal-provvisti, is-servizzi jew ix-xogħlijiet li għandhom jiġu żviluppati u akkwistati fl-aħħar tas-sħubija prevista; ***għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-iffaċilitar tal-parteċipazzjoni tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) f'tali sħubijiet, inkluż permezz ta' rekwiżiti ta' kwalifiki proporzjonati, kundizzjonijiet ġusti tal-konsorzju, u aċċess trasparenti għall-istadji tas-sħubija;***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din id-dispożizzjoni tiżgura aċċess ġust għall-SMEs, li l-kapaċità tal-innovazzjoni u l-aġilità tagħhom huma essenzjali għat-tisħiħ tal-bażi industrijali tad-difiża tal-Ewropa, għat-trawwim tal-kompetittività u għall-prevenzjoni tal-konċentrazzjoni tas-suq fost ftit kuntratturi kbar.

Emenda 143
Reinis Pozņaks, Stefano Cavedagna
f'isem il-Grupp ECR

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3 – punt b
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 9 – paragrafu 10a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	10a. L-awtoritajiet kontraenti għandhom ifasslu sħubijiet għall-innovazzjoni b'mod li jiffaċilita l-parteċipazzjoni ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u fornituri tat-teknoloġija b'użu doppju u kumpaniji li joperaw kemm fis-settur ċivili kif ukoll f'dak tad-difiża, inklużi kumpaniji innovattivi lokali li jiżguraw aċċess ġust għall-istadji kollha tas-sħubija.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sħubijiet kbar għall-innovazzjoni spiss jispiċċaw iddominati minn kumpaniji ewlenin barranin, u jħallu ftit spazju għall-industrija lokali.

Emenda 144
Pierfrancesco Maran, Yannis Maniatis, Raphaël Glucksmann, Costas Mavrides, Brando Benifei, José Cepeda

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 10a – paragrafu 4 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

Awtorità/entità kontraenti parteċipanti għandha titqies li tkun issodisfat l-obbligi tagħha skont din id-Direttiva meta tixtri xogħlijiet, provvisti jew servizzi mingħand awtorità/entità kontraenti li tkun responsabbli mill-proċedura ta' akkwist. Fid-determinazzjoni tar-responsabbiltajiet u tad-dritt nazzjonali applikabbli kif imsemmi fit-tieni subparagrafu, il-punt (a), l-awtoritajiet/entitajiet kontraenti parteċipanti ***jistgħu*** jallokaw responsabbiltajiet speċifiċi fosthom u jiddeterminaw id-dispożizzjonijiet nazzjonali applikabbli ta' kwalunkwe wieħed mill-Istati Membri rispettiv tagħhom. L-allokazzjoni tar-responsabbiltajiet u d-dritt nazzjonali applikabbli għandhom jissemmew fid-dokumenti ta' akkwist għall-kuntratti pubbliċi li jingħataw b'mod konġunt.	Awtorità/entità kontraenti parteċipanti għandha titqies li tkun issodisfat l-obbligi tagħha skont din id-Direttiva meta tixtri xogħlijiet, provvisti jew servizzi mingħand awtorità/entità kontraenti li tkun responsabbli mill-proċedura ta' akkwist. Fid-determinazzjoni tar-responsabbiltajiet u tad-dritt nazzjonali applikabbli kif imsemmi fit-tieni subparagrafu, il-punt (a), l-awtoritajiet/entitajiet kontraenti parteċipanti ***għandhom*** jallokaw responsabbiltajiet speċifiċi fosthom u jiddeterminaw id-dispożizzjonijiet nazzjonali applikabbli ta' kwalunkwe wieħed mill-Istati Membri rispettiv tagħhom. L-allokazzjoni tar-responsabbiltajiet u d-dritt nazzjonali applikabbli għandhom jissemmew fid-dokumenti ta' akkwist għall-kuntratti pubbliċi li jingħataw b'mod konġunt.

Or. en

Emenda 145
Kamila Gasiuk-Pihowicz

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6a (ġdid)
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 18 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6a) fl-Artikolu 18, il-paragrafu 3, il-punt a, l-aħħar referenza hija sostitwita b'dan li ġej:
	- l-"istandards ta' difiża" nazzjonali u internazzjonali użati b'mod komuni definiti fil-punt 3 tal-Anness III u l-ispeċifikazzjonijiet ta' materjal ta' difiża simili għal dawk l-istandards.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan jippermetti l-użu tal-proċedura fl-ordni tal-prodotti li jikkonformaw mal-istandards internazzjonali rilevanti bħall-istandards MIL-STD użati fl-avjazzjoni.

Emenda 146
Reinis Pozņaks, Stefano Cavedagna
f'isem il-Grupp ECR

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 8
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 27 – paragrafu 1 – it-tieni subparagrafu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Kuntratt għandu jingħata fuq il-bażi unika tal-kriterju tal-għoti tal-offerta li tkun l-aktar ekonomikament vantaġġuża**.**;	Kuntratt għandu jingħata fuq il-bażi unika tal-kriterju tal-għoti tal-offerta li tkun l-aktar ekonomikament vantaġġuża; ***madankollu, l-awtoritajiet kontraenti għandhom jiżguraw li l-mertu tekniku, il-potenzjal ta' innovazzjoni, u l-impatt operazzjonali u l-kosteffiċjenza fit-tlestija tal-objettivi tal-missjonijiet tal-UE, kif ukoll il-parteċipazzjoni industrijali lokali, jitqiesu kif xieraq flimkien mal-prezz, biex tkun permessa l-parteċipazzjoni sinifikattiva tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan sabiex ikun legalment meħtieġ li l-SMEs jiġu kkunsidrati fl-evalwazzjoni u t-tfassil tal-kuntratt; l-applikazzjonijiet ta' dan l-artikolu jkopru l-R&Ż, bħal sistemi tar-radar, pjattaformi ġodda taċ-ċiberdifiża, eċċ.

Emenda 147
Jaroslava Pokorná Jermanová

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 9
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 27a – paragrafu 1 – it-tieni subparagrafu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fid-dokumenti tal-akkwist, l-awtorità/entità kontraenti għandha tidentifika l-ħtieġa ta' prodott, servizz jew xogħlijiet innovattivi li ma tistax tiġi ssodisfata billi jinxtraw prodotti, servizzi jew xogħlijiet li diġà huma disponibbli fis-suq. Hija għandha tindika liema elementi ta' din id-deskrizzjoni jirrappreżentaw rekwiżiti minimi indikattivi li l-offerti kollha għandhom jissodisfaw. L-informazzjoni mogħtija għandha tkunu preċiża biżżejjed biex l-operaturi ekonomiċi ***jkunu*** jistgħu jidentifikaw in-natura u l-ambitu tas-soluzzjoni meħtieġa u jkunu jistgħu jiddeċiedu jitolbux li jieħdu sehem fil-proċedura.	Fid-dokumenti tal-akkwist, l-awtorità/entità kontraenti għandha tidentifika l-ħtieġa ta' prodott, servizz jew xogħlijiet innovattivi li ma tistax tiġi ssodisfata billi jinxtraw prodotti, servizzi jew xogħlijiet li diġà huma disponibbli fis-suq. Hija għandha tindika liema elementi ta' din id-deskrizzjoni jirrappreżentaw rekwiżiti minimi indikattivi li l-offerti kollha għandhom jissodisfaw. L-informazzjoni mogħtija għandha tkunu preċiża biżżejjed biex l-operaturi ekonomiċi ***inklużi intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), ikunu*** jistgħu jidentifikaw in-natura u l-ambitu tas-soluzzjoni meħtieġa u jkunu jistgħu jiddeċiedu jitolbux li jieħdu sehem fil-proċedura. ***L-awtoritajiet/entitajiet kontraenti għandhom jiżguraw li l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni u r-rekwiżiti ta' dokumentazzjoni jkunu proporzjonati u aċċessibbli sabiex ma jkunux ta' żvantaġġ għall-SMEs fi proċeduri innovattivi ta' akkwist.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tippromwovi aċċess ġust għall-SMEs billi tiżgura kundizzjonijiet proporzjonati u trasparenti fl-akkwist pubbliku innovattiv fil-qasam tad-difiża.

Emenda 148
Reinis Pozņaks, Stefano Cavedagna
f'isem il-Grupp ECR

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 9
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 27a – paragrafu 1 – it-tielet subparagrafu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtorità/entità kontraenti tista' tiddeċiedi li tistabbilixxi s-sħubija għall-innovazzjoni	L-awtorità/entità kontraenti tista' tiddeċiedi li tistabbilixxi s-sħubija għall-innovazzjoni

ma' sieħeb wieħed jew aktar li jwettqu attivitajiet separati ta' riċerka u żvilupp.	ma' sieħeb wieħed jew aktar li jwettqu attivitajiet separati ta' riċerka u żvilupp. ***Din id-deċiżjoni għandha tiġi ddokumentata u ġġustifikata, filwaqt li titqies il-kumplessità tal-proġett, il-ħtieġa ta' għarfien espert varjat, u l-opportunità li tiġi ffaċilitata l-parteċipazzjoni tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u tal-atturi industrijali lokali.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għandna nevitaw sitwazzjonijiet fejn l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jiffavorixxu kumpaniji ewlenin kbar u jeskludu SMEs jew kumpaniji nazzjonali iżgħar.

Emenda 149
Pierfrancesco Maran, Yannis Maniatis, Raphaël Glucksmann, Costas Mavrides, Brando Benifei, José Cepeda

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 9
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 27a – paragrafu 1 – it-tielet subparagrafu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtorità/entità kontraenti tista' tiddeċiedi li tistabbilixxi s-sħubija għall-innovazzjoni ma' sieħeb wieħed jew aktar li jwettqu attivitajiet separati ta' riċerka u żvilupp.	L-awtorità/entità kontraenti tista' tiddeċiedi li tistabbilixxi s-sħubija għall-innovazzjoni ma' ***mill-inqas*** sieħeb wieħed jew aktar li jwettqu attivitajiet separati ta' riċerka u żvilupp.

Or. en

Emenda 150
Pierfrancesco Maran, Yannis Maniatis, Raphaël Glucksmann, Costas Mavrides, Brando Benifei, José Cepeda

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 9
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 27a – paragrafu 1 – il-ħames subparagrafu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-limitu ta' żmien minimu għall-wasla tat-talbiet għal parteċipazzjoni għandu jkun ta' 30 jum mid-data li fiha jintbagħat l-avviż ta' kuntratt. L-awtorità/entità kontraenti għandha tivvaluta l-informazzjoni pprovduta mill-operaturi ekonomiċi u għandha tistieden lill-kandidati xierqa biex jieħdu sehem fil-proċedura. L-awtoritajiet/entitajiet kontraenti jistgħu jillimitaw in-numru ta' kandidati xierqa li għandhom jiġu mistiedna jieħdu sehem fil-proċedura. Il-kuntratti għandhom jingħataw fuq il-bażi unika tal-kriterju tal-għoti tal-offerta li tippreżenta l-aqwa bilanċ bejn il-prezz u l-kwalità f'konformità mal-Artikolu 47.	Il-limitu ta' żmien minimu għall-wasla tat-talbiet għal parteċipazzjoni għandu jkun ta' 30 jum mid-data li fiha jintbagħat l-avviż ta' kuntratt. L-awtorità/entità kontraenti għandha tivvaluta l-informazzjoni pprovduta mill-operaturi ekonomiċi u għandha tistieden lill-kandidati xierqa biex jieħdu sehem fil-proċedura ***skont ir-regoli u l-kriterji oġġettivi li jirriflettu dawn il-ħtiġijiet***. L-awtoritajiet/entitajiet kontraenti jistgħu jillimitaw in-numru ta' kandidati xierqa li għandhom jiġu mistiedna jieħdu sehem fil-proċedura. Il-kuntratti għandhom jingħataw fuq il-bażi unika tal-kriterju tal-għoti tal-offerta li tippreżenta l-aqwa bilanċ bejn il-prezz u l-kwalità f'konformità mal-Artikolu 47.

Or. en

Emenda 151
Pierfrancesco Maran, Yannis Maniatis, Raphaël Glucksmann, Costas Mavrides, Brando Benifei, José Cepeda

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 9
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 27a – paragrafu 2 – l-ewwel subparagrafu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-għan tas-sħubija għall-innovazzjoni għandu jkun l-iżvilupp ta' prodott, servizz jew xogħlijiet innovattivi u x-xiri sussegwenti tal-provvisti, is-servizzi jew ix-xogħlijiet li jirriżultaw, dment li dawn jikkorrispondu għal-livelli ta' prestazzjoni u l-kostijiet massimi miftiehma bejn l-awtoritajiet/entitajiet kontraenti u l-parteċipanti.	L-għan tas-sħubija għall-innovazzjoni għandu jkun l-iżvilupp ta' prodott, servizz jew xogħlijiet innovattivi u x-xiri sussegwenti tal-provvisti, is-servizzi jew ix-xogħlijiet li jirriżultaw, dment li dawn ***ikunu konformi mal-valuri tal-UE u*** jikkorrispondu għal-livelli ta' prestazzjoni u l-kostijiet massimi miftiehma bejn l-awtoritajiet/entitajiet kontraenti u l-parteċipanti.

Or. en

Emenda 152
Alexandr Vondra, Ondřej Krutílek

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 9
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 27a – il-punt 2 – l-ewwel subparagrafu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-għan tas-sħubija għall-innovazzjoni għandu jkun l-iżvilupp ta' prodott, servizz jew xogħlijiet innovattivi u x-xiri sussegwenti tal-provvisti, is-servizzi jew ix-xogħlijiet li jirriżultaw, dment li dawn jikkorrispondu għal-livelli ta' prestazzjoni u l-kostijiet massimi miftiehma bejn l-awtoritajiet/entitajiet kontraenti u l-parteċipanti.	L-għan tas-sħubija għall-innovazzjoni għandu jkun l-iżvilupp ta' prodott, servizz jew xogħlijiet innovattivi u x-xiri sussegwenti tal-provvisti, is-servizzi jew ix-xogħlijiet li jirriżultaw, dment li dawn jikkorrispondu għal-livelli ta' prestazzjoni u l-kostijiet massimi miftiehma bejn l-awtoritajiet/entitajiet kontraenti u l-parteċipanti. ***Il-proposti li jinvolvu l-produzzjoni bbażata fl-UE ta' munizzjon, materjali enerġetiċi, u sistemi ta' difiża integrati vertikalment għandhom jiġu vvalutati b'mod pożittiv fil-kriterji tal-għoti.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan jallinja mal-għan tad-direttiva li tippromwovi l-innovazzjoni u l-awtonomija strateġika. Jinċentiva l-użu tal-kapaċità industrijali eżistenti tal-UE u jappoġġa l-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea.

Emenda 153
Reinis Pozņaks, Stefano Cavedagna
f'isem il-Grupp ECR

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 9
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 27a – paragrafu 2 – it-tieni subparagrafu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Is-sħubija għall-innovazzjoni għandha tiġi strutturata f'fażijiet suċċessivi li jsegwu s-sekwenza ta' passi fil-proċess tar-riċerka u	Is-sħubija għall-innovazzjoni għandha tiġi strutturata f'fażijiet suċċessivi li jsegwu s-sekwenza ta' passi fil-proċess tar-riċerka u

l-innovazzjoni, li tista' tinkludi l-manifattura tal-prodotti, il-provvista tas-servizzi jew it-tlestija tax-xogħlijiet. Is-sħubija għall-innovazzjoni għandha tistabbilixxi miri intermedji li għandhom jintlaħqu mis-sħab u tipprevedi l-ħlas tar-remunerazzjoni f'pagamenti parzjali xierqa.	l-innovazzjoni, li tista' tinkludi l-manifattura tal-prodotti, il-provvista tas-servizzi jew it-tlestija tax-xogħlijiet. Is-sħubija għall-innovazzjoni għandha tistabbilixxi miri intermedji li għandhom jintlaħqu mis-sħab u tipprevedi l-ħlas tar-remunerazzjoni f'pagamenti parzjali xierqa. ***Ir-remunerazzjoni lill-parteċipanti għandha tkun strutturata biex tkopri sehem proporzjonat tal-kostijiet tar-riċerka u l-iżvilupp f'kull fażi, filwaqt li jiġi żgurat li l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju ma jkunux esposti għal riskju finanzjarju mhux dovut. Il-pagamenti parzjali għandhom ikunu marbuta ma' stadji importanti definiti b'mod ċar u li jistgħu jintlaħqu.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-pagamenti huma marbuta mal-ilħuq ta' miri intermedji, iżda l-SMEs jistgħu jsibuha diffiċli jekk l-istadji importanti jkunu kbar jew imdewma wisq. B'din l-emenda nnaqqsu r-riskju finanzjarju għal kumpaniji iżgħar.

Emenda 154
Pierfrancesco Maran, Yannis Maniatis, Raphaël Glucksmann, Costas Mavrides, Brando Benifei, José Cepeda

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 9
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 27a – paragrafu 3 – it-tieni subparagrafu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ir-rekwiżiti minimi u l-kriterji tal-għoti ma għandhomx ikunu soġġetti għal negozjati.	Ir-rekwiżiti minimi u l-kriterji tal-għoti ma għandhomx ikunu soġġetti għal negozjati. ***Għandhom ikunu oġġettivi, nondiskriminatorji de jure u de facto u jippromwovu l-kompetizzjoni.***

Or. en

Emenda 155
Pierfrancesco Maran, Yannis Maniatis, Raphaël Glucksmann, Costas Mavrides, Brando Benifei, José Cepeda

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 9
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 27a – paragrafu 4 – l-ewwel subparagrafu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Matul in-negozjati, l-awtoritajiet/entitajiet kontraenti għandhom jiżguraw it-trattament ugwali tal-offerenti kollha. Għal dak il-għan, ma għandhomx jipprovdu informazzjoni b'mod diskriminatorju li jista' jagħti vantaġġ lil xi offerenti fuq oħrajn. Huma għandhom jinformaw bil-miktub lill-offerenti kollha li l-offerti tagħhom ma jkunux ġew eliminati, skont il-paragrafu 5, dwar kwalunkwe bidla fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi jew f'dokumenti tal-akkwist oħra. Wara dawk il-bidliet, l-awtoritajiet/entitajiet kontraenti għandhom jagħtu biżżejjed ħin lill-offerenti biex jimmodifikaw u jerġgħu jissottomettu l-offerti emendati, kif xieraq.	Matul in-negozjati, l-awtoritajiet/entitajiet kontraenti għandhom jiżguraw it-trattament ugwali tal-offerenti kollha. Għal dak il-għan, ma għandhomx jipprovdu informazzjoni b'mod diskriminatorju li jista' jagħti vantaġġ lil xi offerenti fuq oħrajn. Huma għandhom jinformaw bil-miktub lill-offerenti kollha li l-offerti tagħhom ma jkunux ġew eliminati, skont il-paragrafu 5, dwar kwalunkwe bidla fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi jew f'dokumenti tal-akkwist oħra ***u spjegazzjoni qasira tar-raġunijiet għall-bidliet mingħajr ma jiżvelaw informazzjoni kunfidenzjali***. Wara dawk il-bidliet, l-awtoritajiet/entitajiet kontraenti għandhom jagħtu biżżejjed ħin lill-offerenti biex jimmodifikaw u jerġgħu jissottomettu l-offerti emendati, kif xieraq.

Or. en

Emenda 156
Reinis Pozņaks, Stefano Cavedagna
f'isem il-Grupp ECR

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 9
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 27a – paragrafu 6 – it-tieni subparagrafu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Huma biss dawk l-atturi ekonomiċi mistiedna mill-awtorità/entità kontraenti wara l-valutazzjoni tagħha tal-	Huma biss dawk l-atturi ekonomiċi mistiedna mill-awtorità/entità kontraenti wara l-valutazzjoni tagħha tal-

informazzjoni mitluba li jistgħu jissottomettu proġetti tar-riċerka u l-innovazzjoni bil-għan li jissodisfaw il-ħtiġijiet identifikati mill-awtorità/entità kontraenti li ma jistgħux jiġu ssodisfati mis-soluzzjonijiet eżistenti.	informazzjoni mitluba li jistgħu jissottomettu proġetti tar-riċerka u l-innovazzjoni bil-għan li jissodisfaw il-ħtiġijiet identifikati mill-awtorità/entità kontraenti li ma jistgħux jiġu ssodisfati mis-soluzzjonijiet eżistenti. ***Il-proċess tal-preselezzjoni għandu jiżgura trattament ugwali u kompetizzjoni ġusta, inkluż għall-fornituri ta' oġġetti b'użu doppju, l-SMEs u l-operaturi minn Stati Membri iżgħar b'industriji li qed jiżviluppaw.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta għall-SMEs u l-kumpaniji minn swieq iżgħar.

Emenda 157
Pierfrancesco Maran, Yannis Maniatis, Raphaël Glucksmann, Costas Mavrides, Brando Benifei, José Cepeda

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 10 – punt a
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 28 – punt 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) meta l-limiti ta' żmien stabbiliti għall-proċedura miftuħa, il-proċedura ristretta u l-proċedura nnegozjata bil-pubblikazzjoni ta' avviż ta' kuntratt, inklużi l-limiti ta' żmien imqassra msemmija fl-Artikolu 33(7), ma jkunux kompatibbli ***mal-urġenza li tirriżulta minn*** kriżi. Dan jista' japplika, pereżempju, fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 23, it-tieni paragrafu, il-punt (d);	(c) meta l-limiti ta' żmien stabbiliti għall-proċedura miftuħa, il-proċedura ristretta u l-proċedura nnegozjata bil-pubblikazzjoni ta' avviż ta' kuntratt, inklużi l-limiti ta' żmien imqassra msemmija fl-Artikolu 33(7), ma jkunux kompatibbli ***ma'*** kriżi. Dan jista' japplika, pereżempju, fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 23, it-tieni paragrafu, il-punt (d);

Or. en

Emenda 158
Merja Kyllönen

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 10 – punt b
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 28 – paragrafu 2 – punt c – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iii) il-valur tal-prodotti jew tas-servizzi ma jaqbiżx ***10 darbiet il-valur*** tal-kuntratt ta' riċerka u żvilupp li jirriżulta minnu;	(iii) il-valur tal-prodotti jew tas-servizzi ma jaqbiżx ***50 darba l-valur*** tal-kuntratt ta' riċerka u żvilupp li jirriżulta minnu;

Or. fi

Emenda 159
Kamila Gasiuk-Pihowicz

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 10 – punt b
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 28 – punt 2 – punt c – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iii) il-valur tal-prodotti jew tas-servizzi ma jaqbiżx ***10 darbiet*** il-valur tal-kuntratt ta' riċerka u żvilupp li jirriżulta minnu;	(iii) il-valur tal-prodotti jew tas-servizzi ma jaqbiżx ***100 darba*** il-valur tal-kuntratt ta' riċerka u żvilupp li jirriżulta minnu;

Or. en

Emenda 160
Pekka Toveri, Anna-Maja Henriksson

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 10 – punt b
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 28 – punt 2 – punt c – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iii) il-valur tal-prodotti jew tas-servizzi ma jaqbiżx ***10 darbiet*** il-valur tal-kuntratt ta' riċerka u żvilupp li jirriżulta minnu;	(iii) il-valur tal-prodotti jew tas-servizzi ma jaqbiżx ***50 darba*** il-valur tal-kuntratt ta' riċerka u żvilupp li jirriżulta minnu;

Or. en

Emenda 161
Stefano Cavedagna

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 10 – punt b
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 28 – punt 2 – punt c – punt iv

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iv) il-kuntratturi u s-sottokuntratturi tagħhom ikunu stabbiliti, ikollhom il-post prinċipali tan-negozju tagħhom, u jeżegwixxu l-kuntratt ta' riċerka u żvilupp u l-kuntratt ta' provvista bl-użu ta' riżorsi li jinsabu fi Stat Membru jew fi Stat taż-ŻEE-EFTA;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 28(2)(c), il-punti (iv) sa (vii) ma għandhomx jiġu introdotti fid-Direttiva dwar l-Akkwist Pubbliku fil-Qasam tad-Difiża. Dawn jonqsu milli jiddistingwu bejn il-fondi tal-UE u dawk nazzjonali, u jimponu kundizzjonalità mhux ġustifikata fuq id-deċiżjonijiet baġitarji sovrani tal-Istati Membri. Barra minn hekk, iżidu l-piż amministrattiv u l-kumplessità, u jikkontradixxu l-objettiv ewlieni tad-Direttiva li tissimplifika u taċċellera l-akkwist tad-difiża fl-UE.

Emenda 162
Hannah Neumann, Reinier Van Lanschot
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 10 – punt b
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 28 – punt 2 – punt c – punt iv

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iv) il-kuntratturi u s-sottokuntratturi tagħhom ikunu stabbiliti, ikollhom il-post prinċipali tan-negozju tagħhom, u jeżegwixxu l-kuntratt ta' riċerka u żvilupp u l-kuntratt ta' provvista bl-użu ta' riżorsi li jinsabu fi Stat Membru ***jew*** fi Stat taż-ŻEE-	(iv) il-kuntratturi u s-sottokuntratturi tagħhom ikunu stabbiliti, ikollhom il-post prinċipali tan-negozju tagħhom, u jeżegwixxu l-kuntratt ta' riċerka u żvilupp u l-kuntratt ta' provvista bl-użu ta' riżorsi li jinsabu fi Stat Membru**,** fi Stat taż-ŻEE-

EFTA;	EFTA ***jew fl-Ukrajna***;

Or. en

Emenda 163
Pierfrancesco Maran, Yannis Maniatis, Raphaël Glucksmann, Costas Mavrides, Brando Benifei, José Cepeda, Sven Mikser

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 10 – punt b
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 28 – punt 2 – punt c – punt iv

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iv) il-kuntratturi u s-sottokuntratturi tagħhom ikunu stabbiliti, ikollhom il-post prinċipali tan-negozju tagħhom, u jeżegwixxu l-kuntratt ta' riċerka u żvilupp u l-kuntratt ta' provvista bl-użu ta' riżorsi li jinsabu fi Stat Membru ***jew*** fi Stat taż-ŻEE-EFTA;	(iv) il-kuntratturi u s-sottokuntratturi tagħhom ikunu stabbiliti, ikollhom il-post prinċipali tan-negozju tagħhom, u jeżegwixxu l-kuntratt ta' riċerka u żvilupp u l-kuntratt ta' provvista bl-użu ta' riżorsi li jinsabu fi Stat Membru**,** fi Stat taż-ŻEE-EFTA ***jew fl-Ukrajna***;

Or. en

Emenda 164
Stefano Cavedagna

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 10 – punt b
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 28 – punt 2 – punt c – punt v

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(v) l-istrutturi maniġerjali eżekuttivi tal-kuntratturi u tas-sottokuntratturi tagħhom ikunu stabbiliti fl-Unjoni, fi Stat taż-ŻEE-EFTA, jew fl-Ukrajna;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 28(2)(c), il-punti (iv) sa (vii) ma għandhomx jiġu introdotti fid-Direttiva dwar l-Akkwist Pubbliku fil-Qasam tad-Difiża. Dawn jonqsu milli jiddistingwu bejn il-fondi tal-UE u dawk nazzjonali, u jimponu kundizzjonalità mhux ġustifikata fuq id-deċiżjonijiet baġitarji sovrani tal-Istati Membri. Barra minn hekk, iżidu l-piż amministrattiv u l-kumplessità, u jikkontradixxu l-objettiv ewlieni tad-Direttiva li tissimplifika u taċċellera l-akkwist tad-difiża fl-UE.

Emenda 165
György Hölvényi, Ernő Schaller-Baross

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 10 – punt b
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 28 – punt 2 – punt c – punt v

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(v) l-istrutturi maniġerjali eżekuttivi tal-kuntratturi u tas-sottokuntratturi tagħhom ikunu stabbiliti fl-Unjoni, fi Stat taż-ŻEE-EFTA***, jew fl-Ukrajna***;	(v) l-istrutturi maniġerjali eżekuttivi tal-kuntratturi u tas-sottokuntratturi tagħhom ikunu stabbiliti fl-Unjoni, fi Stat taż-ŻEE-EFTA;

Or. en

Emenda 166
Stefano Cavedagna

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 10 – punt b
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 28 – punt 2 – punt c – punt vi

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(vi) il-kuntratturi u s-sottokuntratturi ma jkunux soġġetti għal kontroll minn pajjiż terz li mhuwiex Stat taż-ŻEE-EFTA jew l-Ukrajna jew minn entità ta' pajjiż terz li mhijiex stabbilita fi Stat taż-ŻEE-EFTA;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 28(2)(c), il-punti (iv) sa (vii) ma għandhomx jiġu introdotti fid-Direttiva dwar l-Akkwist Pubbliku fil-Qasam tad-Difiża. Dawn jonqsu milli jiddistingwu bejn il-fondi tal-UE u dawk nazzjonali, u jimponu kundizzjonalità mhux ġustifikata fuq id-deċiżjonijiet baġitarji sovrani tal-Istati Membri. Barra minn hekk, iżidu l-piż amministrattiv u l-kumplessità, u jikkontradixxu l-objettiv ewlieni tad-Direttiva li tissimplifika u taċċellera l-akkwist tad-difiża fl-UE.

Emenda 167
György Hölvényi, Ernő Schaller-Baross

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 10 – punt b
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 28 – punt 2 – punt c – punt vi

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(vi) il-kuntratturi u s-sottokuntratturi ma jkunux soġġetti għal kontroll minn pajjiż terz li mhuwiex Stat taż-ŻEE-EFTA jew ***l-Ukrajna jew*** minn entità ta' pajjiż terz li mhijiex stabbilita fi Stat taż-ŻEE-EFTA;	(vi) il-kuntratturi u s-sottokuntratturi ma jkunux soġġetti għal kontroll minn pajjiż terz li mhuwiex Stat taż-ŻEE-EFTA jew minn entità ta' pajjiż terz li mhijiex stabbilita fi Stat taż-ŻEE-EFTA;

Or. en

Emenda 168
Kamila Gasiuk-Pihowicz

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 10 – punt b
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 28 – punt 2 – punt c – punt via (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(via) B'deroga mill-punt (vi), entità legali stabbilita fl-Unjoni, fi Stat taż-ŻEE-EFTA jew fl-Ukrajna u kkontrollata minn pajjiż terz ieħor jew minn entità oħra ta' pajjiż terz tista' tkun eliġibbli bħala kuntrattur jew sottokuntrattur jekk tkun ġiet soġġetta għal skrinjar skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2019/452 u, meta jkun neċessarju, għal miżuri ta'

mitigazzjoni xierqa, jew jekk tipprovdi garanziji vverifikati mill-Istat Membru, mill-Istat taż-ŻEE-EFTA jew mill-Ukrajna, fejn ikun stabbilit il-kuntrattur jew is-sottokuntrattur involut. Il-garanziji għandhom jipprovdu assigurazzjonijiet li l-involviment tal-kuntrattur jew tas-sottokuntrattur f'kuntratt ma jmurx kontra l-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha kif stabbilit fil-qafas tal-politika estera u ta' sigurtà komuni skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u jirrispetta l-prinċipju ta' relazzjonijiet tajbin ta' viċinat.

Or. en

Emenda 169
Reinis Pozņaks

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 10 – punt b
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 28 – punt 2 – punt c – punt via (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(via) B'deroga mill-punt (vi), entità legali stabbilita fl-Unjoni u kkontrollata minn pajjiż terz ieħor jew minn entità oħra ta' pajjiż terz tista' tipparteċipa fl-akkwist jekk tkun ġiet soġġetta għal skrinjar skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2019/452 u, meta jkun neċessarju, għal miżuri ta' mitigazzjoni xierqa, jew jekk tipprovdi garanziji vverifikati mill-Istat Membru li fih ikun stabbilit il-kuntrattur jew is-sottokuntrattur involut fl-akkwist komuni. Il-garanziji għandhom jipprovdu assigurazzjonijiet li l-involviment tal-kuntrattur jew tas-sottokuntrattur fl-akkwist komuni ma jmurx kontra l-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha kif stabbilit fil-qafas tal-politika estera u ta' sigurtà komuni skont it-Titolu

V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

Or. en

Emenda 170
Stefano Cavedagna

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 10 – punt b
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 28 – punt 2 – punt c – punt vii (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(vii) il-prodotti jkunu ġew imfassla fl-Unjoni, fi Stat taż-ŻEE-EFTA, jew fl-Ukrajna u ma jkunux soġġetti għal kontroll jew restrizzjoni minn pajjiż terz li mhuwiex Stat taż-ŻEE-EFTA jew l-Ukrajna jew minn entità ta' pajjiż terz li mhijiex stabbilita fi Stat taż-ŻEE-EFTA jew fl-Ukrajna;";	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 28(2)(c), il-punti (iv) sa (vii) ma għandhomx jiġu introdotti fid-Direttiva dwar l-Akkwist Pubbliku fil-Qasam tad-Difiża. Dawn jonqsu milli jiddistingwu bejn il-fondi tal-UE u dawk nazzjonali, u jimponu kundizzjonalità mhux ġustifikata fuq id-deċiżjonijiet baġitarji sovrani tal-Istati Membri. Barra minn hekk, iżidu l-piż amministrattiv u l-kumplessità, u jikkontradixxu l-objettiv ewlieni tad-Direttiva li tissimplifika u taċċellera l-akkwist tad-difiża fl-UE.

Emenda 171
György Hölvényi, Ernő Schaller-Baross

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 10 – punt b
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 28 – punt 2 – punt c – punt vii (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(vii) il-prodotti jkunu ġew imfassla fl-	(vii) il-prodotti jkunu ġew imfassla fl-

Unjoni, fi Stat taż-ŻEE-EFTA, ***jew fl-Ukrajna*** u ma jkunux soġġetti għal kontroll jew restrizzjoni minn pajjiż terz li mhuwiex Stat taż-ŻEE-EFTA jew ***l-Ukrajna jew*** minn entità ta' pajjiż terz li mhijiex stabbilita fi Stat taż-ŻEE-EFTA ***jew fl-Ukrajna;"***;	Unjoni, fi Stat taż-ŻEE-EFTA, u ma jkunux soġġetti għal kontroll jew restrizzjoni minn pajjiż terz li mhuwiex Stat taż-ŻEE-EFTA jew minn entità ta' pajjiż terz li mhijiex stabbilita fi Stat taż-ŻEE-EFTA;";

Or. en

Emenda 172
Lucia Yar, Petras Auštrevičius, Marie-Agnes Strack-Zimmermann

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 10 – punt b
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 28 – punt 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) għall-kuntratti mogħtija skont il-punt (c), l-awtorità/entità kontraenti għandha tippubblika avviż ta' għoti ta' kuntratt mhux kunfidenzjali fi żmien 15-il jum kalendarju mill-għoti, li jindika s-suġġett, il-valur totali, l-għadd ta' kuntratti tar-R&Ż f'kompetizzjoni li jkunu ġew aġġudikati inizjalment, u ġustifikazzjoni għall-użu tal-punt (c), inkluża konferma li l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti (c)(i) sa (vii) huma ssodisfati. Din il-pubblikazzjoni għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata u data kummerċjalment sensittiva.

Or. en

Emenda 173
Alexandr Vondra, Ondřej Krutílek

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 10 – punt c – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) fil-punt ***(3)***, jiżdied il-punt (d) li ġej.	(c) fil-punt ***(3)(2)***, jiżdied il-punt (d) li ġej.

Or. en

Emenda 174
Alexandr Vondra, Ondřej Krutílek

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 10 – punt c
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 28 – punt 3 – punt b – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
"(d) għall-akkwist komuni ta' tagħmir militari ***konklużż qabel l-1 ta' Jannar 2031*** mill-awtoritajiet/entitajiet kontraenti minn tal-inqas ***tliet*** Stati Membri, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:	"(d) għall-akkwist komuni ta' tagħmir militari ***mwettaq*** mill-awtoritajiet/entitajiet kontraenti minn tal-inqas ***żewġ*** Stati Membri, ***meta d-deċiżjoni tal-għoti tal-kuntratt tkun intbagħtet lill-offerenti qabel l-1 ta' Jannar 2031*** dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

Or. en

Emenda 175
Klara Dostalova

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 10 – punt c
Direttiva 2009/81/KE
artikolu 28 – punt (3) – punt d – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
"(d) għall-akkwist komuni ta' tagħmir militari ***konklużż qabel l-1 ta' Jannar 2031*** mill-awtoritajiet/entitajiet kontraenti minn tal-inqas ***tliet*** Stati Membri, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:	"(d) għall-akkwist komuni ta' tagħmir militari ***mwettaq*** mill-awtoritajiet/entitajiet kontraenti minn tal-inqas ***żewġ*** Stati Membri, ***meta d-deċiżjoni tal-għoti tal-kuntratt tkun intbagħtet lill-offerenti qabel l-1 ta' Jannar 2031*** dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

Or. en

Emenda 176
Hannah Neumann, Reinier Van Lanschot
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 10 – punt c
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 28 – punt 3 – punt d – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
"(d) għall-akkwist komuni ta' tagħmir militari konkluż qabel l-1 ta' Jannar 2031 mill-awtoritajiet/entitajiet kontraenti minn tal-inqas ***tliet*** Stati Membri, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:	"(d) għall-akkwist komuni ta' tagħmir militari konkluż qabel l-1 ta' Jannar 2031 mill-awtoritajiet/entitajiet kontraenti minn tal-inqas ***erba'*** Stati Membri, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

Or. en

Emenda 177
Kamila Gasiuk-Pihowicz

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 10 – punt c
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 28 – paragrafu 2, punt (d) – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
"(d) għall-akkwist komuni ta' tagħmir militari konkluż qabel l-1 ta' Jannar 2031 mill-awtoritajiet/entitajiet kontraenti minn tal-inqas ***tliet*** Stati Membri, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:	"(d) għall-akkwist komuni ta' tagħmir militari konkluż qabel l-1 ta' Jannar 2031 mill-awtoritajiet/entitajiet kontraenti minn tal-inqas ***żewġ*** Stati Membri, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

Or. en

Emenda 178
Bart Groothuis, Engin Eroglu, Jeannette Baljeu, Morten Løkkegaard, Hilde Vautmans, Petras Auštrevičius

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 10 – punt c
2009/81/EC
Artikolu 28 – punt 3 – punt d – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
"(d) għall-akkwist komuni ta' tagħmir militari konkluż qabel l-1 ta' Jannar 2031 mill-awtoritajiet/entitajiet kontraenti minn tal-inqas ***tliet*** Stati Membri, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:	"(d) għall-akkwist komuni ta' tagħmir militari konkluż qabel l-1 ta' Jannar 2031 mill-awtoritajiet/entitajiet kontraenti minn tal-inqas ***żewġ*** Stati Membri, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tippermetti flessibbiltà akbar għall-Istati Membri li spiss jikkollaboraw fuq bażi bilaterali fuq proġetti tad-difiża.

Emenda 179
Klara Dostalova

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 10 – punt c
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 28 – punt 3 – punt d – punt (i)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) l-awtoritajiet/entitajiet kontraenti mill-Istati Membri kkonċernati jakkwistaw ***prodotti tad-difiża identiċi jew prodotti soġġetti*** biss għal modifiki żgħar;	(i) l-awtoritajiet/entitajiet kontraenti mill-Istati Membri kkonċernati jakkwistaw ***tagħmir militari identiku jew tagħmir soġġett*** biss għal modifiki żgħar;

Or. en

Emenda 180
Alexandr Vondra, Ondřej Krutílek

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 10 – punt c
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 28 – punt 3 – punt d – punt (i)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) l-awtoritajiet/entitajiet kontraenti mill-Istati Membri kkonċernati jakkwistaw ***prodotti tad-difiża identiċi jew prodotti soġġetti*** biss għal modifiki żgħar;	(i) l-awtoritajiet/entitajiet kontraenti mill-Istati Membri kkonċernati jakkwistaw ***tagħmir militari identiku jew tagħmir soġġett*** biss għal modifiki żgħar;

Or. en

Emenda 181
Klara Dostalova

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 10 – punt c
2009/81/EC
Artikolu 28 – punt 3 – punt d – punt (ii)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) il-kuntratt ikopri tal-inqas il-manutenzjoni konġunta għall-prodotti tad-difiża akkwistati minbarra l-akkwist tal-prodotti tad-difiża. Ir-rekwiżit tal-kuntratt li jkopri l-manutenzjoni konġunta jista' jiġi rrinunzjat f'każ li l-prodott tad-difiża akkwistat tipikament ma jkunx jirrikjedi manutenzjoni;	***imħassar***

Or. en

Emenda 182
Alexandr Vondra, Ondřej Krutílek

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 10 – punt c
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 28 – punt 3 – punt d – punt (ii)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) il-kuntratt ikopri tal-inqas il-manutenzjoni konġunta għall-prodotti tad-difiża akkwistati minbarra l-akkwist tal-prodotti tad-difiża. Ir-rekwiżit tal-kuntratt li jkopri l-manutenzjoni	***imħassar***

konġunta jista' jiġi rrinunzjat f'każ li l-prodott tad-difiża akkwistat tipikament ma jkunx jirrikjedi manutenzjoni;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kundizzjonijiet għall-użu tal-proċedura negozjata mingħajr il-pubblikazzjoni minn qabel ta' avviż dwar kuntratt (NPWPP) għandhom ikunu sempliċi kemm jista' jkun u ma għandhomx jimponu rekwiżiti lil hinn minn dawk strettament neċessarji biex jippermettu kooperazzjoni effettiva fost l-Istati Membri li jakkwistaw b'mod konġunt. Nipproponu li l-punt (ii) jitħassar, sabiex il-forniment ta' servizzi ma jkunx prerekwiżit għall-applikazzjoni tal-NPWPP.

Emenda 183
Pierfrancesco Maran, Yannis Maniatis, Raphaël Glucksmann, Costas Mavrides, Brando Benifei, José Cepeda

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 10 – punt c
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 28 – punt 3 – punt d – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) il-kuntratt ikopri tal-inqas il-manutenzjoni konġunta għall-prodotti tad-difiża akkwistati minbarra l-akkwist tal-prodotti tad-difiża. Ir-rekwiżit tal-kuntratt li jkopri l-manutenzjoni konġunta jista' jiġi rrinunzjat f'każ li l-prodott tad-difiża akkwistat tipikament ma jkunx jirrikjedi manutenzjoni;	(ii) il-kuntratt ikopri tal-inqas il-manutenzjoni konġunta għall-prodotti tad-difiża akkwistati minbarra l-akkwist tal-prodotti tad-difiża. Ir-rekwiżit tal-kuntratt li jkopri l-manutenzjoni konġunta jista' jiġi rrinunzjat ***biss*** f'każ li l-prodott tad-difiża akkwistat tipikament ma jkunx jirrikjedi manutenzjoni;

Or. en

Emenda 184
Hannah Neumann, Reinier Van Lanschot
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 10 – punt c
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 28 – punt 3 – punt d (ġdid) – punt iia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(iia) il-kuntratt għandu l-għan li jżid l-interoperabbiltà u l-interkambjabbiltà tal-prodotti tad-difiża madwar l-Unjoni;

Or. en

Emenda 185
Stefano Cavedagna

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 10 – punt c
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 28 – punt 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iii) il-kuntratturi involuti fl-akkwist komuni għandhom jiġu stabbiliti u jkollhom l-istrutturi maniġerjali eżekuttivi tagħhom fl-Unjoni, fi Stat taż-ŻEE-EFTA jew fl-Ukrajna. Ma għandhomx ikunu soġġetti għal kontroll minn pajjiż terz li mhuwiex Stat taż-ŻEE-EFTA jew l-Ukrajna jew minn entità oħra ta' pajjiż terz li mhijiex stabbilita fl-Unjoni, fi Stat taż-ŻEE-EFTA jew fl-Ukrajna;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 28(2)(d), il-punti (iii) sa (viii) ma għandhomx jiġu introdotti fid-Direttiva dwar l-Akkwist Pubbliku fil-Qasam tad-Difiża. Dawn jonqsu milli jiddistingwu bejn il-fondi tal-UE u dawk nazzjonali, u jimponu kundizzjonalità mhux ġustifikata fuq id-deċiżjonijiet baġitarji sovrani tal-Istati Membri. Barra minn hekk, iżidu l-piż amministrattiv u l-kumplessità, u jikkontradixxu l-objettiv ewlieni tad-Direttiva li tissimplifika u taċċellera l-akkwist tad-difiża fl-UE.

Emenda 186
Alexandr Vondra, Ondřej Krutílek

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 10 – punt c

Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 28 – punt 3 – punt d – punt (iii)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iii) il-kuntratturi involuti fl-akkwist komuni għandhom jiġu stabbiliti u jkollhom l-istrutturi maniġerjali eżekuttivi tagħhom fl-Unjoni, fi Stat taż-ŻEE-EFTA jew fl-Ukrajna. ***Ma għandhomx ikunu soġġetti għal kontroll minn pajjiż terz li mhuwiex Stat taż-ŻEE-EFTA jew l-Ukrajna jew minn entità oħra ta' pajjiż terz li mhijiex stabbilita fl-Unjoni, fi Stat taż-ŻEE-EFTA jew fl-Ukrajna;***	(iii) il-kuntratturi involuti fl-akkwist komuni għandhom jiġu stabbiliti u jkollhom l-istrutturi maniġerjali eżekuttivi tagħhom fl-Unjoni, fi Stat taż-ŻEE-EFTA jew fl-Ukrajna.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Nipproponu li titħassar it-tieni sentenza li tibda "Ma għandhomx ikunu soġġetti għal kontroll minn pajjiż terz...". Il-konformità mal-ewwel sentenza, flimkien mal-kundizzjonijiet l-oħra, għandha tkun biżżejjed. L-Istati Membri ma għandhomx jibqgħu meħtieġa jivvalutaw b'mod indipendenti jekk fornitur huwiex ikkontrollat minn pajjiż terz. Il-kundizzjonijiet li jifdal għandhom jipprovdu assigurazzjoni adegwata li l-Istati Membri li jikkooperaw se jakkwistaw mingħand forniturі skrutinizzati biżżejjed.

Emenda 187
Klara Dostalova

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 10 – punt c
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 28 – punt 3 – punt d – punt (iii)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iii) il-kuntratturi involuti fl-akkwist komuni għandhom jiġu stabbiliti u jkollhom l-istrutturi maniġerjali eżekuttivi tagħhom fl-Unjoni, fi Stat taż-ŻEE-EFTA jew fl-Ukrajna. ***Ma għandhomx ikunu soġġetti għal kontroll minn pajjiż terz li mhuwiex Stat taż-ŻEE-EFTA jew l-Ukrajna jew minn entità oħra ta' pajjiż terz li mhijiex stabbilita fl-Unjoni, fi Stat taż-ŻEE-EFTA jew fl-Ukrajna;***	(iii) il-kuntratturi involuti fl-akkwist komuni għandhom jiġu stabbiliti u jkollhom l-istrutturi maniġerjali eżekuttivi tagħhom fl-Unjoni, fi Stat taż-ŻEE-EFTA jew fl-Ukrajna.

Or. en

Emenda 188
György Hölvényi, Ernő Schaller-Baross

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 10 – punt c
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 28 – punt 3 – punt d – punt (iii)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iii) il-kuntratturi involuti fl-akkwist komuni għandhom jiġu stabbiliti u jkollhom l-istrutturi maniġerjali eżekuttivi tagħhom fl-Unjoni***,*** fi Stat taż-ŻEE-EFTA ***jew fl-Ukrajna***. Ma għandhomx ikunu soġġetti għal kontroll minn pajjiż terz li mhuwiex Stat taż-ŻEE-EFTA jew ***l-Ukrajna jew*** minn entità oħra ta' pajjiż terz li mhijiex stabbilita fl-Unjoni***,*** fi Stat taż-ŻEE-EFTA ***jew fl-Ukrajna***;	(iii) il-kuntratturi involuti fl-akkwist komuni għandhom jiġu stabbiliti u jkollhom l-istrutturi maniġerjali eżekuttivi tagħhom fl-Unjoni ***jew*** fi Stat taż-ŻEE-EFTA. Ma għandhomx ikunu soġġetti għal kontroll minn pajjiż terz li mhuwiex Stat taż-ŻEE-EFTA jew minn entità oħra ta' pajjiż terz li mhijiex stabbilita fl-Unjoni ***jew*** fi Stat taż-ŻEE-EFTA;

Or. en

Emenda 189
Merja Kyllönen

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 10 – punt c
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 28 – punt 3 – punt d – punt (iii)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iii) il-kuntratturi involuti fl-akkwist komuni għandhom jiġu stabbiliti u jkollhom l-istrutturi maniġerjali eżekuttivi tagħhom fl-Unjoni, fi Stat taż-ŻEE-EFTA ***jew*** fl-Ukrajna. Ma għandhomx ikunu soġġetti għal kontroll minn pajjiż terz li mhuwiex Stat taż-ŻEE-EFTA jew l-Ukrajna jew minn entità oħra ta' pajjiż terz li mhijiex stabbilita fl-Unjoni, fi Stat taż-ŻEE-EFTA jew fl-Ukrajna;	(iii) il-kuntratturi involuti fl-akkwist komuni għandhom jiġu stabbiliti u jkollhom l-istrutturi maniġerjali eżekuttivi tagħhom fl-Unjoni, fi Stat taż-ŻEE-EFTA jew fl-Ukrajna ***jew fil-Kanada, fir-Renju Unit, fil-Korea t'Isfel jew fil-Ġappun***. Ma għandhomx ikunu soġġetti għal kontroll minn pajjiż terz li mhuwiex Stat taż-ŻEE-EFTA***, il-Kanada, ir-Renju Unit, il-Korea t'Isfel, il-Ġappun*** jew l-Ukrajna jew minn

entità oħra ta' pajjiż terz li mhijiex stabbilita fl-Unjoni, fi Stat taż-ŻEE-EFTA jew ***fil-Kanada, fir-Renju Unit, fil-Korea t'Isfel, fil-Ġappun jew*** fl-Ukrajna;

Or. fi

Ġustifikazzjoni

Din iż-żieda tagħmilha possibbli għall-Istati Membri li sadanittant jakkwistaw materjali kritiċi, jekk alternattiva Ewropea ma tkunx disponibbli.

Emenda 190
Klara Dostalova

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 10 – punt c
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 28 – punt 3 – punt d – punt (iv)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iv) l-Artikolu 16(5), (6) u (9) tar-Regolament (UE) 2025/1106 tal-Kunsill* japplika sa fejn jirreferi għall-kuntratturi;	***imħassar***

Or. en

Emenda 191
Stefano Cavedagna

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 10 – punt c
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 28 – punt 3 – punt d – punt (iv)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iv) l-Artikolu 16(5), (6) u (9) tar-Regolament (UE) 2025/1106 tal-Kunsill* japplika sa fejn jirreferi għall-kuntratturi;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 28(2)(d), il-punti (iii) sa (viii) ma għandhomx jiġu introdotti fid-Direttiva dwar l-Akkwist Pubbliku fil-Qasam tad-Difiża. Dawn jonqsu milli jiddistingwu bejn il-fondi tal-UE u dawk nazzjonali, u jimponu kundizzjonalità mhux ġustifikata fuq id-deċiżjonijiet baġitarji sovrani tal-Istati Membri. Barra minn hekk, iżidu l-piż amministrattiv u l-kumplessità, u jikkontradixxu l-objettiv ewlieni tad-Direttiva li tissimplifika u taċċellera l-akkwist tad-difiża fl-UE.

Emenda 192
Alexandr Vondra, Ondřej Krutílek

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 10 – punt c
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 28 – punt 3 – punt d – punt (iv)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iv) l-***Artikolu 16(5), (6) u (9)*** tar-Regolament (UE) ***2025/1106 tal-Kunsill**** ***japplika sa fejn jirreferi għall-kuntratturi;***	(iv) ***B'deroga mill-kundizzjonijiet imsemmija fil-punt (iii), entità legali stabbilita fl-Unjoni, fl-Istat taż-ŻEE-EFTA jew fl-Ukrajna u kkontrollata minn pajjiż terz ieħor jew minn entità oħra ta' pajjiż terz tista' tkun kuntrattur involut fl-akkwist komuni jekk tkun ġiet soġġetta għal skrinjar skont it-tifsira*** tar-Regolament (UE) ***2019/452* u, meta jkun neċessarju, għal miżuri ta' mitigazzjoni xierqa, jew jekk tipprovdi garanziji vverifikati mill-Istat Membru li fih ikun stabbilit il-kuntrattur jew is-sottokuntrattur involut fl-akkwist komuni. Il-garanziji għandhom jipprovdu assigurazzjonijiet li l-involviment tal-kuntrattur jew tas-sottokuntrattur fl-akkwist komuni ma jmurx kontra l-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha kif stabbilit fil-qafas tal-politika estera u ta' sigurtà komuni skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.***

Or. en

Emenda 193
Pierfrancesco Maran, Yannis Maniatis, Raphaël Glucksmann, Costas Mavrides, Brando Benifei, José Cepeda, Sven Mikser

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 10 – punt c
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 28 – punt 3 – punt d – punt (iv)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iv) l-Artikolu ***16(5)***, (6) u (9) tar-Regolament (UE) ***2025/1106*** tal-Kunsill* japplika sa fejn jirreferi għall-kuntratturi;	(iv) l-Artikolu ***10(5)***, (6) u (9) tar-Regolament (UE) ***2025/XXX [EDIP] tal-Parlament Ewropew u*** tal-Kunsill* japplika sa fejn jirreferi għall-kuntratturi;

Or. en

Emenda 194
Stefano Cavedagna

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 10 – punt c
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 28 – punt 3 – punt d – punt (v)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(v) il-kuntratturi involuti fl-akkwist komuni jistgħu jitqiesu li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà msemmija fil-punt (ii) u (iii) meta jkunu ssodisfaw kundizzjonijiet ekwivalenti skont ir-Regolamenti (UE) 2018/1092**, (UE) 2021/697, (UE) 2023/1525**** jew (UE) 2023/2418***** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u dment li l-ebda bidla sussegwenti ma tpoġġi f'dubju l-issodisfar ta' dawk il-kundizzjonijiet;***	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 28(2)(d), il-punti (iii) sa (viii) ma għandhomx jiġu introdotti fid-Direttiva dwar l-Akkwist Pubbliku fil-Qasam tad-Difiża. Dawn jonqsu milli jiddistingwu bejn il-fondi tal-UE u dawk nazzjonali, u jimponu kundizzjonalità mhux ġustifikata fuq id-

deċiżjonijiet bażitarji sovrani tal-Istati Membri. Barra minn hekk, iżidu l-piż amministrattiv u l-kumplessità, u jikkontradixxu l-objettiv ewlieni tad-Direttiva li tissimplifika u taċċellera l-akkwist tad-difiża fl-UE.

Emenda 195
Pierfrancesco Maran, Yannis Maniatis, Raphaël Glucksmann, Costas Mavrides, Brando Benifei, José Cepeda, Sven Mikser

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 10 – punt c
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 28 – punt 3 – punt d – punt v

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(v) il-kuntratturi involuti fl-akkwist komuni jistgħu jitqiesu li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà msemmija fil-punt (ii) u (iii) meta jkunu ssodisfaw kundizzjonijiet ekwivalenti skont ***ir-Regolamenti (UE) 2018/1092**, (UE) 2021/697***, (UE) 2023/1525**** jew (UE) 2023/2418******* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ***u dment li l-ebda bidla sussegwenti ma tpoġġi f'dubju l-issodisfar ta' dawk il-kundizzjonijiet***;	(v) il-kuntratturi involuti fl-akkwist komuni jistgħu jitqiesu li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà msemmija fil-punt (ii) u (iii) meta jkunu ssodisfaw kundizzjonijiet ekwivalenti skont ***ir-Regolament (UE) 2025/XXX [EDIP]*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

Or. en

Emenda 196
Stefano Cavedagna

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 10 – punt c
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 28 – punt 3 – punt d – punt (vi)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(vi) l-infrastruttura, il-faċilitajiet, l-assi u r-riżorsi tal-kuntratturi u tas-sottokuntratturi involuti fl-akkwist komuni li jintużaw għall-finijiet tal-akkwist komuni għandhom ikunu jinsabu fit-territorju ta' Stat Membru jew ta' Stat	***imħassar***

taż-ŻEE-EFTA. Meta l-kuntratturi jew is-sottokuntratturi involuti fl-akkwist komuni ma jkollhomx alternattivi disponibbli faċilment jew infrastruttura, faċilitajiet, assi u riżorsi rilevanti fit-territorju ta' Stat Membru jew ta' Stat taż-ŻEE-EFTA, huma jistgħu jużaw l-infrastruttura, il-faċilitajiet, l-assi u r-riżorsi tagħhom li jinsabu jew jinżammu barra minn dawk it-territorji, dment li dan l-użu ma jkunx imur kontra l-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 28(2)(d), il-punti (iii) sa (viii) ma għandhomx jiġu introdotti fid-Direttiva dwar l-Akkwist Pubbliku fil-Qasam tad-Difiża. Dawn jonqsu milli jiddistingwu bejn il-fondi tal-UE u dawk nazzjonali, u jimponu kundizzjonalità mhux ġustifikata fuq id-deċiżjonijiet baġitarji sovrani tal-Istati Membri. Barra minn hekk, iżidu l-piż amministrattiv u l-kumplessità, u jikkontradixxu l-objettiv ewlieni tad-Direttiva li tissimplifika u taċċellera l-akkwist tad-difiża fl-UE.

Emenda 197
Alexandr Vondra, Ondřej Krutílek

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 10 – punt c
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 28 – punt 3 – punt d – punt (vi)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(vi) l-infrastruttura, il-faċilitajiet, l-assi u r-riżorsi tal-kuntratturi u tas-sottokuntratturi involuti fl-akkwist komuni li jintużaw għall-finijiet tal-akkwist komuni għandhom ikunu jinsabu fit-territorju ta' Stat Membru jew ta' Stat taż-ŻEE-EFTA. Meta l-kuntratturi jew is-sottokuntratturi involuti fl-akkwist komuni ma jkollhomx alternattivi disponibbli faċilment jew infrastruttura, faċilitajiet, assi u riżorsi rilevanti fit-territorju ta' Stat Membru jew ta' Stat taż-	***imħassar***

ŻEE-EFTA, huma jistgħu jużaw l-infrastruttura, il-faċilitajiet, l-assi u r-riżorsi tagħhom li jinsabu jew jinżammu barra minn dawk it-territorji, dment li dan l-użu ma jkunx imur kontra l-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Nipproponu li dan il-punt jitħassar kollu kemm hu, peress li jikkostitwixxi kundizzjoni żejda mingħajr valur miżjud. Il-kundizzjonijiet l-oħra għall-applikazzjoni tal-NPWPP għandhom jipprovdu biżżejjed garanziji li l-Istati Membri li jikkooperaw se jakkwistaw mingħand fornituri skrutinizzati b'mod adegwat.

Emenda 198
Klara Dostalova

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 10 – punt c
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 28 – punt 3 – punt d – punt (vi)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(vi) l-infrastruttura, il-faċilitajiet, l-assi u r-riżorsi tal-kuntratturi u tas-sottokuntratturi involuti fl-akkwist komuni li jintużaw għall-finijiet tal-akkwist komuni għandhom ikunu jinsabu fit-territorju ta' Stat Membru jew ta' Stat taż-ŻEE-EFTA. Meta l-kuntratturi jew is-sottokuntratturi involuti fl-akkwist komuni ma jkollhomx alternattivi disponibbli faċilment jew infrastruttura, faċilitajiet, assi u riżorsi rilevanti fit-territorju ta' Stat Membru jew ta' Stat taż-ŻEE-EFTA, huma jistgħu jużaw l-infrastruttura, il-faċilitajiet, l-assi u r-riżorsi tagħhom li jinsabu jew jinżammu barra minn dawk it-territorji, dment li dan l-użu ma jkunx imur kontra l-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha;	***imħassar***

Or. en

Emenda 199
Merja Kyllönen

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 10 – punt c
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 28 – punt 3 – punt d – punt (vi)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(vi) l-infrastruttura, il-faċilitajiet, l-assi u r-riżorsi tal-kuntratturi u tas-sottokuntratturi involuti fl-akkwist komuni li jintużaw għall-finijiet tal-akkwist komuni għandhom ikunu jinsabu fit-territorju ta' Stat Membru ***jew*** ta' Stat taż-ŻEE-EFTA. Meta l-kuntratturi jew is-sottokuntratturi involuti fl-akkwist komuni ma jkollhomx alternattivi disponibbli faċilment jew infrastruttura, faċilitajiet, assi u riżorsi rilevanti fit-territorju ta' Stat Membru jew ta' Stat taż-ŻEE-EFTA, huma jistgħu jużaw l-infrastruttura, il-faċilitajiet, l-assi u r-riżorsi tagħhom li jinsabu jew jinżammu barra minn dawk it-territorji, dment li dan l-użu ma jkunx imur kontra l-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha;	(vi) L-infrastruttura, il-faċilitajiet, l-assi u r-riżorsi tal-kuntratturi u tas-sottokuntratturi involuti fl-akkwist komuni li jintużaw għall-finijiet tal-akkwist komuni għandhom ikunu jinsabu fit-territorju ta' Stat Membru***,*** ta' Stat taż-ŻEE-EFTA ***jew fil-Kanada, fir-Renju Unit, fil-Korea t'Isfel jew fl-Ukrajna***. Meta l-kuntratturi jew is-sottokuntratturi involuti fl-akkwist komuni ma jkollhomx alternattivi disponibbli faċilment jew infrastruttura, faċilitajiet, assi u riżorsi rilevanti fit-territorju ta' Stat Membru jew ta' Stat taż-ŻEE-EFTA, huma jistgħu jużaw l-infrastruttura, il-faċilitajiet, l-assi u r-riżorsi tagħhom li jinsabu jew jinżammu barra minn dawk it-territorji, dment li dan l-użu ma jkunx imur kontra l-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha;

Or. fi

Emenda 200
Pierfrancesco Maran, Yannis Maniatis, Raphaël Glucksmann, Costas Mavrides, Brando Benifei, José Cepeda, Sven Mikser

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 10 – punt c
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 28 – punt 3 – punt d – punt (vi)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(vi) l-infrastruttura, il-faċilitajiet, l-assi u r-riżorsi tal-kuntratturi u tas-sottokuntratturi involuti fl-akkwist komuni li jintużaw għall-finijiet tal-akkwist komuni għandhom ikunu jinsabu fit-territorju ta' Stat Membru ***jew*** ta' Stat taż-ŻEE-EFTA. Meta l-kuntratturi jew is-sottokuntratturi involuti fl-akkwist komuni ma jkollhomx alternattivi disponibbli faċilment jew infrastruttura, faċilitajiet, assi u riżorsi rilevanti fit-territorju ta' Stat Membru ***jew*** ta' Stat taż-ŻEE-EFTA, huma jistgħu jużaw l-infrastruttura, il-faċilitajiet, l-assi u r-riżorsi tagħhom li jinsabu jew jinżammu barra minn dawk it-territorji, dment li dan l-użu ma jkunx imur kontra l-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha;	(vi) l-infrastruttura, il-faċilitajiet, l-assi u r-riżorsi tal-kuntratturi u tas-sottokuntratturi involuti fl-akkwist komuni li jintużaw għall-finijiet tal-akkwist komuni għandhom ikunu jinsabu fit-territorju ta' Stat Membru***,*** ta' Stat taż-ŻEE-EFTA ***jew tal-Ukrajna***. Meta l-kuntratturi jew is-sottokuntratturi involuti fl-akkwist komuni ma jkollhomx alternattivi disponibbli faċilment jew infrastruttura, faċilitajiet, assi u riżorsi rilevanti fit-territorju ta' Stat Membru***,*** ta' Stat taż-ŻEE-EFTA ***jew tal-Ukrajna***, huma jistgħu jużaw l-infrastruttura, il-faċilitajiet, l-assi u r-riżorsi tagħhom li jinsabu jew jinżammu barra minn dawk it-territorji, dment li dan l-użu ma jkunx imur kontra l-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha;

Or. en

Emenda 201
Klara Dostalova

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 10 – punt c
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 28 – punt 3 – punt d – punt (via)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(via) B'deroga mill-kundizzjonijiet imsemmija fil-punt (iii), entità legali stabbilita fl-Unjoni, fi Stat taż-ŻEE-EFTA jew fl-Ukrajna u kkontrollata minn pajjiż terz ieħor jew minn entità oħra ta' pajjiż terz tista' tkun kuntrattur involut fl-akkwist komuni jekk tkun ġiet soġġetta għal skrinjar skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2019/4528* u, meta jkun neċessarju, għal miżuri ta' mitigazzjoni xierqa, jew jekk tipprovdi garanziji vverifikati mill-Istat Membru li fih ikun stabbilit il-kuntrattur jew is-

	sottokuntrattur involut fl-akkwist komuni. Il-garanziji għandhom jipprovdu assigurazzjonijiet li l-involviment tal-kuntrattur jew tas-sottokuntrattur fl-akkwist komuni ma jmurx kontra l-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha kif stabbilit fil-qafas tal-politika estera u ta' sigurtà komuni skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.
	((Ir-Regolament (UE) 2019/452 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi qafas għall-iskrinjar tal-investimenti diretti barranin fl-Unjoni.))

Or. en

Emenda 202
Merja Kyllönen

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 10 – punt c
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 28 – punt 3 – punt d – punt (vii)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(vii) il-kost tal-komponenti li joriġinaw barra mill-Unjoni jew mill-Istati taż-ŻEE-EFTA ma għandux ikun aktar minn 35 % tal-kost stmat tal-komponenti tal-prodott finali;";	***imħassar***

Or. fi

Emenda 203
Alexandr Vondra, Ondřej Krutílek

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 10 – punt c
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 28 – punt 3 – punt d – punt (vii)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(vii) il-kost tal-komponenti li joriġinaw barra mill-Unjoni jew mill-Istati taż-ŻEE-EFTA ma għandux ikun aktar minn 35 % tal-kost stmat tal-komponenti tal-prodott finali;";	***imħassar***

Or. en

Emenda 204
Klara Dostalova

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 10 – punt c
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 28 – punt 3 – punt d – punt (vii)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(vii) il-kost tal-komponenti li joriġinaw barra mill-Unjoni jew mill-Istati taż-ŻEE-EFTA ma għandux ikun aktar minn 35 % tal-kost stmat tal-komponenti tal-prodott finali;";	***imħassar***

Or. en

Emenda 205
Stefano Cavedagna

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 10 – punt c
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 28 – punt 3 – punt d – punt (vii)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(vii) il-kost tal-komponenti li joriġinaw barra mill-Unjoni jew mill-Istati taż-ŻEE-EFTA ma għandux ikun aktar minn 35 % tal-kost stmat tal-komponenti tal-prodott finali;";	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 28(2)(d), il-punti (iii) sa (viii) ma għandhomx jiġu introdotti fid-Direttiva dwar l-Akkwist Pubbliku fil-Qasam tad-Difiża. Dawn jonqsu milli jiddistingwu bejn il-fondi tal-UE u dawk nazzjonali, u jimponu kundizzjonalità mhux ġustifikata fuq id-deċiżjonijiet baġitarji sovrani tal-Istati Membri. Barra minn hekk, iżidu l-piż amministrattiv u l-kumplessità, u jikkontradixxu l-objettiv ewlieni tad-Direttiva li tissimplifika u taċċellera l-akkwist tad-difiża fl-UE.

Emenda 206
Hannah Neumann, Reinier Van Lanschot
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 10 – punt c
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 28 – punt 3 – punt d – punt (vii)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(vii) il-kost tal-komponenti li joriġinaw barra mill-Unjoni ***jew*** mill-Istati taż-ŻEE-EFTA ma għandux ikun aktar minn ***35*** % tal-kost stmat tal-komponenti tal-prodott finali;";	(vii) il-kost tal-komponenti li joriġinaw barra mill-Unjoni**,** mill-Istati taż-ŻEE-EFTA ***jew mill-Ukrajna*** ma għandux ikun aktar minn ***20 %*** tal-kost stmat tal-komponenti tal-prodott finali;";

Or. en

Emenda 207
Pierfrancesco Maran, Yannis Maniatis, Raphaël Glucksmann, Costas Mavrides, Brando Benifei, José Cepeda, Sven Mikser

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 10 – punt c
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 28 – punt 3 – punt d – punt vii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(vii) il-kost tal-komponenti li joriġinaw barra mill-Unjoni jew mill-Istati taż-ŻEE-EFTA ma għandux ikun aktar minn 35 % tal-kost stmat tal-komponenti tal-prodott finali;";	(vii) il-kost tal-komponenti li joriġinaw barra mill-Unjoni***, mill-Ukrajna*** jew mill-Istati taż-ŻEE-EFTA ma għandux ikun aktar minn 35 % tal-kost stmat tal-komponenti tal-prodott finali;";

Or. en

Emenda 208
Pekka Toveri, Anna-Maja Henriksson

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 10 – punt c
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 28 – punt 3 – punt d – punt (vii)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(vii) il-kost tal-komponenti li joriġinaw barra mill-Unjoni jew mill-Istati taż-ŻEE-EFTA ma għandux ikun aktar minn ***35*** % tal-kost stmat tal-komponenti tal-prodott finali;”;	(vii) il-kost tal-komponenti li joriġinaw barra mill-Unjoni jew mill-Istati taż-ŻEE-EFTA ma għandux ikun aktar minn ***50*** % tal-kost stmat tal-komponenti tal-prodott finali;”;

Or. en

Emenda 209
Kamila Gasiuk-Pihowicz

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 10 – punt c
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 28 – punt 3 – punt d – punt (vii)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(vii) il-kost tal-komponenti li joriġinaw barra mill-Unjoni jew mill-Istati taż-ŻEE-EFTA ma għandux ikun aktar minn ***35*** % tal-kost stmat tal-komponenti tal-prodott finali;”;	(vii) il-kost tal-komponenti li joriġinaw barra mill-Unjoni jew mill-Istati taż-ŻEE-EFTA ma għandux ikun aktar minn ***50*** % tal-kost stmat tal-komponenti tal-prodott finali;”;

Or. en

Emenda 210
Hannah Neumann, Reinier Van Lanschot
f’isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 10 – punt c
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 28 – punt 3 – punt d (ġdid)– punt viia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(viia) il-kuntratturi involuti fl-akkwist komuni għandhom il-kapaċità li jiddeċiedu, mingħajr restrizzjonijiet imposti minn pajjiżi terzi għajr l-Istati taż-ŻEE-EFTA jew minn entitajiet minn pajjiżi terzi għajr l-Istati taż-ŻEE-EFTA, dwar id-definizzjoni, l-adattament u l-evoluzzjoni tad-disinn tal-prodott finali, inkluża l-awtorità legali li tissostitwixxi jew tneħħi komponenti li huma soġġetti għal restrizzjonijiet imposti minn pajjiżi terzi għajr l-Istati taż-ŻEE-EFTA jew minn entitajiet minn pajjiżi terzi għajr l-Istati taż-ŻEE-EFTA.

Or. en

Emenda 211
Lucia Yar, Petras Auštrevičius, Marie-Agnes Strack-Zimmermann

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 10 – punt c
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 28 – punt 3 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) għal kuntratti mogħtija skont il-punt (d), l-awtoritajiet/entitajiet kontraenti għandhom jippubblikaw avviż ta' għoti mhux kunfidenzjali li jkun fih is-suġġett, il-valur totali, l-Istati Membri parteċipanti, u l-ġustifikazzjoni għall-użu tal-punt (d), inkluża konferma li l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti (d)(i) sa (vii) huma ssodisfati fi żmien 15-il jum kalendarju mid-data tal-għoti. Din il-pubblikazzjoni għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata u data kummerċjalment sensittiva.

Or. en

Emenda 212
Bart Groothuis, Ivars Ijabs, Marjan Šarec, Engin Eroglu, Jeannette Baljeu, Morten Løkkegaard, Hilde Vautmans, Petras Auštrevičius, Lucia Yar, Marie-Agnes Strack-Zimmermann, Svenja Hahn

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 10a (ġdid)
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 28 – punt 6 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10a) Jiddaħħal il-punt 6 li ġej:
	ea. L-awtoritajiet u l-entitajiet kontraenti jistgħu jagħmlu użu mir-riżultati ta' proċedura ta' akkwist tad-difiża Ewropea kompluta mwettqa fi Stat Membru ieħor f'konformità ma' din id-Direttiva, għal provvisti, xogħlijiet jew servizzi identiċi, mingħajr ma jirrepetu l-proċedura tal-għażla jew tal-għoti, dment li l-kundizzjonijiet essenzjali jibqgħu l-istess.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Istati Membri jżommu lura milli jerġgħu jużaw il-proċeduri ta' akkwist eżistenti, u dan jikkawża dewmien bla bżonn. Din l-emenda tikkonferma li tali użu mill-ġdid huwa legalment possibbli, filwaqt li tipprovdi ċarezza u tippermetti akkwist tad-difiża aktar rapidu u effiċjenti.

Emenda 213
Kamila Gasiuk-Pihowicz

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 11
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 29(2)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
"It-terminu ta' ftehim qafas ma jistax ikun itwal minn ***10 snin***, ħlief f'ċirkostanzi	"It-terminu ta' ftehim qafas ma jistax ikun itwal minn ***20 sena***, ħlief f'ċirkostanzi

eċċezzjonali determinati billi jitqiesu t-tul tas-servizz mistenni ta' kull oġġett, installazzjoni jew sistema mwassla, u d-diffikultajiet tekniċi li bidla fil-fornitur tista' toħloq.”;	eċċezzjonali determinati billi jitqiesu t-tul tas-servizz mistenni ta' kull oġġett, installazzjoni jew sistema mwassla, u d-diffikultajiet tekniċi li bidla fil-fornitur tista' toħloq.”;

Or. en

Emenda 214
Hannah Neumann, Reinier Van Lanschot
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 11a (ġdid)
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 29 – paragrafu 5 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(11a) fl-Artikolu 29, jiddaħħal il-ħames paragrafu li ġej:
	“5a. Awtorità/entità kontraenti minn Stat Membru ieħor tista', bi qbil mal-awtoritajiet/entitajiet kontraenti diġà involuti u l-offerent jew il-kandidat magħżul u meta t-termini tal-ftehim qafas jippermettu dan, tingħaqad ma' ftehim qafas eżistenti matul il-perjodu ta' validità tiegħu. Tali parteċipazzjoni ma għandhiex tinvolvi modifiki sostanzjali tat-termini essenzjali tal-ftehim qafas. Il-possibbiltà ta' tali adeżjoni tista' tiġi prevista fid-dokumenti tal-akkwist oriġinali jew miftiehma sussegwentement meta dan ikun iġġustifikat minn kunsiderazzjonijiet ta' interoperabbiltà, effiċjenza, jew is-sinkronizzazzjoni taċ-ċikli tal-ħajja tal-kapaċità”.

Or. en

Emenda 215
Kamila Gasiuk-Pihowicz

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 12
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 29a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Għax-xiri ta' oġġetti użati b'mod komuni li l-karatteristiċi tiegħu***, kif ġeneralment ikun disponibbli fis-suq***, jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-awtoritajiet/entitajiet kontraenti, l-awtoritajiet/entitajiet kontraenti jistgħu jużaw sistema dinamika ta' xiri. Is-sistema dinamika ta' xiri għandha tiġi operata bħala proċess kompletament elettroniku u għandha tkun miftuħa matul il-perjodu ta' validità tas-sistema tax-xiri għal kull operatur ekonomiku li jissodisfa l-kriterji tal-għażla. Hija tista' tiġi diviża f'kategoriji ta' prodotti, xogħlijiet jew servizzi li huma definiti oġġettivament abbażi ta' karatteristiċi tal-akkwist li għandhom jitwettqu taħt il-kategorija kkonċernata. Tali karatteristiċi jistgħu jinkludu referenza għad-daqs massimu permissibbli tal-kuntratti speċifiċi sussegwenti jew għal żona ġeografika speċifika fi fiha se jiġu eżegwiti kuntratti speċifiċi sussegwenti.	1. Għax-xiri ta' oġġetti użati b'mod komuni ***ta' tagħmir militari standardizzat u l-komponenti tiegħu*** li l-karatteristiċi tiegħu, jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-awtoritajiet/entitajiet kontraenti, l-awtoritajiet/entitajiet kontraenti jistgħu jużaw sistema dinamika ta' xiri. Is-sistema dinamika ta' xiri għandha tiġi operata bħala proċess kompletament elettroniku u għandha tkun miftuħa matul il-perjodu ta' validità tas-sistema tax-xiri għal kull operatur ekonomiku li jissodisfa l-kriterji tal-għażla. Hija tista' tiġi diviża f'kategoriji ta' prodotti, xogħlijiet jew servizzi li huma definiti oġġettivament abbażi ta' karatteristiċi tal-akkwist li għandhom jitwettqu taħt il-kategorija kkonċernata. Tali karatteristiċi jistgħu jinkludu referenza għad-daqs massimu permissibbli tal-kuntratti speċifiċi sussegwenti jew għal żona ġeografika speċifika fi fiha se jiġu eżegwiti kuntratti speċifiċi sussegwenti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-tagħmir militari ġeneralment ma jkunx disponibbli fis-suq, iżda pjuttost dawn il-prodotti huma soġġetti għal konċessjonijiet u limitazzjonijiet, peress li l-prodotti spiss ikunu mfassla għal kull armata. Għalhekk, aktar milli prodotti disponibbli b'mod ġenerali, dan l-artikolu għandu minflok jirreferi għal tagħmir militari standardizzat u l-komponenti tiegħu.

Emenda 216
Pierfrancesco Maran, Yannis Maniatis, Raphaël Glucksmann, Costas Mavrides, Brando Benifei, José Cepeda

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 12
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 29a – paragrafu 4 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jippubblikaw sejħa għal kompetizzjoni billi jagħmluha ċara li hemm sistema dinamika ta' xiri involuta;	(a) jippubblikaw sejħa għal kompetizzjoni billi jagħmluha ċara li hemm sistema dinamika ta' xiri involuta ***u r-raġuni għaliha***;

Or. en

Emenda 217
Pierfrancesco Maran, Yannis Maniatis, Raphaël Glucksmann, Costas Mavrides, Brando Benifei, José Cepeda

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 12
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 29a – paragrafu 5 – it-tielet subparagrafu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtoritajiet/entitajiet kontraenti għandhom jinformaw lill-operatur ekonomiku kkonċernat malajr kemm jista' jkun dwar jekk ġiex ammess fis-sistema dinamika ta' xiri jew le.	L-awtoritajiet/entitajiet kontraenti għandhom jinformaw lill-operatur ekonomiku kkonċernat malajr kemm jista' jkun dwar jekk ġiex ammess fis-sistema dinamika ta' xiri jew le ***u r-raġunijiet għal dan***.

Or. en

Emenda 218
Pierfrancesco Maran, Yannis Maniatis, Raphaël Glucksmann, Costas Mavrides, Brando Benifei, José Cepeda

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 12
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 29a – paragrafu 6 – it-tieni subparagrafu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Huma għandhom jagħtu l-kuntratt lill-offerent li jkun issottometta l-aqwa offerta abbażi tal-kriterji tal-għoti stabbiliti fl-avviż ta' kuntratt għas-sistema dinamika	Huma għandhom jagħtu l-kuntratt lill-offerent li jkun issottometta l-aqwa offerta abbażi tal-kriterji tal-għoti ***f'termini ta' prezz u kwalità*** stabbiliti fl-avviż ta'

ta’ xiri jew, fejn jintuża avviż ta’ informazzjoni minn qabel bħala mezz ta’ sejħa għall-kompetizzjoni, fl-istedina għall-konferma tal-interess. ***Meta jkun xieraq***, dawk il-kriterji ***jistgħu*** jiġu fformulati bi preċiżjoni akbar fl-istedina għall-offerti.	kuntratt għas-sistema dinamika ta’ xiri ***f’konformità mal-Artikolu 47(1)(a)*** jew, fejn jintuża avviż ta’ informazzjoni minn qabel bħala mezz ta’ sejħa għall-kompetizzjoni, fl-istedina għall-konferma tal-interess. ***Meta applikabbli***, dawk il-kriterji ***għandhom*** jiġu fformulati bi preċiżjoni akbar fl-istedina għall-offerti.

Or. en

Emenda 219
Bart Groothuis, Engin Eroglu, Jeannette Baljeu, Morten Løkkegaard, Hilde Vautmans, Petras Auštrevičius

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 17
2009/81/EC
Artikolu 46a – paragrafu 2 – it-tieni subparagrafu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fil-proċedura ristretta, in-numru minimu ta’ kandidati għandu jkun ħamsa. Fil-proċedura nnegozjata bil-pubblikazzjoni ta’ avviż ta’ kuntratt, fil-proċedura ta’ djalogu kompetittiv u fis-sħubija għall-innovazzjoni, in-numru minimu ta’ kandidati għandu jkun ***tlieta***. Fi kwalunkwe każ in-numru ta’ kandidati mistiedna għandu jkun biżżejjed biex jiżgura kompetizzjoni ġenwina.	Fil-proċedura ristretta, in-numru minimu ta’ kandidati għandu jkun ħamsa. Fil-proċedura nnegozjata bil-pubblikazzjoni ta’ avviż ta’ kuntratt, fil-proċedura ta’ djalogu kompetittiv u fis-sħubija għall-innovazzjoni, in-numru minimu ta’ kandidati għandu jkun ***tnejn***. Fi kwalunkwe każ in-numru ta’ kandidati mistiedna għandu jkun biżżejjed biex jiżgura kompetizzjoni ġenwina.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tippermetti flessibbiltà akbar għall-Istati Membri li spiss jikkollaboraw fuq bażi bilaterali fuq proġetti tad-difiża.

Emenda 220
Pierfrancesco Maran, Yannis Maniatis, Raphaël Glucksmann, Costas Mavrides, Brando Benifei, José Cepeda

Proposta għal direttiva

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 17
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 46a – paragrafu 2 – it-tielet subparagrafu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtoritajiet/entitajiet kontraenti għandhom jistiednu numru ta' kandidati tal-inqas daqs in-numru minimu. Madankollu, meta n-numru ta' kandidati li jissodisfaw il-kriterji tal-għażla u l-livelli minimi ta' abbiltà, kif imsemmi fl-Artikolu 38(3), ikun inqas min-numru minimu, l-awtorità/entità kontraenti tista' tkompli l-proċedura billi tistieden il-kandidati bil-kapaċitajiet meħtieġa. Fil-kuntest tal-istess proċedura, l-awtorità/entità kontraenti ma għandhiex tinkludi operaturi ekonomiċi li ma talbux li jieħdu sehem, jew kandidati li ***ma għandhomx il-kapaċitajiet meħtieġa***.	L-awtoritajiet/entitajiet kontraenti għandhom jistiednu numru ta' kandidati tal-inqas daqs in-numru minimu. Madankollu, meta n-numru ta' kandidati li jissodisfaw il-kriterji tal-għażla u l-livelli minimi ta' abbiltà, kif imsemmi fl-Artikolu 38(3), ikun inqas min-numru minimu, l-awtorità/entità kontraenti tista' tkompli l-proċedura billi tistieden il-kandidati bil-kapaċitajiet meħtieġa. Fil-kuntest tal-istess proċedura, l-awtorità/entità kontraenti ma għandhiex tinkludi operaturi ekonomiċi li ma talbux li jieħdu sehem, jew kandidati li ***ma jissodisfawx il-kriterji indikati fl-avviż dwar kuntratt jew fl-istedina għall-konferma tal-interess u dokumenti tal-akkwist relatati***.

Or. en

Emenda 221
Pierfrancesco Maran, Yannis Maniatis, Raphaël Glucksmann, Costas Mavrides, Brando Benifei, José Cepeda

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 17
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 46b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta l-awtoritajiet/entitajiet kontraenti jirrikorru għall-għażla li jnaqqsu n-numru ta' offerti li għandhom jiġu nnegozjati kif previst fl-Artikolu 26(3) jew ta' soluzzjonijiet li għandhom jiġu diskussi kif previst fl-Artikolu 27(4), huma għandhom jagħmlu dan billi japplikaw il-kriterji tal-għoti ddikjarati fid-dokumenti tal-akkwist. Fl-istadju finali, in-numru finali għandu jkun biżżejjed biex tiġi żgurata	Meta l-awtoritajiet/entitajiet kontraenti jirrikorru għall-għażla li jnaqqsu n-numru ta' offerti li għandhom jiġu nnegozjati kif previst fl-Artikolu 26(3) jew ta' soluzzjonijiet li għandhom jiġu diskussi kif previst fl-Artikolu 27(4), huma għandhom jagħmlu dan billi japplikaw il-kriterji tal-għoti ddikjarati fid-dokumenti tal-akkwist***, li għandhom ikunu oġġettivi u nondiskriminatorji***. Fl-istadju finali, in-

kompetizzjoni ġenwina billi jkun hemm biżżejjed offerti, soluzzjonijiet jew kandidati kwalifikati.”;	numru finali għandu jkun biżżejjed biex tiġi żgurata kompetizzjoni ġenwina billi jkun hemm biżżejjed offerti, soluzzjonijiet jew kandidati kwalifikati.”;

Or. en

Emenda 222
Pierfrancesco Maran, Yannis Maniatis, Raphaël Glucksmann, Costas Mavrides, Brando Benifei, José Cepeda

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 18
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 49a – paragrafu 1 – punt b – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) tikkawża inkonvenjenza sinifikanti jew duplikazzjoni sostanzjali tal-kostijiet għall-awtorità/entità kontraenti;	(ii) tikkawża inkonvenjenza sinifikanti ***ppruvata*** jew duplikazzjoni sostanzjali tal-kostijiet għall-awtorità/entità kontraenti;

Or. en

Emenda 223
Alexandr Vondra, Ondřej Krutílek

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 18
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 49a – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Madankollu, kwalunkwe żieda fil-prezz ma għandhiex taqbeż ***il-50*** % tal-valur tal-kuntratt oriġinali. Meta jsiru diversi modifiki suċċessivi, dik il-limitazzjoni għandha tapplika għall-valur ta’ kull modifika. Tali modifiki konsekuttivi ma għandhomx ikunu mmirati lejn iċ-ċirkomvenzjoni ta’ din id-Direttiva;	Madankollu, kwalunkwe żieda fil-prezz ma għandhiex taqbeż ***il-100*** % tal-valur tal-kuntratt oriġinali. Meta jsiru diversi modifiki suċċessivi, dik il-limitazzjoni għandha tapplika għall-valur ta’ kull modifika. Tali modifiki konsekuttivi ma għandhomx ikunu mmirati lejn iċ-ċirkomvenzjoni ta’ din id-Direttiva;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Fil-paragrafu li jiddikjara: "Madankollu kwalunkwe żieda fil-prezz ma għandhiex taqbeż il-50 % tal-valur tal-kuntratt oriġinali. Meta jsiru diversi modifiki suċċessivi, dik il-limitazzjoni għandha tapplika għall-valur ta' kull modifika. Tali modifiki konsekuttivi ma għandhomx ikunu mmirati lejn iċ-ċirkomvenzjoni ta' din id-Direttiva," nippproponu li l-valur ta' "50 %" jinbidel għal "100 %".

Emenda 224
Klara Dostalova

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 18
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 49a – paragrafu 1 – punt (b)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Madankollu, kwalunkwe żieda fil-prezz ma għandhiex taqbeż ***il-50*** % tal-valur tal-kuntratt oriġinali. Meta jsiru diversi modifiki suċċessivi, dik il-limitazzjoni għandha tapplika għall-valur ta' kull modifika. Tali modifiki konsekuttivi ma għandhomx ikunu mmirati lejn iċ-ċirkomvenzjoni ta' din id-Direttiva;	Madankollu, kwalunkwe żieda fil-prezz ma għandhiex taqbeż ***it-80*** % tal-valur tal-kuntratt oriġinali. Meta jsiru diversi modifiki suċċessivi, dik il-limitazzjoni għandha tapplika għall-valur ta' kull modifika. Tali modifiki konsekuttivi ma għandhomx ikunu mmirati lejn iċ-ċirkomvenzjoni ta' din id-Direttiva;

Or. en

Emenda 225
Reinis Pozņaks
f'isem il-Grupp ECR

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 18
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 49a – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Madankollu, kwalunkwe żieda fil-prezz ma għandhiex taqbeż ***il-50 %*** tal-valur tal-kuntratt oriġinali. Meta jsiru diversi modifiki suċċessivi, dik il-limitazzjoni għandha tapplika għall-valur ta' kull modifika. Tali modifiki konsekuttivi ma	Madankollu, kwalunkwe żieda fil-prezz ma għandhiex taqbeż ***it-30 %*** tal-valur tal-kuntratt oriġinali. Meta jsiru diversi modifiki suċċessivi, dik il-limitazzjoni għandha tapplika għall-valur ta' kull modifika. Tali modifiki konsekuttivi ma

għandhomx ikunu mmirati lejn iċ-ċirkomvenzjoni ta' din id-Direttiva;	għandhomx ikunu mmirati lejn iċ-ċirkomvenzjoni ta' din id-Direttiva;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Fl-akkwist pubbliku fil-qasam tad-difiża, il-kuntratti diġà jistgħu jkunu kbar ħafna, għalhekk 50 % x'aktarx li jirrappreżenta ammonti kbar. Dan idgħajjef il-pressjoni kompetittiva, peress li l-awtoritajiet jistgħu jibbażaw fuq il-modifiki aktar milli fuq offerti ġodda. Ma nistgħux nimportaw din il-klawżola mid-Direttiva dwar l-Akkwist Ġenerali tal-2014 fis-settur tad-difiża fejn il-valur tal-kuntratti huwa fost l-akbar fi kwalunkwe industrija.

Emenda 226
Reinis Pozņaks
f'isem il-Grupp ECR

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 18
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 49a – paragrafu 1 – punt c–punt (iii)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iii) kwalunkwe żieda fil-prezz mhijiex ogħla minn ***50 %*** tal-valur tal-kuntratt jew tal-ftehim qafas oriġinali. Meta jsiru diversi modifiki suċċessivi, dik il-limitazzjoni għandha tapplika għall-valur ta' kull modifika. Tali modifiki konsekuttivi ma għandhomx ikunu mmirati lejn iċ-ċirkomvenzjoni ta' din id-Direttiva;	(iii) kwalunkwe żieda fil-prezz mhijiex ogħla minn ***30 %*** tal-valur tal-kuntratt jew tal-ftehim qafas oriġinali. Meta jsiru diversi modifiki suċċessivi, dik il-limitazzjoni għandha tapplika għall-valur ta' kull modifika. Tali modifiki konsekuttivi ma għandhomx ikunu mmirati lejn iċ-ċirkomvenzjoni ta' din id-Direttiva;

Or. en

Emenda 227
Hannah Neumann, Reinier Van Lanschot
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 18
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 49a – paragrafu 1 – punt e (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) meta l-modifiki, irrispettivament mill-valur tagħhom, ma jkunux sostanzjali fis-sens tal-paragrafu ***2***.	(e) meta l-modifiki, irrispettivament mill-valur tagħhom, ma jkunux sostanzjali fis-sens tal-paragrafu ***3***.

Or. en

Emenda 228
Pierfrancesco Maran, Yannis Maniatis, Raphaël Glucksmann, Costas Mavrides, Brando Benifei, José Cepeda

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 18
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 49a – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) meta l-modifiki, irrispettivament mill-valur tagħhom, ma jkunux sostanzjali fis-sens tal-paragrafu ***2***.	(e) meta l-modifiki, irrispettivament mill-valur tagħhom, ma jkunux sostanzjali fis-sens tal-paragrafu ***3***.

Or. en

Emenda 229
Klara Dostalova

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 18
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 49a – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Barra minn hekk, u mingħajr ebda ħtieġa li jiġi vverifikat jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti (a) sa (d) tal-paragrafu 3 humiex issodisfati, il-kuntratti jistgħu jiġu modifikati bl-istess mod mingħajr proċedura ta' akkwist ġdida f'konformità ma' din id-Direttiva jekk ikun neċessarju fejn il-valur tal-modifika jkun taħt iż-żewġ valuri li ġejjin:

(a) il-limiti stabbiliti fl-Artikolu 8; kif ukoll

(b) 20 % tal-valur tal-kuntratt inizjali għall-kuntratti ta' servizzi u ta' provvista u 30 % tal-valur tal-kuntratt inizjali għall-kuntratti ta' xogħlijiet. Madanakollu, il-modifika ma tistax tibdel in-natura ġenerali tal-kuntratt jew tal-ftehim qafas. Fejn isiru diversi modifiki suċċessivi, il-valur għandu jiġi vvalutat fuq il-bażi tal-valur kumulattiv nett tal-modifiki suċċessivi.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Nippropponu li l-valur de minimis għall-modifiki ta' kuntratt mingħajr akkwist ġdid jinbidel għal mill-inqas 20 % għall-kuntratti ta' servizzi u ta' provvista u għal 30 % għall-kuntratti ta' xogħlijiet, peress li dan iġib flessibbiltà addizzjonali għall-Istati Membri u jnaqqas il-piż amministrattiv.

Emenda 230
Hannah Neumann, Reinier Van Lanschot
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 18a (ġdid)
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 50a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(18a) jiddaħħal l-Artikolu 50a li ġej:
	Artikolu 50a – Parteċipazzjoni industrijali u opportunitajiet ta' liċenzjar f'kuntratti ta' provvista
	1. Fil-kuntratti ta' provvista għall-forniment ta' prodotti tad-difiża, awtorità/entità kontraenti tista' tirrikjedi lill-offerent jew lill-kandidat rebbieħ joffri, taħt kundizzjonijiet ġusti u nondiskriminatorji, opportunitajiet ta' liċenzjar jew parteċipazzjoni lil offerenti jew kandidati mhux magħżula stabbiliti fl-Unjoni jew f'pajjiżi assoċjati jew fl-

Ukrajna, għall-fini li jikkontribwixxu għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt, f'konformità mat-termini u l-kundizzjonijiet miftiehma bejn l-offerent rebbieħ u l-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti.

2. Tali arranġamenti għandhom jippermettu lill-impriżi parteċipanti jimmanifatturaw, jimmuntaw jew ifornu komponenti jew subsistemi tal-provvista akkwistata, dment li jikkonformaw mar-rekwiżiti applikabbli kollha ta' sigurtà, kunfidenzjalità u kwalità skont l-avviż dwar kuntratt, din id-Direttiva u l-liġijiet nazzjonali rilevanti.

3. L-offerent rebbieħ għandu jkollu r-responsabbiltà ġenerali għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt fil-konfront tal-awtorità/entità kontraenti.

4. Il-Kummissjoni għandha tiffaċilita l-iskambju tal-aħjar prattiki fost l-Istati Membri u tista', meta jkun xieraq, toħroġ gwida biex tiżgura l-implimentazzjoni effettiva u koerenti ta' dan l-Artikolu, filwaqt li tqis kif xieraq il-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u s-salvagwardja tal-interessi essenzjali tas-sigurtà.

5. Dan l-Artikolu għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-miżuri neċessarji għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata jew interessi tas-sigurtà nazzjonali.

6. Dan l-Artikolu għandu japplika biss meta l-offerent jew il-kandidat rebbieħ ikollu l-kapaċità li jiddeċiedi, mingħajr restrizzjonijiet imposti minn pajjiżi terzi għajr l-Istati taż-ŻEE-EFTA jew minn entitajiet minn pajjiżi terzi għajr l-Istati taż-ŻEE-EFTA, dwar id-definizzjoni, l-adattament u l-evoluzzjoni tad-disinn tal-prodott finali, inkluża l-awtorità legali li tissostitwixxi jew tneħħi komponenti li huma soġġetti għal restrizzjonijiet imposti minn pajjiżi terzi għajr l-Istati taż-ŻEE-EFTA jew minn entitajiet minn pajjiżi terzi għajr l-Istati taż-ŻEE-EFTA.

Or. en

Emenda 231
Hannah Neumann, Reinier Van Lanschot
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 19
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 68

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) ***L-Artikoli 65, 66 u 68 jitħassru***.	(19) ***L-Artikolu 68 jitħassar***.

Or. en

Emenda 232
Pekka Toveri, Anna-Maja Henriksson

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 19b (ġdid)
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 68

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(19b) L-Artikolu 68 jitħassar.

Or. en

Emenda 233
Pekka Toveri, Anna-Maja Henriksson

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 19
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 65

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) ***L-Artikoli 65, 66 u 68 jitħassru***.	(19) ***L-Artikolu 65 huwa sostitwit b'dan li ġej:***

"Artikolu 65

Sabiex tkun tista' ssir valutazzjoni tar-riżultati tal-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża bl-appoġġ tal-Istati Membri għandha tibgħat lill-Kummissjoni u lill-Parlament rapport statistiku, imħejji f'konformità mal-Artikolu 66, li jindirizza l-kuntratti ta' provvista, servizzi u xogħlijiet mogħtija mill-awtoritajiet/entitajiet kontraenti matul is-sena preċedenti, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru ta' kull sena. B'deroga, l-obbligu stabbilit fil-paragrafu 1 għandu jiġi sospiż temporanjament sal-31 ta' Diċembru 2030, li jikkorrispondi għall-perjodu għall-ippjanar tal-prontezza tad-difiża tal-Unjoni. Matul il-perjodu ta' sospensjoni, il-Kummissjoni għandha, f'kooperazzjoni mal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża u l-Istati Membri, tirrieżamina n-neċessità, il-proporzjonalità u l-effettività tal-mekkaniżmu ta' rapportar statistiku msemmi fil-paragrafu. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport ta' rieżami lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2030, akkumpanjat, meta jkun xieraq, minn proposti leġiżlattivi biex jinżammu, jiġu emendati jew jitwaqqfu b'mod permanenti tali obbligi ta' rapportar statistiku. In-nefqa li tirriżulta mill-implimentazzjoni ta' dan l-artikolu għandha titħallas mill-baġit tal-Unjoni."

Or. en

Emenda 234
Pekka Toveri, Anna-Maja Henriksson

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 19a (ġdid)
Direttiva 2009/81/KE
Artikolu 66

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(19a) l-Artikolu 66 huwa sostitwit b'dan li ġej:
	"Artikolu 66 ***Kontenut tar-rapport statistiku***
	Ir-rapport statistiku mħejji mill-Aġenzija Ewropea għad-Difiża għandu jispeċifika n-numru u l-valur tal-kuntratti mogħtija, skont l-Istat Membru jew il-pajjiż terz tal-offerent rebbieħ. Għandu jindirizza, b'mod separat, il-kuntratti ta' provvisti, ta' servizzi u ta' xogħlijiet. Id-data msemmija fl-ewwel paragrafu għandha tiġi diżaggregata skont il-proċeduri użati u speċifikati, għal kull waħda minn dawn il-proċeduri, il-provvisti, is-servizzi u x-xogħlijiet identifikati mill-grupp tan-nomenklatura tas-CPV. Meta l-kuntratti jkunu ġew konklużi permezz tal-proċedura nnegozjata mingħajr pubblikazzjoni ta' avviż ta' kuntratt, id-data msemmija fl-ewwel u fit-tieni paragrafu għandha wkoll titqassam skont iċ-ċirkostanzi msemmija fl-Artikolu 28. Il-kontenut tar-rapport statistiku għandu jiġi ddeterminat f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 67(2)".

Or. en

Emenda 235
Hannah Neumann, Reinier Van Lanschot
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux aktar tard minn […], il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva.	L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux aktar tard minn [***6 xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva***], il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji

Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.	biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Or. en

Emenda 236
Hannah Neumann, Reinier Van Lanschot
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Huma għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet minn [**…**].	Huma għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet minn [***12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva***].

Or. en

Emenda 237
Hannah Neumann, Reinier Van Lanschot
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Sa [XX xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-kontribut ta' din id-Direttiva għall-objettivi tal-Prontezza tad-Difiża 2030, b'mod partikolari fir-rigward tal-progress li jkun sar biex jiżdied is-sehem tat-tagħmir ta' difiża akkwistat fl-Unjoni b'mod kollaborattiv, is-sehem tal-kummerċ tad-difiża intra-UE, u s-sehem tat-tagħmir ta' difiża tal-Istati Membri li jiġi akkwistat fl-Unjoni, u li tirrapportah lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Or. en

Emenda 238
Klara Dostalova

Proposta għal direttiva
Artikolu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Article3a
	Rieżami
	Il-Kummissjoni għandha perjodikament mill-inqas darba fis-sena tirrieżamina l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva fuq pajjiżi terzi ħlief għall-Istati taż-ŻEE u tal-EFTA. Meta jkun neċessarju, ir-rapport tal-Kummissjoni għandu jkun akkumpanjat minn proposta leġiżlattiva.

Or. en